

# Deċiżjoni vinkolanti tal-Bord (Art.66)



**Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti 01/2023 mitluba mill-AS  
Norveġija għall-ordni ta' miżuri finali rigward Meta  
Platforms Ireland Ltd (I-Artikolu 66(2) tal-GDPR)**

**Adottata fis-27 ta' Ottubru 2023**

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

## Werrej

1	Sommarju tal-fatti .....	4
1.1	Sommarju tal-avvenimenti rilevanti.....	4
1.2	Sottomissjoni tat-talba lill-EDPB u avvenimenti relatati .....	15
2	Kompetenza tal-EDPB biex jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR	16
2.1	L-AS ġadet miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR.....	16
2.2	L-eżistenza ta' talba skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR li ġejja minn AS fiż-ŻEE .....	17
2.3	Konklużjoni .....	17
3	Id-dritt għal amministrazzjoni tajba .....	17
4	Dwar il-ħtieġa li jintalbu miżuri finali .....	18
4.1	Dwar l-eżistenza ta' ksur .....	18
4.1.1	Dwar il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.....	19
4.1.2	Dwar il-ksur tal-obbligu ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji	45
4.2	Dwar l-eżistenza ta' urġenza li jiġu adottati miżuri finali permezz ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza .....	48
4.2.1	Dwar l-eżistenza ta' urġenza u l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza .....	49
4.2.2	Dwar l-applikazzjoni ta' preżunzjoni legali ta' urġenza li tiġġustifika l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza .....	59
4.2.3	Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' urġenza .....	69
5	Dwar il-miżuri finali xierqa .....	69
5.1	Kontenut tal-miżuri finali.....	69
5.1.1	Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO.....	69
5.1.2	Sommarju tal-pożizzjoni ta'Meta IE u ta' Facebook Norway .....	70
5.1.3	Analiżi tal-EDPB .....	73
5.1.4	Konklużjoni .....	80
5.2	Adozzjoni tal-miżuri finali u notifika lill-kontrollur .....	81
6	Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti .....	82
7	Kummenti tal-għeluq.....	83

## **II-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (minn hawn 'il quddiem “**GDPR**”, General *Data* Protection Regulation)<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 13, 23 u 39 tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB<sup>3</sup>, minn hawn 'il quddiem ir-“**RP tal-EDPB**”.

Billi:

(1) Ir-rwol ewljeni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem l-“**EDPB**”, European *Data* Protection Board jew il-“**Bord**”) huwa li jiġura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fi-ŻEE kollha. Għal dan il-ġhan, jista' jadotta opinjonijiet u deċiżjonijiet vinkolanti f’ċirkostanzi differenti deskritti fl-Artikoli 63 sa 66 tal-GDPR, fi ħdan il-mekkaniżmu ta' konsistenza. Il-GDPR stabbilixxa wkoll mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, kif isegwi mill-Artikolu 60 tal-GDPR li l-awtorità superviżorja ewlenija (minn hawn 'il quddiem “**LSA**”, Lead Supervisory Authority) għandha tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati (minn hawn 'il quddiem “**CSAs**”, Concerned Supervisory Authorities) fi sforz biex jintlaħaq kunsens.

(2) Skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR, f’ċirkostanzi eċċeżzjonal, meta awtorità superviżorja (“**AS**”) tqis li jkun hemm ħtieġa urġenti li taġixxi sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, hija tista', b'deroga mill-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikoli 63, 64 u 65 tal-GDPR jew il-proċedura msemmija fl-Artikolu 60 tal-GDPR, tadotta minnufih miżuri proviżorji maħsuba biex jipproduċu effetti legali fit-territorju tagħha stess b'perjodu speċifikat ta' validità li ma għandux jaqbeż it-3 xhur.

(3) F'konformità mal-Artikolu 66(2) tal-GDPR, meta awtorità superviżorja tkun ħadet miżura skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR u tqis li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri finali b'mod urġenti, hija tista' titlob opinjoni urġenti jew deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-Bord, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għat-talba ta' tali opinjoni jew deċiżjoni.

(4) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-RP tal-EDPB, l-awtorità superviżorja li titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti għandha tissottometti kwalunkwe dokument rilevanti. Meta jkun meħtieġ, id-dokumenti ppreżentati mill-awtorità superviżorja kompetenti għandhom jiġu tradotti għall-Ingliż mis-Segretarjat tal-EDPB. Ladarba l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu d-deċidew li l-fajl huwa komplut, dan jiġi kkomunikat permezz tas-Segretarjat tal-EDPB lill-membri tal-Bord mingħajr dewmien żejjed.

(5) Skont l-Artikolu 66(4) tal-GDPR u l-Artikolu 13(1) tar-RP tal-EDPB, id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB għandha tiġi adottata b'maġġoranza sempliċi tal-membri tal-EDPB fi żmien ġimxha wara d-deċiżjoni mill-President u mill-awtorità superviżorja kompetenti li l-fajl huwa komplut.

<sup>1</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-referenzi għal “Stati Membri” magħmulin f'din l-opinjoni għandhom jinftieħmu bħala referenzi għal “Stati Membri taż-ŻEE”. Ir-referenzi għal “UE” għandhom jinftieħmu, fejn rilevanti, bħala referenzi għaż-ŻEE”.

<sup>3</sup> Ir-regoli ta' Proċedura tal-EDPB, adottati fil-25 ta' Mejju 2018, kif modifikati l-aħħar u adottati fis-6 ta' April 2022.

# 1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. Dan id-dokument fih deċiżjoni vinkolanti urġenti adottata mill-EDPB skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR, wara talba magħmula mill-awtorità superviżorja Norveġija — “Datatilsynet” (minn hawn ‘il quddiem, l-“**AS NO**”) fil-qafas tal-proċedura ta’ urġenza skont l-Artikolu 66 tal-GDPR.

## 1.1 Sommarju tal-avvenimenti rilevanti

2. Fil-31 ta’ Diċembru 2022, l-awtorità superviżorja Irlandiża (“il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data”, minn hawn ‘il quddiem l-“**AS IE**”) ħarġet deċiżjoni finali dwar l-inkesta IN-18-5-5 (minn hawn ‘il quddiem, id-“**Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB**”, relatata mas-Servizz ta’ Facebook) u deċiżjoni finali dwar l-inkesta IN-18-5-7 (minn hawn ‘il quddiem, id-“**Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG**”, relatata ma’ Instagram Service) li fiha sabet li Meta Platforms Ireland Ltd (minn hawn ‘il quddiem, “**Meta IE**”) ma bbażatx fuq bażi ġuridika valida għall-ipproċessar ta’ *data personali* għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>4</sup>. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet (minn hawn ‘il quddiem, kollettivament, id-“**Deċiżjonijiet tal-AS IE**”) ġew adottati abbażi tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB 3/2022 u 4/2022, adottati mill-EDPB skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR fil-5 ta’ Diċembru 2022 (minn hawn ‘il quddiem, id-“**Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB**”)<sup>5</sup>.
3. Kull waħda mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE kkonkludiet li Meta IE ma kinitx intitolata li tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR sabiex twettaq l-ipproċessar ta’ *data personali* għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba fil-kuntest tat-Termini ta’ Servizz ta’ Facebook/ Termini ta’ Użu ta’ Instagram<sup>6</sup> u kienet tinkeludi ordni, indirizzata lil Meta IE, sabiex l-ipproċessar tagħha ta’ *data personali* għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba jsir konformi mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR fi żmien 3 xhur<sup>7</sup>.
4. Fil-5 ta’ April 2023, l-AS IE kkondividiet mas-CSAs<sup>8</sup>, bl-użu tas-sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (minn hawn ‘il quddiem, “**IMI**”)<sup>9</sup>, ir-rapporti ta’ konformità ta’ Meta IE rigward is-Servizz ta’ Facebook

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Irlandiża għall-Protezzjoni tad-Data tal-31 ta’ Diċembru 2022, Referenza tal-Inkesta tad-DPC: IN-18-5-5, dwar ilment dirett kontra Meta Platforms Ireland Limited (li qabel kienet Facebook Ireland Limited) fir-rigward tas-Servizz ta’ Facebook (id-“**Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB**”); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Irlandiża għall-Protezzjoni tad-Data tal-31 ta’ Diċembru 2022, Referenza tal-Inkesta tad-DPC: IN-18-5-7, dwar ilment dirett kontra Meta Platforms Ireland Limited (li qabel kienet Facebook Ireland Limited) fir-rigward ta’ Instagram Service (id-“**Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG**”).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022 tal-EDPB, adottata fil-5 ta’ Diċembru 2022 (minn hawn ‘il quddiem id-“**Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022**”); Id-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022 tal-EDPB adottata fil-5 ta’ Diċembru 2022 (minn hawn ‘il quddiem id-“**Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022**”). F’kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet vinkolanti, l-EDPB ta struzzjonijiet lill-AS IE biex tbiddel is-Sejba 2 tagħha tal-Abbozz ta’ Deċiżjoni tagħha, li kkonkludiet li Meta IE tista’ tibbażza fuq l-Art. 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-offerta tagħha tat-Termini ta’ Servizz ta’ Facebook jew it-Termini ta’ Użu ta’ Instagram u biex tinkeludi ksur tal-Art. 6(1) tal-GDPR abbażi tan-nuqqasijiet li l-EDPB identifika fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB. Ir-raġunament tal-EDPB huwa disponibbli fil-paragrafi 94–133 u 484 tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022 u fil-paragrafi 97–137 u 451 tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022.

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, is-Sejba 2, p. 49; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, is-Sejba 2, p. 49.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafi 8.8, 10.44; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafi 212, 417. L-iskadenza għall-konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE waqgħet fil-5 ta’ April 2023.

<sup>8</sup> Fil-każijiet li wasslu għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE, l-AS taż-ŻEE kollha kienu CSAs skont il-GDPR (id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, l-Iskeda 1, il-paragrafu 1.10; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, l-Appendiċi 1 — l-Iskeda 1, il-paragrafu 6).

<sup>9</sup> B’mod aktar speċifiku, fil-5 ta’ April 2023, l-AS IE kkondividiet ir-Rapporti ta’ Konformità ta’ Meta IE permezz ta’ żewġ flusxi tax-xogħol tal-IMI, wieħed għad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u wieħed għad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar

(IN-18-5-5) u s-Servizz ta' Instagram (IN-18-5-7) (minn hawn 'il quddiem kollettivament, ir-“**Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE**” jew ir-“**Rapporti ta' Konformità**<sup>10</sup>”) u l-materjal ta' appoġġ li Meta IE ssottomettiet lill-AS IE fit-3 ta' April 2023 bl-għan li tintwera l-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE. Fir-rapporti ta' Konformità tagħha, Meta IE indikat li biddlet il-bażi ġuridika tagħha għall-maġġoranza<sup>11</sup> tal-ipproċessar tagħha ta' *data personali* għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR mill-5 ta' April 2023, li kienet l-iskadenza għall-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>12</sup>. Speċifikament għad-dipendenza fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, Meta IE pprovdi valutazzjonijiet tal-interessi leġittimi bħala materjali ta' appoġġ<sup>13</sup> (minn hawn 'il quddiem kollettivament, il-“**Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE**”). Mingħajr ma pprovdi l-analiżi tagħha stess dwar ir-Rapporti ta' Konformità, l-AS IE stiednet lis-CSAs kollha sabiex jivalutaw il-punt sa fejn il-miżuri implementati minn Meta IE kisbu konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE u laqgħet il-feedback mis-CSAs sal-5 ta' Mejju 2023. L-iskadenza ġiet estiżha aktar tard sal-15 ta' Mejju 2023<sup>14</sup>.

5. Fl-istess jum, l-AS NO bagħtet email lill-AS IE fir-rigward tal-bidla tal-bażi ġuridika ta' Meta IE għal interessa leġittimu, filwaqt li esprimiet dubji serji dwar jekk din il-bażi ġuridika setgħetx tiġi invokata b'mod validu u talbet il-fehma preliminari tal-AS IE dwar dan.
6. Fis-6 ta' April 2023, fuq talba tal-AS IE, is-Segretarjat tal-EDPB iċċirkola messaġġ mill-AS IE lill-membri tas-sottogrupp ta' esperti dwar l-Infurzar fi ħdan l-EDPB. Tali messaġġ kellu l-ġhan li jattira l-attenzjoni kollha tas-CSAs għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE ċċirkolati mill-AS IE permezz tal-IMI<sup>15</sup>. Fl-istess jum, l-AS IE wieġbet għall-email tal-AS NO tal-5 ta' April 2023, li tindika l-messaġġ mill-AS IE lis-CSAs iċċirkolat mis-Segretarjat tal-EDPB.
7. Fit-13 ta' April 2023, l-AS IE kkondividiet mas-CSAs permezz tal-IMI żewġ ittri oħra minn Meta IE (waħda dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u waħda dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG) datati t-12 ta' April 2023, li jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-isforzi ta' konformità tagħha fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE.

---

IG rispettivament (minn hawn 'il quddiem, kollettivament, il-“**Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE**” jew il-“**Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI**”).

<sup>10</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE rigward is-Servizz ta' Facebook (IN-18-5-5) tat-3 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem, ir-“**Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB**”), il-paragrafi 2.1 u 2.3 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE rigward is-Servizz ta' Instagram (IN-18-5-7) tat-3 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem, ir-“**Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG**”), il-paragrafi 2.1 u 2.3.

<sup>11</sup> Skont ir-Rapporti ta' Konformità, Meta IE kompliet tiproċċessa kategoriji limitati ta' informazzjoni mhux relatata mal-imġiba biex turi reklamar fuq Facebook jew Instagram abbażi tal-Artikolu 6 (1) (b) tal-GDPR. Ara r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafi 3.1.3 u 5.8.2, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafi 3.1.3 u 5.8.2.

<sup>12</sup> Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 2.1; Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 2.1.

<sup>13</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-Ipproċċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG.

<sup>14</sup> Wara talbiet minn tnejn mis-CSAs, l-iskadenza għall-kondiżjoni tal-feedback ġiet estiżha sal-15 ta' Mejju 2023. Fil-fatt, l-AS IE stenniet għal ftit jiem oħra, u tat l-opportunità lil aktar CSAs biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom.

<sup>15</sup> Fl-istess messaġġ, l-AS IE speċifikat ukoll: “Kif tiftakar ukoll, l-AS IE kkonfermat, matul id-diskussionijiet tal-Artikolu 65 [tal-GDPR], li kwalunkwe valutazzjonijiet tal-konformità mal-ordnijiet magħmula [fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE] titwettaq fuq bażi konġunta, l-istess bħal f'każżejjiet preċedenti, fejn l-AS IE flimkien mas-CSAs kollha tivvaluta b'mod konġunt il-punt sa fejn kwalunkwe azzjonji meħuda tkun kisbet konformità mat-termini tal-ordni”.

8. Fl-14 ta' April 2023, l-AS NO wiegħbet b'mod negattiv għal talba għal laqgħa minn Meta IE datata t-28 ta' Marzu 2023, filwaqt li indikat li l-każ jiġi ttrattat mill-AS IE bħala l-LSA.
9. Xi CSAs talbu kjarifiki dwar il-proċedura li qed tiġi segwita, pereżempju dwar ir-raġunijiet għaliex l-AS IE f'dak il-punt ma kkondividietx il-valutazzjoni tagħha tal-konformità ta' Meta IE mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE. L-AS IE ċċarat, l-ewwel, li l-valutazzjoni tal-konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE titwettaq fuq bażi konġunta, b'mod aktar spċificu permezz ta' valutazzjoni mwettqa mis-CSAs fl-istess hīn bħal-LSA, u li dan is-sekwenzjar tal-proċess kellu l-għan li jiżgura approċċ f'waqt u konsistenti, f'konformità mal-iskadenza għall-konformità ddeterminata mill-EDPB, ifformulat fuq il-bażi li kienet meħtieġa azzjoni urgħenti li tittieħed minn Meta IE sabiex jiġi indirizzat il-ksur<sup>16</sup>. L-AS IE ċċarat ukoll li ma kinitx se toħroġ abbozz ta' deċiżjoni ġdid<sup>17</sup>.
10. Diversi CSAs ipprovved il-feedback tagħihom dwar il-mod li bih Meta IE kkonformat mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE.
  - L-Österreichische Datenschutzbehörde (l-awtorità superviżorja Awstrijaka — minn hawn 'il quddiem, l-"**AS AT**") qasmet il-fehmiet tagħha li l-operazzjonijiet ta' pproċessar b'rabta mar-reklamar li jagħraf l-imġiba ma setgħux ikunu bbażati fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>18</sup>.
  - L-Integritetsskyddsmyndiġen (l-awtorità superviżorja Żvediża — minn hawn 'il quddiem, l-"**AS SE**") enfasizzat l-importanza li tiġi rrispettata kwalunkwe linja gwida applikabbi tal-EDPB<sup>19</sup>.
  - Il-Hamburgische Beauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit (minn hawn 'il quddiem, l-"**AS DE ta' Hamburg**") ikkondividiet il-fehmiet tagħha u ddikjarat li "f'dan l-istadju, il-kunsens ikun l-unika bażi ġuridika possibbli għall-konformità" mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE, u esprima tħassib dwar l-indikazzjonijiet li *data* sensittiva tiġi pproċessata mingħajr kunsens u dwar l-attivitàjet ta' pproċessar li għalihom Meta IE kompliet tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR<sup>20</sup>.
  - L-Autoriteit Persoonsgegevens (l-awtorità superviżorja Netherlandiża — minn hawn 'il quddiem l-"**AS NL**") ikkondividiet il-fehmiet tagħha li "l-interessi elenkti minn [Meta IE] fil-Valutazzjoni tal-Interessi Leġittimi tagħha ma jistgħux jitqiesu bħala "interessi leġittimi" fis-sens tal-Artikolu

<sup>16</sup> Dawn il-kjarifiki saru mill-AS IE fis-26 ta' April 2023 bħala tweġiba għal mistoqsija tal-AS FR tal-25 ta' April 2023 li saret fil-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE.

<sup>17</sup> L-AS SE talbet kjarifika dwar il-proċedura li qed tiġi segwita fl-4 ta' Mejju 2023 permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI. L-AS IE wiegħbet fil-5 ta' Mejju 2023.

<sup>18</sup> Dawn il-fehmiet ġew kondiviżi bħala tweġiba għall-konsultazzjoni informali tal-IMI tal-AS IE li tikkonċerna biss id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB (Kumment tal-AS AT tat-18 ta' April 2023), ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9. L-AS AT indikat ukoll li test tal-ibbilanċjar kien diffiċċi wkoll minħabba li t-terminu "Proċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba" ma kienx definit fil-Politika dwar il-Privatezza u dak li fil-fatt kien jinvolvi ma kienx ċar għalkollox. L-AS AT għamlet referenza wkoll għar-raġunament fl-oġġezzjoni rilevanti u motivata tagħha għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-AS IE fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB.

<sup>19</sup> Kumment tal-AS SE tal-4 ta' Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9.

<sup>20</sup> Kumment tal-AS DE ta' Hamburg tal-4 ta' Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9. Fil-kummenti tagħha, l-AS DE ta' Hamburg iddikjarat li hemm "indikazzjonijiet qawwija li *data* sensittiva li tirriżulta minn sorsi differenti tiġi pproċessata mingħajr kunsens kontra l-Art. 9 (1) tal-GDPR" u li "l-kunsens [huwa] l-unika bażi ġuridika possibbli għal dak it-tip ta' pproċessar" u għamlet rimarki ulterjuri dwar din il-kwistjoni. L-AS DE ta' Hamburg iddikjarat ukoll li l-"*improċessar* deskrift jew indikat fit-Termini tal-Użu aġġornati u fl-Avviż dwar il-Privatezza ta' [Meta IE] ma jistax ikun ibbażat fuq l-Art. 6 (1) (b) tal-GDPR".

6(1)(f) tal-GDPR”, l-iproċessar tad-data personali ma huwiex “neċċesarju” għall-fini tal-interessi ddikjarati, u “d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data jipprevalu fuq l-interess ta’ [Meta IE] u tal-partijiet terzi involuti”<sup>21</sup>.

- Fil-5 ta’ Mejju 2023, l-AS NO bagħtet talba formali għal assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61(1) tal-GDPR<sup>22</sup> (minn hawn ‘il quddiem, it-“**Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO**”) lil-LSA bl-użu tal-fluss iddedikat tal-IMI<sup>23</sup>. L-AS NO talbet lill-AS IE sabiex (1) toħroġ projbizzjoni temporanja fuq l-iproċessar ta’ data personali ta’ Meta IE għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba bbażat fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR u (2) tikkondivid skeda ta’ żmien mal-AS NO u mas-CSAs li tispeċifika kif l-AS IE se tiżgura b’mod espedjenti li Meta IE tikkonforma mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.
- L-Agencia Españoła de Protección de Datos (l-awtorità superviżorja Spanjola — minn hawn ‘il quddiem l-“**AS ES**”) qasmet il-fehmiet tagħha u ddikjarat li “l-Valutazzjoni tal-Interest Leġittimu sottomessa ma turix li l-iproċessar imwettaq minn [Meta IE] bl-għan ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR peress li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta’ dan l-Artikolu”<sup>24</sup>.

<sup>21</sup> Kumment tal-AS NL tal-4 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 3 — meħmuż bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9. L-AS NL, fil-kummenti tagħha, “titlob b’mod urgħenti lill-[AS IE] tieħu azzjonijiet adegwati malajr sabiex twaqqaf l-illegalità kontinwa tal-iproċessar invażiv ta’ data personali ta’ miljuni ta’ utenti” (il-paragrafu 4). Minbarra li pprovdiet fehmiet dettaljati dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR (il-paragrafi 8–63), l-AS NL enfasizzat ukoll it-tħassib tagħha dwar l-iproċessar ta’ kategoriji speċjali ta’ data u dwar il-kompatibbiltà tal-iproċessar tal-ammont ta’ data inkwistjoni mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop (il-paragrafi 6–7).

<sup>22</sup> Kumment tal-AS NO tal-5 ta’ Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9), li jehmeż kopja tat-Talba għal Assistenza Reċiproka ta’ AS NO introdotta fil-5 ta’ Mejju 2023.

<sup>23</sup> It-talba formal i-ġħal Assistenza Reċiproka tal-AS NO kien fiha żewġ talbiet immarkati kif ġej: “Skont l-Artikolu 61(1) tal-GDPR, isiru t-talbiet li ġejjin: i. Aħna ġentilment nitolbu li l-AS IE toħroġ projbizzjoni temporanja fuq l-iproċessar ta’ [Meta IE] ta’ data personali għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba fuq Facebook u Instagram abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, f’konformità mal-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR. Il-projbizzjoni għandha ddum sakemm l-awtoritajiet superviżorji ewlenin u kkonċernati jkunu ssodisfati li [Meta IE] tkun pprovdiet impenji adegwati u suffiċċenti biex tiżgura l-konformità mal-Art. 6(1) tal-GDPR u mal-Art. 21 tal-GDPR, f’konformità mal-Artikolu 31 tal-GDPR. Dan se jagħtina l-opportunità li nkomplu nikkomunikaw ma’ [Meta IE] u niżguraw li timpenja ruħha li tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont il-GDPR, filwaqt li tipprevjeni kwalunkwe riskju ulterjuri għas-suġġetti tad-data li jirriżulta mill-prattiki ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba mhux konformi ta’ [Meta IE]. Jekk jogħġebok kun af li fil-fehma tagħna, ir-reklamar li jagħraf l-imġiba jinkludi kwalunkwe attivitā fejn ir-reklamar ikun immirat abbażi tal-imġiba jew il-movimenti ta’ suġġett tad-data, inkluż reklamar ibbażat fuq il-post perċepit”. ii. “Ġentilment nitolbu li l-AS IE tikkondivid skeda ta’ żmien li tispeċifika kif se tiżgura b’mod espedjenti li [Meta IE] tikkonforma mal-Art. 6(1) tal-GDPR. Għandna nkunu grati jekk l-AS IE, sal-5 ta’ Ġunju 2023, tikkondivid i-l-iskeda ta’ żmien u tikkonferma li se tinħareġ projbizzjoni temporanja. Jekk l-AS IE ma tkunx f’pożizzjoni li tikkonforma mat-talba tagħna rigward [Meta IE], jista’ jkollna bżonn nikkunsidraw l-għażiex tagħha fir-rigward tal-adozzjoni ta’ miżuri proviżorji fin-Norveġja skont l-Art. 66 tal-GDPR. Nittamaw li dan ma jkunx meħtieġ u nistennew bil-ħerqa li nikkooperaw aktar mal-AS IE fil-qafas tal-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu VII tal-GDPR”.

<sup>24</sup> Dawn il-fehmiet ġew kondiviżi bħala tweġiba fil-konsultazzjoni informali tal-IMI tal-AS IE li tikkonċerna biss id-Dēċiżjoni tal-AS IE dwar IG (Kumment tal-AS ES tat-12 ta’ Mejju 2023). B’mod aktar speċifiku, l-AS ES argumentat li l-interessi elenkat minn Meta IE huma “interessi purament ekonomiċi jew kummerċjali” ta’ Meta IE jew ta’ partijiet terzi, u li fir-rigward tal-kundizzjoni tan-neċċessità tal-iproċessar “għandha tiġi stabilita r-rabta diretta bejn l-iproċessar u l-interess legiittem u turi li ma hemmx alternattivi inqas intružvi għas-suġġetti tad-data li jistgħu jservu l-interess b’mod ugwalment effettiv” (p. 4). L-AS ES innotat ukoll xi nuqqasijiet fit-test tal-ibbilanċjar imwettaq minn Meta IE (Kumment tal-AS ES tat-12 ta’ Mejju 2023, p. 5).

- It-Tietosuojavaltuutetun toimisto (l-awtorità superviżorja Finlandiża — minn hawn 'il quddiem l-“**AS FI**”) ikkondividiet il-fehmiet tagħha fil-15 ta’ Mejju 2023 li “abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ma jidhix li [Meta IE] kienet iġġib l-attivitajiet ta’ pproċessar kollha tagħha f’konformità mal-GDPR u tissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR”<sup>25</sup>.
  - Barra minn hekk, il-Garante per la protezione dei dati personali (l-awtorità superviżorja Taljana — minn hawn 'il quddiem, l-“**AS IT**”) ikkondividiet il-fehmiet tagħha fit-23 ta’ Mejju 2023 fejn qalet li “l-proposta ta’ [Meta IE] mhijiex tali li timplimenta b’mod adegwat l-ordni biex l-ipproċċessar isir konformi sa fejn tikklassifika ħażin parti mill-informazzjoni relatata mal-utent u b’hekk tapplika l-bażi ġuridika tat-twettiq tal-kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-wiri ta’ reklami li, fil-fatt, huma ta’ natura relatata mal-imġiba”<sup>26</sup>; l-AS IT enfasizzat ukoll xi tħassib dwar il-bidla għal interess leġittimu għall-attivitajiet l-oħra ta’ pproċessar għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>27</sup>.
11. L-AS IE kkondividiet ma’ Meta IE l-feedback riċevut mis-CSAs u stiednet lil Meta IE tipprovdi sottomissjonijiet dwar dawn il-fehmiet sat-2 ta’ Ġunju 2023<sup>28</sup>.
12. Fit-30 ta’ Mejju 2023, l-AS NL bagħtiet talba għal assistenza reċiproka lill-AS IE skont l-Artikolu 61 tal-GDPR (minn hawn 'il quddiem, it-“**Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL**”) fejn talbet lill-AS IE tiprovdi l-konklużjoni tagħha dwar jekk Meta IE setgħetx tibbaża fuq l-Artikolu 6 (1)(f) tal-GDPR, il-konklużjoni tagħha dwar jekk Meta IE tikkonformax mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE u dwar perjodu ta’

<sup>25</sup> Kumment tal-AS FI tal-15 ta’ Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9). B’mod aktar spċificu, l-AS FI esprimiet dubji dwar l-interess leġittimu bħala l-aktar bażi ġuridika xierqa fil-każz inkwistjoni u argumentat li l-Valutazzjoni tal-Interesti Leġittimi mwettqa minn Meta IE “tidher li hija pjuttost unilaterali u superficjal u tonqos milli tikkonvinċi għaliex l-interessi ta’ [Meta IE] jew ta’ partijiet terzi għandhom jegħiblu l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data” (Kumment tal-AS FI tal-15 ta’ Mejju 2023, p. 2) u “tonqos milli tqis kif xieraq il-volum tal-ipproċċessar u l-għadd kbir ta’ utenti tas-servizzi msemmija” (Kumment tal-AS FI tal-15 ta’ Mejju 2023, p. 2-3). L-AS FI nnotat ukoll li ċerti kategoriji ta’ data personali jidhru li għadhom qed jingħabru illegalment għal finniet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba skont l-Artikolu 6 (1)(b) tal-GDPR (Kumment tal-AS FI tal-15 ta’ Mejju 2023, p. 2).

<sup>26</sup> Kumment tal-AS IT tat-23 ta’ Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9). Kif indikat fin-nota 11 f’qiegħ il-paġna, Meta IE indikat fir-Rapporti ta’ Konformità tagħha l-fatt li kompliet tiproċċessa xi data skont l-Art. 6 (1)(b) tal-GDPR. F’dan ir-rigward, l-AS IT argumentat li “d-distinżjoni ta’ [Meta IE] bejn reklamar li ma jagħrafxi l-imġiba u reklamar li jagħraf l-imġiba tista’ titqies li hija artifiċjali u bbażata biss fuq il-lingwa” (Kumment tal-AS IT tat-23 ta’ Mejju 2023, p. 1)

<sup>27</sup> Kumment tal-AS IT tat-23 ta’ Mejju 2023 bħala tweġiba għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9). B’mod aktar spċificu, skont l-AS IT, “huwa daqslikieku l-kontrollur kien qed iċaqlaq l-oneru tal-provi fir-rigward tal-interess leġittimu bħala l-bażi ġuridika tal-ipproċċessar fuq is-suġġetti tad-data — li għall-kuntrarju għandhom jissejħu bħala atturi ewlenin fiż-żewġ passi sussegwenti tat-test tal-interess leġittimu, jiġifieri meta tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-ipproċċessar u t-twettiq tal-eżerċizzu ta’ bbilanċjar meħtieġ” (Kumment tal-AS IT tat-23 ta’ Mejju 2023, p. 2). L-AS IT enfasizzat ukoll li “l-operazzjonijiet ta’ pproċessar li jirfdi l-użu tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba Online għandhom ikunu bbażati b’mod aktar xieraq fuq il-kunsens bħala bażi ġuridika skont it-tifsira tal-Art. 6(1)(a) tal-GDPR” (p. 3).

<sup>28</sup> Fit-12 ta’ Mejju 2023 u fis-16 ta’ Mejju 2023, l-AS IE bagħtiet żewġ ittri lil Meta IE, fejn ipprovdiert lil Meta IE bl-ewwel tweġibiet riċevuti mis-CSAs li jinformaw lil Meta IE li xi CSAs talbu estensjoni taż-żmien sabiex jipprovdu tweġiba. Fil-25 ta’ Mejju 2023, l-AS IE bagħtiet lil Meta IE l-aħħar kummenti mis-CSAs fir-rigward tal-mod li bih Meta IE kkonformat mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE. L-AS IE stiednet lil Meta IE tiprovdi sottomissjonijiet sat-2 ta’ Ġunju sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol. Fis-26 ta’ Mejju 2023, l-AS IE kkondividiet aġġornament mas-CSAs kollha, filwaqt li infurmathom li t-tweġibiet tagħhom intbagħtu lil Meta IE, u li t-tweġiba tagħha kienet mistennija sat-2 ta’ Ġunju 2023.

żmien, li se tittieħed azzjoni xierqa u espedjenti sabiex jiġi żgurat li Meta IE taġixxi f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR<sup>29</sup>.

13. Fil-31 ta' Mejju 2023, I-AS IE pprovdiet aġġornament lis-CSAs kollha permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (minn hawn 'il quddiem, I-“**Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023**”, fejn infurmathom dwar it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL u enfasizzat li se tkun f'pożizzjoni li tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE u tikkondivid i-l-valutazzjoni tagħha mal-AS NO u mal-AS NL (li ppreżentaw it-talbiet tal-Artikolu 61 tal-GDPR) u mas-CSAs l-oħrajn kollha sal-aħħar ta' Ġunju 2023. B'mod partikolari, I-AS IE indikat li kienet “irċeviet il-valutazzjonijiet kollha mis-CSAs” u “bagħtithom lil [Meta IE] sabiex tikkunsidra l-fehmiet espressi u tagħti dettalji dwar kwalunkwe bidla li tiproponi li timplimenta abbażi tal-valutazzjonijiet tas-CSA”. Barra minn hekk, I-AS IE ddikjarat li se “tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-rapporti ta' konformità ta' [Meta IE]” wara li tirċievi t-tweġiba ta' Meta IE. L-AS IE ddikjarat ukoll li “se tkun f'pożizzjoni li tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-rapporti ta' konformità ta' [Meta IE] u li taqsam il-valutazzjoni tagħha mal-awtoritajiet superviżorji Norveġiżi u Netherlandiżi (li t-tnejn li huma ppreżentaw talbiet skont l-Artikolu 61 għal assistenza reċiproka) u mas-CSAs l-oħrajn kollha sal-aħħar ta' Ġunju 2023”.
14. Barra minn hekk, fil-31 ta' Mejju 2023, Meta IE bagħtiet ittra lill-AS IE fejn ipprovdiet il-fehmiet u l-kummenti tagħha dwar il-proċess li kien qed jiġi segwit mill-AS IE u talbet estensjoni tal-iskadenza tagħha sabiex tippordi tweġiba. F'dan il-kuntest, hija pprovdiet ukoll xi kummenti lill-AS IE dwar il-feedback tas-CSAs u xi kummenti preliminari dwar it-talbiet għal azzjoni ta' infurzar urgħenti minn xi CSAs.
15. Fit-2 ta' Ġunju 2023, I-AS IE pprovdiet tweġiba għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO. Fil-formola ta' notifika użata, I-AS IE ddikjarat li ma setgħetx tikkonforma mat-talba (billi mmarkat kaxxa tat-test tal-prekodiċi), u stiednet lill-AS NO biex tħares lejn ir-“rispons dettaljat imtella’ mill-[AS IE]” fil-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE (ara hawn fuq, il-paragrafu 13).
16. Fid-9 ta' Ġunju 2023, I-AS NO wieġbet ukoll lill-AS IE, permezz tal-fluss tal-IMI tal-AS IE relatat mat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO, u staqsiet jekk I-AS IE setgħetx “taqsam il-ħsibijiet preliminari tagħha jew tindika b'mod mhux vinkolanti jekk [din] tistax potenzjalment tkun inklinata li ssegwi [it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO]”. Fl-istess messaġġ, I-AS NO indikat li fi kwalunkwe każ kienet se tistenna t-tweġiba tal-AS IE lejn l-aħħar ta' Ġunju.
17. Fit-13 ta' Ġunju 2023, I-AS IE infurmat lis-CSAs kollha permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE li kienet se tistenna s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-252/21 (*Meta Platforms Inc. vs Bundeskartellamt*) (minn hawn 'il quddiem, is-“**Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE**”) qabel ma taqsam il-valutazzjoni tagħha tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE<sup>30</sup>. L-AS IE, filwaqt li nnotat it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO u t-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL, indikat l-intenzjoni tagħha li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun wara s-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE mistennija fl-4 ta' Lulju 2023.
18. Fl-14 ta' Ġunju 2023, I-AS IE bagħtiet ittra lil Meta IE fejn wieġbet għall-ittra tagħha tal-31 ta' Mejju 2023. L-AS IE spjegat l-intenzjoni tagħha li tistenna għas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE qabel ma tiċċirkola l-valutazzjoni proviżorja tagħha tal-passi meħħuda minn Meta IE fl-allegata konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE, kif ukoll il-passi mistennija li jmiss li jwasslu għall-ħruġ tal-eżitu

<sup>29</sup> L-AS IE pprovdiet tweġiba fil-31 ta' Mejju 2023. Fl-istess jum, I-AS IE pprovdiet aġġornament lis-CSAs fil-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI, deskritti fil-paragrafu li ġej.

<sup>30</sup> Il-QĠUE kienet għadha kif ħabbret li kienet se tagħti s-sentenza qabel ma I-AS IE tat dan l-aġġornament lis-CSAs.

finali tal-valutazzjoni tal-konformità. Fl-istess ittra, I-AS IE infurmat lil Meta IE li ma kinitx għadha teħtieġ li tagħmel sottomissionijiet bi tweġiba għall-osservazzjonijiet inizjali tas-CSAs.

19. Fl-21 ta' Ġunju 2023, Meta IE qasmet mal-AS IE l-fehmiet tagħha dwar it-tħassib imqajjem minn xi wħud mis-CSAs u dwar proċedimenti urġenti potenzjali. Fit-23 ta' Ġunju 2023, I-AS IE kkondividiet permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI l-komunikazzjoni li waslet mingħand Meta IE fil-21 ta' Ġunju 2023. L-AS IE ddikjarat li Meta IE spċifikat li din il-komunikazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni ta' Meta IE li ġabet l-ipproċessar tagħha f'konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE.
20. Fit-30 ta' Ġunju 2023, Meta IE kkondividiet permezz ta' ittra informazzjoni addizzjonali mal-AS IE rigward il-valutazzjoni tal-konformità proposta tal-AS IE. F'din l-ittra, Meta IE ddeskririet il-fehmiet tagħha dwar il-passi li jmiss previsti mill-AS IE u pprovdi informazzjoni u argumenti dwar dak li qieset bħala nuqqas ta' fehim li jirfdi l-fehmiet ipprovduti mis-CSAs dwar ir-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE<sup>31</sup>.
21. Fl-4 ta' Lulju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE<sup>32</sup>. Fis-6 ta' Lulju 2023, I-AS IE indikat lis-CSAs kollha permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE li kienet qed tikkunsidra tali sentenza fil-kuntest tal-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni proviżorja tagħha tal-passi meħuda minn Meta IE fl-allegata konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>33</sup>.
22. Fil-11 ta' Lulju 2023, I-AS IE ḥarġet dokument ta' pożizzjoni proviżorju (“**Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE**”) li fih ikkonkludiet b'mod preliminari li Meta IE ma kinitx ikkonformat mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-SA IE, u kkondividietu mas-CSAs flimkien ma' ittra datata t-30 ta' Ġunju 2023 riċevuta mingħand Meta IE<sup>34</sup>. L-AS IE stiednet lis-CSAs jikkondividu l-fehmiet tagħhom dwar id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE sal-21 ta' Lulju 2023<sup>35</sup>.

<sup>31</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023. Il-kummenti ta' Meta IE dwar il-passi li jmiss previsti mill-AS IE huma disponibbli fil-paragrafi 1-3 ta' din l-ittra. Meta IE pprovdi ukoll kjarifikasi, informazzjoni u argumenti dwar dak li qieset bħala nuqqas ta' fehim li jirfdi l-fehmiet ipprovduti mis-CSAs dwar ir-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE fil-paragrafu 7. Bħala eżempju, Meta IE ddikjarat li “ma twettaqx eżerċizzu ta' ‘bbilanċjar’ malli tirċievi ogħejżejj valida”, li d-Deċiżjonijiet tal-AS IE japplikaw biss għall-ipproċessar għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba (u mhux għall-ipproċessar ta' informazzjoni mhux relatata mal-imġiba għal skopijiet ta' reklamar), u li l-valutazzjoni ta' “Proċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba” tikkonċerna biss *data* relatata mal-attività fuq Facebook u Instagram (*data* fuq il-pjattaforma). Meta IE ċċarat ukoll li hija tiddependi fuq l-Art. 6(1)(a) tal-GDPR sabiex tipproċċessa l-informazzjoni pprovduva lil Meta IE minn sħab tar-reklamar ta' partijiet terzi (“*data* barra mill-pjattaforma”) għall-finijiet li jintwerew reklami personalizzati.

<sup>32</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-4 ta' Lulju 2023, *Meta Platforms Inc. vs Bundeskartellamt*, C-252/21, EU:C:2023:537.

<sup>33</sup> Fl-istess komunikazzjoni, I-AS IE indikat ukoll li kienet qed tistenna li tkun f'pożizzjoni li tiċċirkola l-valutazzjoni proviżorja tagħha l-ġimgħa ta' wara, u li mbagħad tagħti lis-CSAs perjodu ta' għaxart ijiem biex iwieġbu. Filwaqt li I-AS NO u I-AS IE indikaw li dan l-aġġornament seħħi fil-5 ta' Lulju 2023, skont ir-rapporti tal-IMI relatati mal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, dan l-aġġornament jidher li ntbagħat fis-6 ta' Lulju 2023.

<sup>34</sup> Din l-ittra digħi ssemmiet hawn fuq fil-paragrafu 20.

Dan l-aġġornament ġie kondivżi mill-AS IE permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE. Flimkien mad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE u l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023, I-AS IE reġġhet qasmet ukoll ir-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE (digħi kondivżi fil-5 ta' April 2023 mas-CSAs).

<sup>35</sup> Fl-istess komunikazzjoni, I-AS IE indikat ukoll li mbagħad kienet se tipprovd i-l-fehmiet tas-CSAs dwar id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE lil Meta IE u stednitha tagħmel is-sottomissionijiet tagħha sal-4 ta' Awissu 2023.

23. Bejn l-20 ta' Lulju 2023 u l-21 ta' Lulju 2023, żewġ CSAs qasmu l-fehmiet tagħhom dwar id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE<sup>36</sup>. L-AS IE kkondividiet dawn il-fehmiet tas-CSAs ma' Meta IE fil-21 ta' Lulju 2023.
24. Fl-14 ta' Lulju 2023, l-AS NO imponiet projbizzjoni temporanja fuq Meta IE u Facebook Norway AS ("Facebook Norway") fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data personali* tas-suġġetti tad-*data* fin-Norveġja għal reklamar li jagħraf l-imġiba li għalihi Meta IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR (l-"**Ordni tal-AS NO**" jew il-"**Miżuri Proviżorji**"). Fl-istess jum, l-AS NO infurmat permezz ta' email lill-AS IE bil-Miżuri Proviżorji li qed jittieħdu abbażi tal-Artikolu 66(1) tal-GDPR. Fis-7 ta' Awwissu 2023, l-AS NO ċaħdet it-talba ta' Meta IE u Facebook Norway għall-implimentazzjoni differita tal-Ordni tal-AS NO.
25. Fl-20 ta' Lulju 2023, l-AS IE kkondividiet aġġornament lis-CSAs permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, filwaqt li infurmat lis-CSAs bil-fehmiet tagħha dwar l-Ordni tal-AS NO. Hija ddikjarat ukoll li ma kinitx tħisser li tirrifjuta li tikkonforma mat-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO peress li dan kien riżultat tal-immarkar "*b'mod żbaljat (u involontarju)*" ta' kaxxa u li, fil-fehma tagħha, il-komunikazzjoni tagħha lill-AS NO tat-2 ta' Ġunju 2023 kienet qed tirreferi għal żewġ dokumenti kondiviżi mas-CSAs kollha fil-31 ta' Mejju 2023<sup>37</sup>, li "*kienu diretti lejn is-suġġett tal-AS NO [Talba għal Assistenza Reċiproka] u kienu "jinvolu ruħhom b'mod ċar mas-sustanza tal-AS NO [Talba għal Assistenza Reċiproka] [...]*".
26. Fl-24 ta' Lulju 2023, l-AS NO wieġbet għall-mistoqsijiet minn politiku fil-parlament nazzjonali Irlandiż dwar it-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO. Fit-tweġiba tagħha, l-AS NO tiddeskrivi t-tweġiba pprovduta mill-AS IE lit-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO u tispjega r-raġunijiet għall-ħruġ tal-Miżuri Proviżorji, filwaqt li tesprimi t-tħassib tagħha li "filwaqt li huwa ċar ħafna li [Meta IE] ma tikkonformax mal-GDPR, in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni ta' infurzar speċifika u determinata jwassal għal logħba ta' ġurdien u qattus fejn [Meta IE] tkun tista' tevadi l-konformità b'mod indefinit" u li "li sempliċiment jiġi ddikjarat li [Meta IE] ma tikkonformax mal-GDPR [...] mingħajr ma tiġi imposta xi ordni speċifika li [Meta IE] potenzjalment trid tagħmel sabiex tikkonforma mal-liġi u sa liema data, se tippermetti lil [Meta IE] tkompli ddewwem il-konformità".
27. Fis-27 ta' Lulju 2023, Meta IE bagħtiet ittra lill-AS IE fejn iddiċċi li beħsiebha tibbażza l-ipproċessar tagħha għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>38</sup> fuq il-kunsens (l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR) (permezz tal-"**Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE**")

[REDACTED]  
<sup>39</sup>. L-AS IE kkondividiet din l-ittra mas-CSAs permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE.

<sup>36</sup> L-AS NL ikkondividiet il-fehmiet tagħha permezz ta' dokument meħmuż fl-20 ta' Lulju 2023 u l-AS DE ta' Hamburg permezz ta' dokument meħmuż fil-21 ta' Lulju 2023.

<sup>37</sup> Ara l-paragrafu 13 hawn fuq.

<sup>38</sup> [REDACTED]

<sup>39</sup> [REDACTED]

28. Fl-istess jum, Meta IE bagħtet ittra lill-AS NO, fejn għamlet referenza għall-ittra mibgħuta lill-AS IE u talbet lill-AS NO tneħħi l-Miżuri Proviżorji fid-dawl tal-impenji ta' Meta IE mal-LSA sabiex tiżgura l-konformità billi tibbaża fuq il-kunsens.
29. Fl-1 ta' Awwissu 2023, l-AS IE wieġbet lil Meta IE filwaqt li ħadet nota tal-intenzjoni ta' Meta IE li timplimenta l-miżuri meħtieġa sabiex tkun tista' tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR [REDACTED]<sup>40</sup>.
30. Sadanittant, fl-1 ta' Awwissu 2023, Meta IE u Facebook Norway ressqu lment mal-AS NO fejn talbuha tneħħi l-Ordni tal-AS NO. Fit-3 ta' Awwissu 2023, l-AS NO ċaħdet dan l-ilment u fil-jum ta' wara l-AS NO bagħtet ittra lil Meta IE u lil Facebook Norway fejn talbet konferma dwar jekk l-Ordni tal-AS NO kinitx se tiġi rrispettata.
31. Fl-4 ta' Awwissu 2023, Meta IE pprovdiet it-tweġiba tagħha għad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE. Fl-istess data, Meta IE u Facebook Norway wieġbu lill-AS NO li, fil-fehma tagħhom, huma kkonformaw mal-Ordni tal-AS NO, u talbu lill-Qorti Distrettwali ta' Oslo tagħti ingūnżjoni preliminari kontra l-Ordni tal-AS NO.
32. Fis-7 ta' Awwissu 2023, l-AS NO ddeċidiet li timponi multa koerċittiva fuq Meta IE u Facebook Norway għan-nuqqas ta' konformità mal-Ordni tal-AS NO. Fl-14 ta' Awwissu 2023, Meta IE talbet l-implimentazzjoni differita tal-multa koerċittiva imposta fuq Meta IE u Facebook Norway, mill-inqas sakemm il-Qorti Distrettwali ta' Oslo tkun iddeċidiet dwar l-applikazzjonijiet ta' Meta IE u Facebook Norway għal ingūnżjoni preliminari. Fil-25 ta' Awwissu 2023, l-AS NO ċaħdet it-talba ta' Meta IE u Facebook Norway għall-implimentazzjoni differita tal-multa koerċittiva.
33. Fit-8 ta' Awwissu 2023, Meta IE u Facebook Norway bagħtu ittra lill-Ministeru tal-Gvern Lokali u tal-Iżvilupp Reġjonali tan-Norveġja, fejn talbu jikkunsidra l-ilmenti ta' Meta IE u Facebook Norway kontra l-Ordni tal-AS NO sottomessa lill-AS NO fl-1 ta' Awwissu 2023<sup>41</sup>. Il-Ministeru tal-Gvern Lokali u l-Iżvilupp Reġjonali tan-Norveġja wieġeb fl-10 ta' Awwissu 2023, u rrifjuta li jakkomoda t-talba u indika li ma kellux l-awtorità li jittratta l-ilmenti kontra l-Ordni tal-AS NO.
34. Fl-10 ta' Awwissu 2023, Meta IE bagħtet ittra lill-AS IE [REDACTED]  
[REDACTED] enfasizzat ukoll it-tħassib tagħha li jirriżulta mill-proċedimenti tal-Artikolu 66 tal-GDPR li jirriżulta mill-Miżuri Proviżorji u li jimxu b'mod parallel mal-proċess immexxi mill-AS IE.
35. L-AS IE wieġbet fl-11 ta' Awwissu 2023. Fl-ittra tagħha, l-AS IE [REDACTED]  
[REDACTED]

<sup>40</sup> Din l-ittra ġiet kondivija mill-AS IE mas-CSAs permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE. L-AS IE enfasizzat ukoll li l-korrispondenza kollha minn Meta IE għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali.

<sup>41</sup> Meta IE sostniet li l-Ministeru kellu jiddikjara l-ilment validu u d-deċiżjoni kellha titħassar, filwaqt li indikat li “l-awditi ma tax-lil [Meta IE] avviż meħtieġ tal-azzjonijiet proposti tiegħu u ma tax-lil [Meta IE] l-opportunità meħtieġa li tinstema”. Barra minn hekk, Facebook Norway kienet tal-fehma li l-AS NO indikat b'mod żbaljat lil Facebook Norway bħala destinatarja tad-deċiżjoni.

enfasizzat ukoll li hija qieset li ma huwiex il-kompliku tagħha li tissekonda d-deċiżjoni tal-AS NO li tiskatta l-applikazzjoni tal-proċedura ta' urġenza u li l-proċedura tal-Artikolu 66 tal-GDPR tieħu d-direzzjoni tagħha stess.

36. Il-proċedura li tikkonċerna t-talba għal ingūnżjoni preliminary ppreżentata quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Oslo kompliet tiżviluppa u l-partijiet ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub<sup>42</sup>.

37. [REDACTED]

<sup>43</sup> .

38. Fit-18 ta' Awwissu 2023, l-AS IE kkondividiet mas-CSAs kollha d-dokument ta' pożizzjoni finali tagħha ("Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE"), li fih l-AS IE kkonkludiet li Meta IE naqset milli turi l-konformità mal-ordnijiet fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>44</sup>. L-AS IE indikat ukoll il-fehma tagħha li fid-dawl tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE, huwa ġust u raġonevoli li Meta IE tingħata opportunità li turi li tista' tiddependi fuq il-kunsens bħala l-bażi legali tagħha aktar milli tinvolvu ruħha f'miżuri ta' infurzar<sup>45</sup>.
39. Fil-25 ta' Awwissu 2023, Meta IE u Facebook Norway ppreżentaw, kull waħda, lill-AS NO l-kummenti tagħhom dwar it-talba maħsuba tal-AS NO għal deċiżjoni vinkolanti urgħenti mill-EDPB skont l-Artikolu 66 (2) tal-GDPR, li ġiet speċifikata fl-Ordni tal-AS NO.
40. Fit-28 ta' Awwissu 2023, Meta IE u Facebook Norway lmentaw kontra l-AS NO rigward il-multa koerċittiva li kienet imponiet. Meta IE u Facebook Norway talbu lill-AS NO tirrevoka d-deċiżjoni ta' infurzar jew, mill-inqas, tnaqqas l-ammont.

---

<sup>42</sup> Fl-10 ta' Awwissu 2023 u fl-11 ta' Awwissu 2023, rispettivament, Meta IE u Facebook Norway u l-AS NO ppreżentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom lill-Qorti Distrettwali ta' Oslo. Meta IE talbet inġunżjonijiet proviżorji biex tevita dannu wara allegata deċiżjoni amministrattiva invalida u Facebook Norway affermat li l-ġustifikazzjoni tal-AS NO ma kinitx adegwata. L-AS NO wieġbet għat-talba għal ingūnżjoni preliminary billi sostniet, fost l-oħrajn, li ma kien hemm l-ebda żball fl-ipproċessar tal-każi li seta' affettwa l-kontenut tad-deċiżjoni, li l-kundizzjonijiet għal miżuri urgħenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha ġew issodisfati, id-deċiżjoni ma kisritx l-Artikolu 84 tal-GDPR (proporzjonalità) u li ingūnżjoni mill-Qorti Distrettwali ta' Oslo kienet tkun f'disparità manifesta mad-danni jew l-inkonvenjenzi li kienet tikkawża n-Norveġja. Meta IE mbagħad ippreżentat aktar sottomissjonijiet bil-miktub lill-Qorti Distrettwali ta' Oslo fl-14 ta' Awwissu 2023. Fil-15 ta' Awwissu 2023, Meta IE u Facebook Norway lmentaw kontra l-AS NO dwar iċ-ċaħda tal-ilment tagħħom mill-AS NO. Meta IE u Facebook Norway jtennu li l-appell quddiem il-Ministeru għandu jkun ammissibbli u li għandhom id-dritt li jappellaw id-deċiżjoni tal-Ministeru (għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-Ministeru) skont il-liggi amministrattiva. Fis-16 ta' Awwissu 2023, l-AS NO ppreżentat aktar sottomissjonijiet bil-miktub lill-Qorti Distrettwali ta' Oslo, filwaqt li Meta IE u Facebook Norway ppreżentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub addizzjonal tagħhom fit-18 ta' Awwissu 2023.

<sup>43</sup> [REDACTED]

<sup>44</sup> Flimkien mad-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, l-AS IE kkondividiet mas-CSAs l-istess materjali ta' appoġġ kif kondiviżi flimkien mad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE. Ara l-paragrafu 22 hawn fuq.

Barra minn hekk, fis-17 ta' Awwissu 2023, l-AS IE pprovdiet aġġornament lis-CSAs kollha permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE, fejn infurmathom prinċipalment dwar il-fatt li l-kopji tal-komunikazzjonijiet rilevanti li għalihom kienet parti l-AS IE ġew trażmessi lill-AS NO u lil Meta IE sabiex jiġi żgurat li kemm l-AS NO kif ukoll Meta IE kienu f'pożizzjoni li jqiegħdu s-sett sħiħ ta' komunikazzjonijiet quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Oslo.

<sup>45</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 9.2.

41. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Qorti Distrettwali ta' Oslo ddeċidiet li ma tagħtix il-petizzjonijiet minn Meta IE u Facebook Norway għal ingūnżjoni preliminary kontra l-Ordni tal-AS NO.

42.

6

43.

47

44. Fil-21 ta' Settembru 2023, l-AS NO bagħtiet ittra lill-AS IE fejn spjegat il-fehmiet tagħha dwar is-sitwazzjoni attwali. B'mod aktar speċifiku, l-AS NO ddikjarat li hija qieset li għad hemm ħtieġa urġenti għal projbizzjoni tal-ipproċessar illegali ta' *data personali* mwettaq minn Meta IE minkejja l-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE<sup>48</sup>, u li tali projbizzjoni

tirrappreżenta incēntiv għal Meta IE sabiex l-ipproċessar isir konformi malajr<sup>49</sup>. Għalhekk, l-AS NO talbet lill-AS IE tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha, deskritta fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE li l-miżuri ta' infurzar ma humiex meħtieġa f'dan il-mument<sup>50</sup>. L-ittra semmiet ukoll li l-AS NO talbet sottomissionijiet mingħand Meta IE dwar l-intenzjoni tagħha li titlob lill-EDPB għal-deċiżjoni vinkolanti urġenti, iżda tista' tikkunsidra li ma tagħml ix-talba jekk l-AS IE tiddeċiedi li tadotta miżuri ta' infurzar<sup>51</sup>.

46

47

<sup>48</sup> Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-21 ta' Settembru 2023, p. 2

L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-21 ta' Settembru 2023, p. 3.

<sup>50</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-21 ta' Settembru 2023, p. 3.

<sup>51</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-21 ta' Settembru 2023, p. 3.

45. Fis-26 ta' Settembru 2023, Meta IE u Facebook Norway għamlu sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba tal-AS NO għal deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB u l-AS NO ppreżentat it-talba tagħha lill-EDPB dwar l-IMI. Aktar dettalji dwar dan huma disponibbli hawn taħt<sup>52</sup>.
46. Fis-27 ta' Settembru 2023, l-AS IE wiegħbet għall-ittra tal-AS NO tal-21 ta' Settembru 2023, u ddeskriviet il-fehmiet tagħha dwar il-pożizzjoni u l-azzjoni tal-AS NO. B'mod aktar sppecificu, l-AS IE fakkret li l-EDPB irrifjuta b'mod espliċitu li jagħti struzzjonijiet lill-AS IE sabiex timponi projbizzjoni temporanja fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u spjegat li kull waħda mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE “kienet tipprevedi miżuri ta' infurzar, jiġifieri, l-ordnijiet għall-konformità, li taħthom il-proposti ta' [Meta IE] għall-adozzjoni ta' bażi ġuridika alternattiva waħda jew aktar għall-[operazzjonijiet ta' pproċessar inkwistjoni] jiġu vvalutati, u deċiżi, dwar il-merti rispettivi tagħhom”<sup>53</sup>. L-AS IE esprimiet ukoll il-fehma li “ma huwiex preċiż li jiġi ssuġġerit li l-[AS IE] tista' timponi projbizzjoni immedjata fuq l-ipproċessar, filwaqt li tkompli tagħmel progress fil-valutazzjoni tagħha tal-mudell ibbażat fuq il-kunsens propost ta' [Meta IE], flimkien mal-kolleġi tas-CSA tagħha”<sup>54</sup>.
47. Fil-11 ta' Ottubru 2023, l-AS NO wiegħbet għall-ittra tagħha li minkejja li l-LSA u s-CSAs “qablu li [Meta IE] ma tistax tibbaża l-iproċessar ta' *data* personali għal reklamar li jagħraf l-imġiba fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, [Meta IE] tkompli tikser l-Artikolu 6(1) tal-GDPR u d-[Deċiżjonijiet AS IE], u tali ksur għadu jiġi ttollerat”<sup>55</sup>. L-AS NO tenniet il-fehma tagħha li “miżuri korrettivi jistgħu u għandhom jiġu imposti fuq [Meta IE] malajr kemm jista' jkun sabiex jitwaqqfu l-attivitajiet ta' pproċessar illegali attwali ta' [Meta IE]”<sup>56</sup>.
48. L-AS IE wiegħbet ukoll fit-13 ta' Ottubru 2023. Fl-ittra tagħha, l-AS IE argumentat li t-talba tal-AS NO lill-EDPB tammonta, fis-sustanza, għal talba għal azzjoni ta' infurzar kontra l-AS IE għan-nuqqas (allegat) tagħha li timplimenta d-Deċiżjonijiet tal-AS IE u għal tentattiv li tintuża l-proċedura tal-Artikolu 66 tal-GDPR bħala mezz biex tiġi akkwistata ordni mill-EDPB biex iġġiegħel lill-AS IE timponi projbizzjoni madwar iż-ŻEE fuq l-ipproċessar ta' *data* personali minn Meta IE għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>57</sup>. L-AS IE esprimiet ukoll il-fehma tagħha li hija stabbiliet proċedura ta' infurzar wara d-Deċiżjonijiet tal-AS IE, konsistenti mad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB<sup>58</sup>.
49. Fis-16 ta' Ottubru 2023, Meta IE u Facebook Norway bdew proċedimenti legali quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Oslo biex jitkolbu l-invalidazzjoni tal-Ordni tal-AS NO.

## 1.2 Sottomissjoni tat-talba lill-EDPB u avvenimenti relatati

50. Kif imsemmi hawn fuq, fis-26 ta' Settembru 2023, l-AS NO użat l-IMI biex titlob lill-EDPB jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR, bl-effett li tordna l-implimentazzjoni tal-miżuri finali (minn hawn ’il quddiem, it-“**Talba tal-AS NO lill-EDPB**” jew “**Talba lill-EDPB**”).

<sup>52</sup> Ara l-paragrafu 67 hawn taħt.

<sup>53</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3.

<sup>54</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 4.

<sup>55</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-11 ta' Ottubru 2023, p. 1.

<sup>56</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-11 ta' Ottubru 2023, p. 1.

<sup>57</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 2–3, li fiha l-AS IE tiddikjara wkoll li: “filwaqt li, soġġett għal litigazzjoni li għaddejja fin-Norveġja, is-sussidjarja Norveġiża ta' [Meta IE] qed takkumula l-obbligazzjoni fuq bażi ta' kuljum b'referenza għall-multa applikata reċentement mill-AS NO, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' [Meta IE] kif huma relatati mar-reklamar li jagħraf l-imġiba jibqgħu l-istess f'dan il-punt”.

<sup>58</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 3–6.

51. Wara s-sottomissjoni tat-Talba tal-AS NO lill-EDPB, is-Segretarjat tal-EDPB ivvaluta l-kompletezza tal-fajl f'isem il-President tal-EDPB.
52. Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kompletezza tal-fajl, is-Segretarjat tal-EDPB ikkuntattja lill-AS NO fl-4 ta' Ottubru 2023 u fil-11 ta' Ottubru 2023 fejn talab aktar dokumenti u kjarifikasi. Fiż-żewġ każijiet, l-AS NO wiegħbet fl-istess jum billi pprovdiet kjarifikasi u tellgħet dokumenti addizzjonali fuq l-IMI.
53. Is-Segretarjat tal-EDPB ikkuntattja wkoll lill-AS IE fil-5 ta' Ottubru 2023, u talab dokumenti u kjarifikasi addizzjonali. Wara talba mibgħuta mill-AS IE biex tiġi estiża l-iskadenza inizjalment stabbilita għas-6 ta' Ottubru, is-Segretarjat tal-EDPB estenda l-iskadenza sad-9 ta' Ottubru 2023. Fid-9 ta' Ottubru, l-AS IE wiegħbet billi hemżet xi wħud mid-dokumenti addizzjonali u pprovdiet xi kjarifikasi. Abbażi tat-tweġiba, is-Segretarjat tal-EDPB talab fl-istess jum xi informazzjoni ulterjuri u pprovda kjarifikasi dwar il-mistoqsijiet li kien għamel qabel. Fl-10 ta' Ottubru 2023, l-AS IE wiegħbet għall-email tas-Segretarjat tal-EDPB tad-9 ta' Ottubru 2023, fejn enfasizzat il-ħtieġa għal żmien xieraq biex jitwettqu l-verifikasi. Fil-11 ta' Ottubru 2023, is-Segretarjat tal-EDPB wiegħeb għall-email tal-AS IE li tidentifika ċerti oġġetti bħala kwistjonijiet ta' priorità. Fit-12 ta' Ottubru 2023, l-AS IE wiegħbet għat-talba tas-Segretarjat tal-EDPB billi pprovdiet diversi dokumenti u kjarifikasi.
54. Kwistjoni ta' importanza partikolari li ġiet skrutinizzata mis-Segretarjat tal-EDPB kienet id-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif meħtieġ mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, il-"**Karta**"). Aktar dettalji dwar dan is-suġġett huma pprovduti fit-Taqsima 3 ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti.
55. Fit-12 ta' Ottubru 2023, id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl imbagħad ittieħdet mill-President tal-EDPB u fit-13 ta' Ottubru 2023 mill-AS NO f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-RP tal-EDPB. Il-fajl ġie ċċirkolat mis-Segretarjat tal-EDPB lill-membri kollha tal-EDPB fit-13 ta' Ottubru 2023.
56. Fis-17 ta' Ottubru 2023, wara talba tal-AS IE biex tiġi inkluża ittra addizzjonali mibgħuta mill-AS IE lill-AS NO fit-13 ta' Ottubru 2023, l-EDPB iddeċċieda li jinkludiha fil-fajl, abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-RP tal-EDPB.

## 2 KOMPETENZA TAL-EDPB BIEX JADOTTA DEĊIŻJONI VINKOLANTI URĠENTI SKONT L-ARTIKOLU 66(2) TAL-GDPR

57. L-EDPB huwa kompetenti biex joħroġ deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR sal-punt li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: AS tkun ħadet miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR, u jkun hemm talba minn din l-sa skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR.<sup>59</sup>
- 2.1 L-AS ħadet miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR
58. Fl-14 ta' Lulju 2023, l-AS NO adottat miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR, li jipprobixxu lil Meta IE milli tipproċċessa d-data personali tas-suġġetti tad-data li jirrisjedu fin-Norveġja għall-immirar tar-reklami abbażi tal-imġiba osservata li għaliex Meta IE IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.

---

<sup>59</sup> Ara l-Art. 66 (2) tal-GDPR u d-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021 dwar it-talba skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR mill-Awtoritā Superviżorja ta' Hamburg (Ġermanija) għall-ordni tal-adozzjoni ta' miżuri finali rigward Facebook Ireland Limited (minn hawn 'il quddiem id-"**Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021**"), adottata fit-12 ta' Lulju 2021, it-taqṣima 2.

59. Għalhekk, l-EDPB iqis li din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

## 2.2 L-eżistenza ta' talba skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR li ġejja minn AS fiż-ŻEE

60. Fis-26 ta' Settembru 2023, l-AS NO talbet lill-EDPB jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR, billi jintroduċi talba formal i-fis-sistema tal-IMI (l-Artikolu 17 tar-RP tal-EDPB).

61. Għalhekk, l-EDPB iqis li din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

## 2.3 Konklużjoni

62. L-EDPB jikkonkludi li huwa kompetenti li jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR.

# 3 ID-DRITT GħAL AMMINISTRAZZJONI TAJBA

63. L-EDPB huwa soġġett għall-Artikolu 41 tal-Karta (id-dritt għal amministrazzjoni tajba). Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 11(1) tar-RP tal-EDPB.
64. B'mod simili għal dak li huwa previst skont l-Artikolu 65(2) tal-GDPR, deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB hija indirizzata lill-awtorità superviżorja ewlenja u lill-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati, u hija vinkolanti fuqhom<sup>60</sup>. M'għandhiex l-għan li tindirizza direttament lil xi parti terza.
65. Madankollu, l-EDPB ivvaluta jekk id-dokumenti kollha li rċieva biex jintużaw sabiex jieħu d-deċiżjoni tiegħi kinux magħrufa minn Meta IE u Facebook Norway, u jekk Meta IE u Facebook Norway ġewx offruti l-opportunità li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu dwar l-elementi kollha ta' fatt u ta' liġi li għandhom jintużaw mill-EDPB biex jieħu d-deċiżjoni tiegħi.
66. F'dan ir-rigward, l-AS NO infurmat lis-Segretarjat tal-EDPB li hija għamlet disponibbli d-dokumenti kollha li ppreżentat lill-EDPB lil Meta IE u lil Facebook Norway. Id-dokumenti l-oħra (sottomessi mill-AS IE), jekk ma kinux digħi magħrufa mill-kumpaniji, tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mis-Segretarjat tal-EDPB permezz ta' ittri tat-13 ta' Ottubru 2023<sup>61</sup> u tat-18 ta' Ottubru 2023<sup>62</sup>.
67. Fis-17 ta' Settembru 2023, l-AS NO bagħtiet ittra lil Meta IE u Facebook Norway fejn talbet is-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-abbozz ta' talba tagħha għal deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR mill-EDPB. Wara l-estensjonijiet tal-iskadenza stabbilita inizjalment, dawn is-sottomissjonijiet ġew ipprovduti fis-26 ta' Settembru 2023 (minn hawn 'il quddiem, is-“Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023” u s-“Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-26 ta' Settembru 2023”). Dawn is-sottomissjonijiet hemi wkoll is-sottomissjonijiet preċedenti ta' Meta IE u ta' Facebook Norway tal-25 ta' Awwissu 2023 dwar l-intenzjoni tal-AS NO li titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB (is-“Sottomissjonijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023” u s-“Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tal-25 ta' Awwissu 2023”). Minbarra dawn is-sottomissjonijiet, il-fajl sottomess lill-EDPB kien jinkludi wkoll diversi dokumenti prodotti minn Meta IE u/jew Facebook Norway fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE u/jew fil-

<sup>60</sup> L-Art. 65 (2) tal-GDPR. Skont l-Art. 66(4) tal-GDPR, din id-dispożizzjoni hija derogata fir-rigward tal-iskadenza għall-adozzjoni; għalhekk, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 65(2) tal-GDPR tapplika bis-sħiħ.

<sup>61</sup> L-Ittra tal-President tal-EDPB lil Meta IE u lil Facebook Norway tat-13 ta' Ottubru 2023.

<sup>62</sup> L-Ittra tal-President tal-EDPB lil Meta IE u lil Facebook Norway tat-18 ta' Ottubru 2023.

kuntest tal-proċedimenti legali li jikkonċernaw l-Ordni tal-AS NO<sup>63</sup>, fejn il-pożizzjonijiet ta' Meta IE u Facebook Norway fir-rigward tal-elementi li qed jiġu kkunsidrati mill-EDPB ġew iċċarati.

68. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa mis-Segretarjat tal-EDPB, Meta IE u Facebook Norway kien għad ma kellhomx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar xi elementi ta' fatt u ta' liġi inklużi f'xi dokumenti tal-fajl li għandhom jintużaw mill-EDPB biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Il-President tal-EDPB stiednet, permezz tal-ittra tagħha tat-13 ta' Ottubru 2023<sup>64</sup>, lil Meta IE u lil Facebook Norway biex jipprovdu sottomissjonijiet bil-miktub lill-EDPB dwar dawn l-elementi. Dawn is-sottomissjonijiet, flimkien mal-annessi, ġew ipprovduti minn Meta IE u Facebook Norway fis-16 ta' Ottubru 2023 (is-"**Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023**" u s-"**Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-16 ta' Ottubru 2023**")<sup>65</sup> u sussegwentement ġew miżjudha mal-fajl.
69. Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-President tal-EDPB bagħat ittra ġdida lil Meta IE u lil Facebook Norway fejn infurmahom bid-dokument miżjud fil-fajl fis-17 ta' Ottubru 2023 u tahom l-opportunità li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub fid-19 ta' Ottubru 2023 (is-"**Sottomissjonijiet ta' Meta IE u ta' Facebook Norway tad-19 ta' Ottubru 2023**"), li ġew miżjudha mal-fajl.
70. L-EDPB jinnota li Meta IE u Facebook Norway rċevew l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom dwar l-elementi legali u fattwali kollha użati mill-EDPB biex jieħu din id-deċiżjoni. Għalhekk, f'każ li Meta IE u Facebook Norway jinstabu li huma intitolati għal dritt li jinstemgħu f'din il-proċedura, fi kwalunkwe każ dan ikun rispettati bis-sħiħ.

## 4 DWAR IL-ĦTIEĠA LI JINTALBU MIŻURI FINALI

71. L-EDPB iqis li sabiex deċiżjoni vinkolanti urgħenti adottata skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR tordna miżuri finali jeħtieġ li jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: l-eżistenza ta' ksur wieħed (jew aktar) u l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' urġenza li tiġġustifika deroga mill-proċedura ta' kooperazzjoni regolari.
72. Konsegwentement, it-taqsimiet ta' hawn taħt l-ewwel jivvalutaw l-eżistenza ta' ksur (it-Taqsima 4.1), imbagħad l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' urġenza (it-Taqsima 4.2).

### 4.1 Dwar l-eżistenza ta' ksur

---

<sup>63</sup> Bħala eżempju, dawn id-dokumenti kienu jinkludu l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tal-31 ta' Mejju 2023, l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tal-21 ta' Ġunju 2023, l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023, it-Tweġiba ta' Meta IE għad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE tal-4 ta' Awwissu 2023, l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tas-27 ta' Lulju 2023, l-Ittra minn Meta IE lill-AS NO tas-27 ta' Lulju 2023.

<sup>64</sup> Ittra tal-President tal-EDPB lil Meta IE u lil Facebook Norway tat-13 ta' Ottubru 2023, li twieġeb għall-ittra tagħhom tat-28 ta' Settembru 2023 fejn talbu li Meta IE u Facebook Norway jingħataw aċċess għal kwalunkwe dokument fil-fajl amministrattiv, u li jingħataw opportunità li jagħmlu sottomissjonijiet wara li jirrieżaminaw il-fajl qabel ma l-EDPB jasal għal deċiżjoni finali.

<sup>65</sup> Fit-18 ta' Ottubru 2023, Meta IE u Facebook Norway pprovdex verżjonijiet ġoddha ta' tnejn mill-annessi tagħhom. F'dawn l-ittri tas-16 ta' Ottubru 2023, Meta IE u Facebook Norway infurmaw ukoll lill-EDPB li ppreżentaw ilment quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Oslo li jikkontesta u jfitteż li jinvalida l-Ordni tal-AS NO fuq il-merti.

#### 4.1.1 Dwar il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR

##### 4.1.1.1 Sommarju tal-pożizzjoni ġenerali tal-AS NO

73. L-AS NO talbet lill-EDPB jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tordna li jittieħdu miżuri finali fiż-ŻEE kollha biex jiġi żgurat li “*data personali ma għandhiex tiġi pproċessata għal reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) [tal-GDPR] jew l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR fil-kuntest tas-Servizzi*”<sup>66</sup>. Fit-talba tal-AS NO lill-EDPB, l-AS NO tiddefinixxi “reklamar li jagħraf l-imġiba” bħala “l-immirar tar-reklami abbażi tal-inferenzi magħmula mill-imġiba osservata kif ukoll abbażi tal-movimenti tas-suġġetti tad-data, il-post stmat u kif is-suġġetti tad-data jinteraġġixxu mar-reklami u l-kontenut iġġenerat mill-utent”<sup>68</sup>. Din id-definizzjoni hija konformi mal-fehim tagħhom tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>69</sup>.
74. Fit-talba tal-AS NO lill-EDPB, l-AS NO tiddikjara li “[Meta IE] naqset milli tiżgura l-konformità ma’ (...) [id-Deċiżjonijiet tal-AS IE]”<sup>70</sup>. Skont l-AS NO, hemm kunsens fost is-CSAs li l-ipproċessar ta’ *data personali* minn Meta IE għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba bħalissa qed jikser il-GDPR, u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, u d-dmir li tikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-SAs<sup>71</sup>.
75. L-analiżi tal-AS NO hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:
- Minkejja d-Deċiżjonijiet tal-AS IE, Meta IE għadha tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR sabiex tipproċessa (1) informazzjoni dwar il-post, inkluż il-post tal-GPS, l-attività tas-suġġetti tad-data fuq il-prodotti ta’ Meta u l-postijiet fejn is-suġġetti tad-data jħobbu jżuru u n-negozji u l-persuni li huma qrib is-suġġetti tad-data; u (2) informazzjoni dwar ir-reklami li Meta IE turi u kif is-suġġetti tad-data jinvolvu ruħhom ma’ dawk ir-reklami; għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>72</sup>.
  - Meta IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tipproċessa xi *data personali* għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba, filwaqt li l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR mħuwiex bażi ġuridika xierqa għal dan l-ipproċessar<sup>73</sup>.
  - L-AS IE tqis ukoll li Meta IE naqset milli turi li għandha bażi legali biex tipproċessa *data* dwar l-imġiba tal-pjattaforma għar-reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>74</sup>, u ma pprovdiet l-ebda dokumentazzjoni li tikkonferma li waqqfet l-ipproċessar ta’ *data personali* għall-fini ta’

<sup>66</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>67</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>68</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 3-4, li tirreferi għall-Ordni tal-AS NO.

<sup>69</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 3.

<sup>70</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>71</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 5-7.

<sup>72</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 4 li tirreferi għall-Ordni tal-AS NO. Ara wkoll l-Ordni tal-AS NO, it-taqṣima 7.2.1.1.

<sup>73</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 4. It-talba ta’ AS NO lill-EDPB issemmi biss li Meta IE biddlet il-bażi ġuridika tagħha għal “**xi wħud mill-ipproċessar tagħha**” ta’ *data personali*. Meta IE tiċċċara fl-Ittra tagħha lill-AS IE tat-30 ta’ Ġunju 2023 li dawn il-bidliet huma relatati mad-data personali miġbura fuq il-prodotti tagħha (il-paragrafu 7c). Deskrizzjoni ta’ din id-data hija pprovduta fit-Taqsima 2.3 tar-Rapporti ta’ Konformità ta’ Meta IE.

<sup>74</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 5.

reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR  
<sup>75</sup>.

76. L-AS NO tiddikjara li Meta IE digħà ngħatat bieżżejjed żmien biex iġġib l-iproċessar tagħha f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, u hija tal-fehma li “[Meta IE] qed tagħmel użu minn strateġji dilatorji”<sup>76</sup>.
77. L-AS NO tqis li hemm bieżżejjed informazzjoni li tippermetti lill-EDPB jikkonkludi li qed iseħħ ksur<sup>77</sup>.

#### 4.1.1.2 Dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR

##### 4.1.1.2.1 Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO

78. L-AS NO hija tal-fehma li l-kSUR ta’ Meta IE tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-attivitajiet ta’ pproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba tagħha ġie kkonfermat mid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE li kkonkludew, f'konformità mal-fehmiet espressi fil-linji gwida preċedenti tal-EDPB, li l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR huwa bażi ġuridika mhux xierqa għall-attivitajiet ta’ pproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba, kemm b'mod ġenerali kif ukoll fil-każ inkwistjoni<sup>78</sup>.
79. L-AS NO ssib li Meta IE fehmet b'mod skorrett x'jikkostitwixxi “pproċessar ta’ data personali għall-finijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba” fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>79</sup>. Hijha tiddikjara li l-iproċessar minn Meta IE tad-data dwar il-post<sup>80</sup> u l-involviment fir-reklami<sup>81</sup> huwa parti mill-iproċessar ta’ data personali ta’ Meta IE għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba kkonċernat mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>82</sup>, u li, skont dawk id-deċiżjonijiet, tali pproċessar li huwa bbażat fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, huwa illegali<sup>83</sup>.

##### 4.1.1.2.2 Sommarju tal-pożizzjoni tal-kontrollur

80. Meta IE tiddikjara li, qabel id-Deċiżjonijiet tal-AS IE, hija bbażat ruħha fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR b'mod *bona fide* u “t-twemmin bona fide tagħha li kien legali għaliha li tagħmel dan”<sup>84</sup>, filwaqt li qieset

---

<sup>75</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS NO li timponi multa koerċittiva fuq Meta IE u Facebook Norway tas-7 ta’ Awwissu 2023, p. 4.

<sup>76</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>77</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 7.

<sup>78</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, in-noti 4 u 10 f'qiegħ il-paġna, li jirreferu għal-Linji Gwida tal-EDPB 8/2020 dwar l-immirar tal-utenti tal-media soċjali, il-paragrafi 49 u 71.

<sup>79</sup> L-Ordni tal-AS NO, it-Taqsima 7.2.1.1, p. 14 (li tirreferi għall-paragrafu 10.44 (b) tad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u għall-paragrafu 417 (b) tad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, rispettivament).

<sup>80</sup> Skont l-AS NO, “l-użu ta’ data dwar il-post ta’ [Meta IE] biex tinforma liema reklami jintwerew lis-suġġetti tad-data jikkostitwixxi b'mod ċar Reklamar li Jagħraf l-Imġiba. Mhuwiex ċar għalina fuq liem bażi huwa stmat dan il-post, jekk mhux abbażi tal-imġiba tas-suġġett tad-data.” L-Ordni tal-AS NO, taqsima. 7.2.1.1, p. 15.

<sup>81</sup> Skont l-AS NO, “Għal informazzjoni dwar l-involviment tas-suġġetti tad-data fir-reklami, nifhmu li s-suġġetti tad-data jistgħu jikklikkjaw fuq “Hide Ad” u li effett wieħed ta’ dan ikun li r-reklam partikolari ma jerġax jintwera lil dak is-suġġett tad-data. Naqblu mal-affermazzjoni ta’ [Meta IE] stabilita fl-ittra tagħha tat-30 ta’ Ġunju 2023 li dan fiha innifsu ma jikkostitwixx ipproċessar għar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba. Madankollu, sa fejn dan l-involviment jew kwalunkwe involviment ieħor ma’ reklam jintuża biex jinforma liema reklami oħra għandu jara suġġett tad-data, aħna nsibu li l-iproċessar tad-data personali fil-fatt iseħħi għar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba”, l-Ordni tal-AS NO, taqsima. 7.2.1.1, p. 15.

<sup>82</sup> L-Ordni tal-AS NO, taqsima. 7.2.1.1, p. 15. L-AS NO tiddikjara dan ukoll fit-Talba għal Assistenza Reċiproka ta’ AS NO, p. 5.

<sup>83</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 15.

<sup>84</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, il-paragrafu 65.

li grati nazzjonali differenti sabu li Meta IE tista' tiddependi b'mod validu fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR sabiex tipproċessa *data* personali għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>85</sup>.

81. Meta IE tirriko noxxi li d-Deċiżjonijiet tal-AS IE kkonkludew b'mod differenti minn dawn il-każijiet<sup>86</sup>, u targumenta li minn dak iż-żmien ġadet passi sostanzjali biex iġġib l-attivitajiet ta' pproċessar tagħha f'"dak li temmen li kien konformità ma' dawk id-deċiżjonijiet"<sup>87</sup>. Meta IE tiddikjara li biddlet il-bażi ġuridika tagħha mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data* personali miġbura dwar il-prodotti ta' Meta għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>88</sup>. Hija tiddikjara wkoll li hija tibbaża fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR biex tipproċessa *data* personali miksuba minn sħab tar-reklamar ta' partijiet terzi<sup>89</sup>.
82. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' x'jinkludi r-reklamar li jagħraf l-imġiba, Meta IE tiddikjara li l-ipproċessar tagħha ta' *data* personali għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba jinkludi l-użu ta' "informazzjoni miġbura fuq il-prodotti ta' Meta dwar l-imġiba ta' utent maż-żmien sabiex jiġu vvalutati u mifhuma l-interessi u l-preferenzi tal-utenti". Skont Meta IE, dan jinkludi sinjalji bħal "l-attivitā ta' utent fost il-prodotti ta' Meta, l-interazzjoni ma' kontenut bħal posts ta' utenti oħra jew liema paġni jżuru, l-individwi u l-gruppi li jikkomunikaw magħhom, u/jew xi jfittex l-utent"<sup>90</sup>. Meta IE tiddikjara li hija tipproċessa din id-*data* personali biex tivaluta u tifhem l-interessi u l-preferenzi tal-utenti, u biex tipprovdi lhom reklami li jagħrfu l-imġiba<sup>91</sup>.
83. Madankollu, Meta IE hija tal-fehma li l-ipproċessar tagħha ta' a) *data* demografika (inkluża *data* dwar il-post), b) *data* dwar l-app, il-brawżer u l-apparat waqt l-użu c) reklamar muri u d) *data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar<sup>92</sup> ma jikkostitwixx reklamar li jagħraf l-imġiba, u għalhekk ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>93</sup>. F'dan ir-rigward, Meta IE targumenta li l-ipproċessar tagħha ta' tali *data* fuq il-bażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR huwa validu<sup>94</sup>.

84.

95.

<sup>85</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, il-paragrafu 65; Nota bil-Miktub tat-18 ta' Awwissu 2023 minn Meta IE għall-Qorti Distrettwali ta' Oslo, p. 6.

<sup>86</sup> Nota bil-Miktub tat-18 ta' Awwissu 2023 minn Meta IE għall-Qorti Distrettwali ta' Oslo, p. 6.

<sup>87</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, il-paragrafu 65; Nota bil-Miktub tat-18 ta' Awwissu 2023 minn Meta IE għall-Qorti Distrettwali ta' Oslo, p. 6.

<sup>88</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafi 2.1 u 2.3 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafi 2.1 u 2.3.

<sup>89</sup> Tali *data* tinkludi informazzjoni minn siti web ta' partijiet terzi, apps u ċerti interazzjonijiet offline (bħal xiri). Ara l-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023, il-paragrafu 7c u n-nota 150 f'qiegħ il-paġna hawn taħt.

<sup>90</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 2.2; Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 2.2.

<sup>91</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 2.2; Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 2.2.

<sup>92</sup> Kif deskrirt fit-Taqsima 5.8.2 tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE.

<sup>93</sup> It-Talba għal inguñzjoni preliminari ta' Meta IE tal-4 ta' Awwissu 2023, p. 27.

<sup>94</sup> It-Talba għal inguñzjoni preliminari ta' Meta IE tal-4 ta' Awwissu 2023, p. 27.

<sup>95</sup>

#### 4.1.1.2.3 Analiżi tal-EDPB

85. Id-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB taw struzzjonijiet, fost l-oħrajn, lill-AS IE biex issib ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għar-raġuni li Meta IE ma bbażatx b'mod xieraq fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR biex tipproċessa *data personali* għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, u ġħalhekk ma kellhiex bażi ġuridika biex tipproċessa din id-*data* għal dan il-għan<sup>96</sup>. Fir-rigward ta' dan, l-EDPB ta struzzjonijiet ukoll lill-AS IE biex tinkludi f'kull waħda mid-deċiżjonijiet finali tagħha ordni għal Meta IE sabiex iġġib l-iproċessar tagħha ta' *data personali* għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fil-kuntest tas-servizzi ta' Facebook u Instagram f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR fi żmien 3 xhur<sup>97</sup>.
86. Fuq il-bażi tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, id-Deċiżjonijiet tal-AS IE ordnaw lil Meta IE ġġib l-iproċessar tagħha f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR<sup>98</sup>, l-AS IE ordnat lil Meta IE tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex iġġib f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR u tindirizza s-sejba li Meta IE ma hijiex intitolata tipproċessa *data personali* għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR<sup>99</sup>. L-EDPB jinnota li l-AS IE għamlitha ċara li tali azzjoni tista' tinkludi, iżda mhijiex limitata għall-identifikazzjoni ta' bażi ġuridika alternattiva xierqa fl-Artikolu 6(1) tal-GDPR<sup>100</sup>.
87. Fir-rapporti ta' Konformità, Meta IE indikat li bidlet il-bażi ġuridika li tiddeppendi fuqha għall-iproċessar ta' *data personali* miġbura fuq il-prodotti tagħha għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR mill-5 ta' April 2023, li kienet l-iskadenza għall-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>101</sup>. Meta IE tiddikjara wkoll li għadha tiddeppendi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR biex tipproċessa dak li tqis bħala "kategoriji limitati ta' informazzjoni mhux relatata mal-imġiba" biex turi reklamar fuq Facebook u Instagram<sup>102</sup>.
88. Fid-dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE li jivvaluta l-konformità ta' Meta IE mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE u filwaqt li jqis il-kummenti riċevuti mis-CSAs dwar tali konformità, l-AS IE indirizzat żewġ mistoqsijiet ewlenin rilevanti għall-fini ta' din it-taqSIMA ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti: id-definizzjoni ta' reklamar li jagħraf l-imġiba u jekk l-iproċessar ta' Meta IE għal finijiet ta' reklamar li jiddeppendi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jaqax fi ḥdan tali definizzjoni<sup>103</sup>.
89. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, l-AS IE rriferiet għad-dokumenti pprovduta mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni 2/2010<sup>104</sup> tiegħu msemmija minn Meta IE fir-Rapport ta' Konformità<sup>105</sup>:

<sup>96</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafi 133 u 484; Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafi 137 u 451.

<sup>97</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafi 288 u 493; Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafi 290 u 459.

<sup>98</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 10.44b; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212. Ara wkoll id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 2.1.

<sup>99</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 10.44b u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212.

<sup>100</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 10.44b u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212.

<sup>101</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 2.1; Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 2.1.

<sup>102</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 3.1.3; Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 3.1.3.

<sup>103</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.3–7.22.

<sup>104</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.5, li jirreferi għall-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 adottata fit-22 ta' Ġunju 2010, p. 5.

<sup>105</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4; Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

*“Ir-reklamar li jagħraf l-imġiba huwa reklamar li huwa bbażat fuq l-osservazzjoni tal-imġiba tal-individwi maż-żmien. Ir-reklamar li jagħraf l-imġiba jfittex li jistudja l-karatteristiċi ta’ din l-imġiba permezz tal-azzjonijiet tagħhom (żjarat ripetuti fuq il-post, interazzjonijiet, kliem ewljeni, kontenut online) sabiex jiġi żviluppat profil spċificu u b'hekk is-suġġetti tad-data jiġu pprovduti b'reklami mfassla biex jaqblu mal-interessi inferiti tagħhom”<sup>106</sup>.*

90. Sabiex tiddefinixxi jekk l-iproċċessar ta’ Meta IE għal finijiet ta’ reklamar li jiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jaqax taħt tali definizzjoni, l-AS IE rreferiet ukoll għad-deskrizzjoni tal-iproċċessar ta’ Meta IE għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba pprovduta mill-EDPB fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB<sup>107</sup>:

*“[Meta IE] tiġbor data dwar l-utenti individwali tagħha u l-attivitajiet tagħhom fuq u barra servizz tan-network soċjali ta’ Facebook tagħha permezz ta’ diversi mezzi bħas-servizz innifsu, servizi oħra tal-grupp Meta inklużi Instagram, WhatsApp u Oculus, siti web u apps ta’ partijiet terzi permezz ta’ interfaċċi tal-iprogrammar integrati bħal Facebook Business Tools jew permezz ta’ cookies, plug-ins soċjali, pixels u teknoloġiji komparabbi mqiegħda fuq il-kompjuter jew l-apparat mobbli tal-utent tal-internet. Skont id-deskrizzjoni ipprovdu, [Meta IE] torbot din id-data mal-kont ta’ Facebook tal-utent sabiex tippermetti lir-reklamaturi jfasslu r-reklamar tagħhom għall-utenti individwali ta’ Facebook abbażi tal-imġiba, l-interessi, il-kapaċitā tal-akkwist u s-sitwazzjoni personali tal-konsumatur tagħhom. Dan jista’ jinkludi wkoll il-post fżejk tal-utent biex juri kontenut rilevanti għall-post tal-utent”<sup>108</sup>.*

91. L-AS IE nnotat li Meta IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għal sett aktar limitat ta’ data personali għal skopijiet ta’ reklamar fis-servizzi ta’ Facebook u Instagram<sup>109</sup>. L-EDPB jinnota li Meta IE targumenta li qed tibbaża fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-iproċċessar ta’ “informazzjoni limitata mhux relatata mal-imġiba” biex turi r-reklami, kif deskritt fir-Rapporti ta’ Konformità tagħha<sup>110</sup>:

*a) Data demografika. Din tikkonsisti minn utenti tal-età li jipprovd, l-utenti tal-ġeneru jipprovd, u l-post ġenerali stmat. L-użu ta’ data demografika huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li r-reklamar ikun xieraq skont it-Termini tal-Użu/Servizz. Pereżempju, (...) (c) id-dipendenza fuq il-post hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat reklami li [Meta IE] juru li l-utenti huma f'lingwa xierqa u huma relatati ma’ kumpanija jew servizz lokalizzat kif xieraq (eż., [Meta IE] ma turix reklami tal-utenti għal prodotti li mhumiex disponibbli f'pajjiżhom);*

*b) Data tal-app, tal-brawżer u tal-apparat waqt l-użu. (...) Dan jinkludi t-tip ta’ apparat li qed jintuża, il-lingwa magħżula fuq l-apparat f'dak iż-żmien u l-verżjoni tal-app Facebook/Instagram li qed tintuża. Dawn il-punti ta’ data huma meħtieġa biex ir-reklami jitwasslu b'mod xieraq. Pereżempju, biex jiġi ffurmat kif xieraq ir-reklam biex jiġi ssodisfati r-rekwiżiti tal-wiri tal-apparat, biex jiġi evitat li l-utenti jintwerew reklami għal apps li mhumiex appoġġjati mis-sistema operattiva fuq l-apparat tagħhom, u jiġi żgurat li r-reklam ikun bil-lingwa magħżula tal-utent;*

*c) Reklami murija. Dan jikkonsisti f’informazzjoni dwar jekk ir-reklam jingħatax u jitwassalx lil-utent. Din l-informazzjoni hija metrika bażika li [Meta IE] teħtieġ sabiex, pereżempju, jiġi żgurat*

<sup>106</sup> L-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 adottata fit-22 ta’ Ġunju 2010, p. 5.

<sup>107</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.4, li jirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafi 95–96 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafi 98–99.

<sup>108</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafi 95–96 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafi 98–99.

<sup>109</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 2.2, 4.5 u 7.6.

<sup>110</sup> Kif imsemmi fid-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.6.

*I-għadd ta' reklami li [Meta IE] turi lill-utenti huwa f'livell xieraq u sabiex jiġi żgurat li I-istess reklami ma jkunux qed jiġu diretti lejn I-utent ripetutament. L-informazzjoni ma tindikax jekk I-utent ikunx fil-fatt innota r-reklam;*

*d) Data dwar I-interazzjoni mar-reklamar. Dan jikkonsisti f'żewġ forom ta' informazzjoni pprovdu mill-utenti jekk jagħżlu li jinteraġixxu mar-reklami: (a) jipprovdu feedback negattiv dwar I-esperjenza tar-reklamar tagħhom, pereżempju billi jagħżlu li "jaħbu" jew jirrapportaw reklam; u (b) jipprovdu feedback pożittiv dwar I-esperjenza tar-reklamar tagħhom, pereżempju billi jikklikkjaw ir-reklami li jsibu rilevant".<sup>111</sup>*

92. L-EDPB jinnota s-sejbiet li ġejjin tal-AS IE:

- Fir-rigward tad-data dwar il-post, I-AS IE kienet tal-fehma li Meta IE ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni sabiex tippermetti lill-AS IE tifhem għaliex id-data dwar il-post taqa' barra mid-definizzjoni ta' *data* dwar I-imġiba<sup>112</sup>. Skont I-AS IE, Meta IE ma spjegatx jekk hijiex qiegħda tiproċċessa I-post fiżiku tal-utent jew il-post li jipprovdi b'mod proaktiv lil Meta IE sabiex timmira r-reklami għalihom.
- Fir-rigward tad-data dwar I-apparati, I-AS IE indikat li I-informazzjoni dwar I-apparat tista' tintuża wkoll sabiex jiġi identifikati segmenti differenti tas-suq, li min-naħħa tagħhom jistgħu jiġi pproċessati għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf I-imġiba<sup>113</sup>.
- Fir-rigward tar-reklami murija, I-AS IE indikat li tkun meħtieġ aktar ċarezza minn Meta IE dwar jekk Meta IE tanalizzax biss ir-rekords tar-reklami murija (li, skont I-AS IE, ma jammontawx għal *data* dwar I-imġiba) jew ukoll reklami li jagħrfu I-imġiba ppreżentati minn għodod oħra permezz ta' skrin ta' interfaċċa kondiviż, li jżid ukoll mal-ipproċċesar tal-imġiba minn Meta IE<sup>114</sup>.
- Fir-rigward tad-data dwar I-interazzjoni mar-reklamar, I-AS IE enfasizzat li "data dwar I-interazzjoni" kienet elenkata fid-definizzjoni ta' reklamar li jagħraf I-imġiba fl-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, li ġiet inkorporata minn Meta IE fir-Rapporti ta' Konformità tagħha<sup>115</sup>. Għalhekk, I-AS IE enfasizzat in-nuqqas ta' ċarezza dwar kif Meta IE mbaqħad

---

<sup>111</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 5.8.2; Ir-rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 5.8.2.

<sup>112</sup> B'mod partikolari, I-AS IE ddikjarat li "[Meta IE] spjegat I-użi ta' din id-data, iżda mhux għaliex dawn I-użi ma jammontawx għal ipproċċesar tal-imġiba. Pereżempju, mhuwiex ċar jekk id-data dwar il-post tintużax minn [Meta IE] biex tfassal ir-reklami lill-utenti abbażi ta' żjarrat f'ċerti tipi ta' ħwienet, I-ivvjaġġar tagħhom lejn ċentri tan-negożju jew destinazzjonijiet tal-vaganzi, jew iż-żminijiet tas-sena li fihom jivvjaġġaw. Jekk [Meta IE] tuża data dwar il-post b'dawn il-modi, allura dan ifisser li tkun qed tiproċċessa data personali għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf I-imġiba, kemm b'referenza għad-deskrizzjoni tal-EDPB ta' tali reklamar, kif stabbilit fil-paragrafu 7.4 hawn fuq, kif ukoll b'referenza għall-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 invokata minn [Meta IE]", id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.11.

<sup>113</sup> I-AS IE ddikjarat li "mhuwiex ċar jekk [Meta IE] tidentifikax I-informazzjoni dwar I-apparat bħala segment tas-suq differenti. Filwaqt li I-ipproċċesar tal-informazzjoni dwar I-apparat biex jintwerew ir-reklami jista' ma jammontax għal reklamar li jagħraf I-imġiba, huwa possibbli li [Meta IE] tidentifika ċerti apparati bħala segment tas-suq differenti. It-tip ta' apparat jista' jindika I-kapaċċità tal-infıq jew I-istorja, li tista' tiġi pproċċessata għal finijiet ta' mġiba", id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.12.

<sup>114</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.13.

<sup>115</sup> L-Artikolu 29 tal-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma 2/2010 adottata fit-22 ta' Ġunju 2010, p. 5 imsemmija fir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

tiddistingwi “*data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar”, elenkata fil-punt d) hawn fuq minn “*data* dwar l-interazzjoni” inkluża fl-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29. L-AS IE qajmet tħassib dwar il-fatt li Meta IE ddikjarat li hija tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR f’ċirkostanzi fejn l-utent jipprovd feedback pożittiv dwar ir-reklamar<sup>116</sup>. Skont l-AS IE, dan jaqa’ taħt id-definizzjoni ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba pprovdu mill-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 peress li jinvolvi li Meta IE “*tislet konklużjonijiet dwar il-preferenzi tal-utenti mill-interazzjoni tal-utenti ma’ reklam*”<sup>117</sup>. Wara informazzjoni ulterjuri pprovdu minn Meta IE fit-30 ta’ Ġunju 2023 lill-AS IE dwar feedback negattiv mir-reklamar<sup>118</sup>, l-AS IE indikat li, sal-punt li Meta IE “*tiproċċessa data personali biss sabiex tippreveni li jintwera reklam moħbi speċifiku lil utent, l-[AS IE] taqbel li dan ma jammontax għal reklamar li jagħraf l-imġiba. Madankollu, sa fejn [Meta IE] tiddeduċi l-preferenzi tar-reklamar ta’ utent mill-fatt li jkun ħeba reklam, dan għalhekk jaqa’ taħt id-definizzjoni ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba*”<sup>119</sup>. L-AS IE żiedet li “*s-sottomissjonijiet ta’ [Meta IE] huma vagi wisq sabiex jiġi ddeterminat jekk tiproċċessax data personali sempliċiment biex taħbi r-reklam speċifiku, jew jekk tislitx inferenzi mill-għażla li jinħeba reklam. Ir-referenza fil-ġustifikazzjoni ta’ dan l-ipproċċessar għall-‘esperjenza ta’ reklamar personali’ ta’ utent tindika li d-deċiżjoni li jinħeba reklam wieħed tista’ tintuża biex jiġu inferiti preferenzi dwar ir-reklami li utent jirċievi b’mod aktar ġenerali*”<sup>120</sup>. L-EDPB jinnota li dan l-apprezzament huwa konformi mal-osservazzjonijiet magħmula mill-AS DE ta’ Hamburg<sup>121</sup>. L-AS IE għalhekk ipprovdi li “*mill-informazzjoni pprovdu minn [Meta IE] jidher li hija tuża data dwar reklami moħbija sabiex tinvolvi ruħha f’reklamar li jagħraf l-imġiba*”. L-AS IE pprovdiet ukoll konklużjonijiet simili għall-feedback pożittiv, li jisħqu li “*L-użu ta’ informazzjoni dwar il-click-throughs sabiex jiġi ddeterminat liema tipi ta’ reklami li utent irid*

<sup>116</sup> It-tħassib tal-AS IE huwa relatat b’mod partikolari mad-dikjarazzjoni ta’ Meta IE li meta “*l-utent jipprovd feedback pożittiv dwar ir-reklamar (eż., jagħżel b’mod attiv li jikklikkja fuq reklam speċifiku huwa jsib rilevanti u jixtieq jara), [Meta IE] bl-istess mod jeħtieġ li tuża dik l-informazzjoni sabiex tiżgura li tkun qed tiprovd iż-żi utent b’esperjenza ta’ reklamar personalizzata xierqa u rilevanti skont it-Termini tas-Servizz*”, ara d-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.14, li jirreferi għar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 5.8.2 u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 5.8.2.

<sup>117</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.15.

<sup>118</sup> Meta IE qalet li “*fir-rigward tal-feedback negattiv mir-reklamar, jekk utent jagħżel l-għażla li hija disponibbli “Hide Ad – never see this ad again,” allura [Meta IE] jeħtieġ li tuża dik l-informazzjoni sabiex tiżgura li tiġi rripettata l-għażla rigward l-esperjenza tar-reklamar personali tal-utent (jiġifieri, x’reklami ma jridux jaraw)*”, id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.16.

<sup>119</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.16, li jirreferi għall-kummenti tal-AS DE ta’ Hamburg dwar id-Dokument ta’ Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE.

<sup>120</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.16.

<sup>121</sup> “*Li [Meta IE] titħalla tiġġustifika aktar jekk tiproċċessax data personali biss biex taħbi reklam partikolari, jew jekk tagħmlx inferenzi mid-deċiżjoni li taħbi reklam, ma hija xejn aktar ħlief li tkalli għażla li ma tiddeskriv ix-iskop attwali tal-ipproċċessar, li formalment ma tissodis fax id-definizzjoni ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba. B’dan il-mod, il-ħabi ta’ ċerti reklami mingħajr ebda element li jirriżulta minn dik id-Deċiżjoni jikkontradixxi l-mudell tan-negozju ta’ [Meta IE]. Sa fejn din l-interazzjoni jew interazzjoni oħra ma’ reklam tintuża biex titgħallem x’reklami oħra għandu jara suġġett tad-data, l-AS ta’ Hamburg tinnota li l-ipproċċessar ta’ data personali jservi għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba*”, il-Fehmiet tal-AS DE ta’ Hamburg tal-4 ta’ Mejju 2023; kif imsemmi fid-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.17.

*jara fil-futur jaqa' b'mod ċar fid-definizzjoni ta' reklamar li jagħraf l-imġiba pprovdu minn [Meta IE] lill-[AS IE]"*<sup>122</sup>.

93. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, I-EDPB jinnota li l-AS IE sabet li Meta IE għadha twettaq xi pproċessar għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR<sup>123</sup>.
94. Barra minn hekk, l-AS IE indikat ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti sabiex tispjega għaliex il-kategoriji (a) sa (d) ma kinux *data* dwar l-imġiba<sup>124</sup>. L-EDPB jinnota wkoll li fuq din il-bażi, l-AS IE sabet li Meta IE ma kinitx uriet konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE fir-rigward tad-dipendenza fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għar-reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>125</sup>.
95. L-EDPB jinnota li din il-fehma ġiet expressa wkoll minn ċerti CSAs li wieġbu għall-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE. B'mod aktar spċificu, l-AS FI ddikjarat li "*d-data personali li ġejja tidher li għadha tinġabar illegalment għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba skont l-Artikolu 6(1)(b) [tal-GDPR]: "Informazzjoni dwar ir-reklami li nuruk u kif tinvolvi ruħek ma' dawk ir-reklami" u "Informazzjoni dwar il-post"*".<sup>126</sup> L-AS IT iddkjarat ukoll li "*l-proposta ta' [Meta IE] mhijiex tali li timplimenta b'mod adegwat l-ordni sabiex l-ipproċessar isir konformi sa fejn tikklassifika ħażin parti mill-informazzjoni relatata mal-utent u b'hekk tapplika l-bażi ġuridika tat-twettiq tal-kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-wiri ta' reklami li, fil-fatt, huma ta' natura relatata mal-imġiba*"<sup>127</sup>.
96. L-EDPB josserva li jekk kwalunkwe *data* elenkata fil-paragrafu 91 ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tista' titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, hemm raġunijiet biex jinstab li Meta IE qed tikser l-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Dan minħabba li Meta IE xorta tkun qed tipproċessa *data* personali għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, għalkemm tqieset illegali mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>128</sup>.
97. F'dan ir-rigward, l-EDPB jikkondivid i-l-fehma tal-AS IE li Meta IE xorta twettaq xi pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR<sup>129</sup>, mill-inqas għall-kategoriji ta' *data* li ġejjin:
- **Data dwar il-post** — l-EDPB isib, f'konformità mal-fehma tal-AS IE, li Meta IE naqset milli turi li l-ipproċessar tagħha tad-*data* dwar il-post ma jikkostitwixx ipproċessar għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>130</sup>. Mhuwiex ċar għall-EDPB, bħalma mhuwiex ċar għall-AS NO u għall-AS IE, fuq liema bażi jiġi stmat il-post, jekk mhux l-imġiba tas-suġġett tħad-*data*. Konsegwentement, l-EDPB isib, f'konformità mal-fehma tal-AS NO, li l-ipproċessar ta' *data* dwar il-post ta' Meta IE sabiex tħinforma liema reklami jintwerew lis-suġġetti tħad-*data* jikkostitwixxi reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>131</sup>.

<sup>122</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.19.

<sup>123</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 6.2 u l-paragrafu 8.1.

<sup>124</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.22.

<sup>125</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.1, 7.22 u 8.1.

<sup>126</sup> Il-fehmiet tal-AS FI tal-15 ta' Mejju 2023, p. 2.

<sup>127</sup> Il-fehmiet tal-AS IT dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB tat-23 ta' Mejju 2023, p. 2, u l-fehmiet tal-AS IT fid-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG tat-23 ta' Mejju 2023, p. 2.

<sup>128</sup> F'dan ir-rigward, id-Deċiżjonijiet tal-AS IE implementaw is-sejbiet deskritti fid-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafi 94–133 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafi 97–137.

<sup>129</sup> Ara l-paragrafi 92–93 hawn fuq.

<sup>130</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.11.

<sup>131</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.11.

- **Data dwar l-interazzjoni mar-reklamar** — l-EDPB isib, f'konformità mal-fehma tal-AS IE, li Meta IE naqset milli turi li l-ipproċessar tagħha tad-data dwar l-interazzjoni mar-reklamar ma jikkostitwixx ipproċessar għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba. L-EDPB jikkondivid i-fehma tal-AS IE li “[Meta IE] qed tirregjistra l-imġiba tal-utenti meta jiġu ppreżentati b’reklami u tuża dan biex tfassal il-preżentazzjoni futura tar-reklami”<sup>132</sup>. Konsegwentement, l-EDPB isib li l-ipproċessar minn Meta IE tad-data dwar l-interazzjoni mar-reklamar jikkostitwixxi reklamar li jagħraf l-imġiba għar-raġunijiet li ġejjin:
  - Kif indikat ġustament mill-AS IE, l-EDPB ifakk li l-interazzjoni hija elenkata fost it-tipi ta’ data fid-definizzjoni ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba fl-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29<sup>133</sup>.
  - L-EDPB josserva li irrispettivament minn jekk is-suġġett tad-data jipprovdix feedback negattiv jew pożittiv dwar ir-reklami li jara, Meta IE tiddikjara li l-interazzjonijiet se jintużaw biex tiġi pprovduta “esperjenza ta’ reklamar xierqa u rilevanti”<sup>134</sup> li tindika li Meta IE qed tislet konklużjonijiet dwar il-preferenzi tal-utenti minn tali interazzjoni.
  - Fir-rigward ta’ feedback negattiv (jiġifieri, fejn is-suġġett tad-data jikklikkja biex jaħbi/jirrapporta reklam), l-EDPB josserva li Meta IE tiddikjara li jeħtieġ li tuża din l-informazzjoni “biex tiżgura li tiġi rispettata l-għażla rigward l-esperjenza tar-reklamar personali tal-utent (jiġifieri, x’reklami ma jridux jaraw)”<sup>135</sup>. L-EDPB josserva wkoll li Meta IE tiddikjara li l-għażliet “Hide Ad” u “Report Ad” jintużaw biex “jinfluwenzaw direttament ir-reklami [l-utenti] jaraw”<sup>136</sup>. L-EDPB jikkondivid i-fehma tal-AS IE li “referenza fil-ġustifikazzjoni ta’ dan l-ipproċessar għall-“esperjenza ta’ reklamar personali” ta’ utent tindika li d-deċiżjoni li jinħeba reklam partikolari tista’ tintużza biex jiġi inferiti preferenzi dwar ir-reklami li utent jirċievi b’mod aktar ġenerali”<sup>137</sup> u għalhekk li “mill-informazzjoni pprovduta minn [Meta IE] jidher li tuża data dwar reklami moħbija biex tinvolvi ruħha f’reklamar li jagħraf l-imġiba”<sup>138</sup>.
  - Fir-rigward tal-feedback pożittiv, l-EDPB josserva li Meta IE tiddikjara li meta “l-utent jipprovidi feedback pożittiv dwar ir-reklamar (eż, jagħżel b’mod attiv li jikklikkja fuq reklam spċifiku li jsib rilevanti u jixtieq jara), [Meta IE] bl-istess mod teħtieġ li tuża dik l-informazzjoni sabiex tiżgura li qed tipprovdil lill-utent b’esperjenza ta’ reklamar personalizzata xierqa u rilevanti skont it-Termini tas-Servizz”<sup>139</sup>. Konsegwentement, l-EDPB jikkondivid wkoll il-fehma tal-AS IE li din il-prattika taqa’ fid-definizzjoni ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba pprovduta mill-Opinjoni tad-WP29 peress li tinvolvi li Meta

<sup>132</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.14.

<sup>133</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.14.

<sup>134</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 16.

<sup>135</sup> Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE tat-30 ta’ Ġunju 2023, p. 5.

<sup>136</sup> Is-sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023 lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo. Għal Instagram spċifikament, ara wkoll ir-ritratti tal-iskrin inklużi fil-p. 35 tal-Anness 3 tar-Rapport ta’ Konformità dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG.

<sup>137</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.16.

<sup>138</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.18.

<sup>139</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 5.8.2 u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 5.8.2.

IE “tislet konklużjonijiet dwar il-preferenzi tal-utenti mill-interazzjoni tal-utenti ma’ reklam”<sup>140</sup>.

98. Bħala konklużjoni, I-EDPB isib li Meta IE qed tiddependi b’mod mhux xieraq fuq I-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR biex tipproċessa d-data dwar il-post u d-data dwar I-interazzjoni mar-reklamar miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta’ reklamar li jagħraf I-imġiba.
99. Barra minn hekk, I-EDPB jikkondivid i-fehma tal-AS IE li Meta IE ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni biex tispjega għaliex kategoriji oħra ta’ data pproċessata minn Meta IE ma jammontawx għal data dwar I-imġiba, bħal data tal-apparat u reklami murija<sup>141</sup>. F’dan ir-rigward, I-EDPB isib, f’konformità mal-fehma tal-AS IE, li fir-rigward tad-data dwar I-apparat, jekk Meta IE tuża d-data dwar I-apparat sabiex tidentifika segmenti differenti tas-suq, dan jikkostitwixxi pproċessar għal reklamar li jagħraf I-imġiba li għalihi tiddependi b’mod mhux xieraq fuq I-Artikolu 6(1)(b), bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR<sup>142</sup>.

#### *4.1.1.3 Dipendenza mhux xierqa fuq I-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR*

##### *4.1.1.3.1 Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO*

100. L-AS NO tqis li I-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ma jikkostitwixx bażi ġuridika xierqa skont I-Artikolu 6(1) tal-GDPR għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf I-imġiba ta’ Meta IE<sup>143</sup>.
101. L-AS NO tirreferi għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, li fih I-AS IE kkonkludiet li Meta IE tkompli tonqos milli tiddependi fuq bażi ġuridika valida sabiex tipproċessa data personali għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf I-imġiba skont I-Artikolu 6(1) tal-GDPR, minkejja l-bidla ta’ Meta IE għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR bħala l-bażi ġuridika għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf I-imġiba tagħha fil-5 ta’ April 2023<sup>144</sup>. L-AS NO tiddeskrivi li din il-konklużjoni kienet appoġġjata minn diversi CSAs b’mod espliċitu, mingħajr ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mis-CSAs I-oħra jrajin<sup>145</sup>.
102. Barra minn hekk, I-AS NO tiddikjara li I-punt 117 tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE jivvalida I-konklużjoni li I-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ma jikkostitwixx bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf I-imġiba ta’ Meta IE<sup>146</sup>. F’dan ir-rigward, I-AS NO tirrikonoxxi l-faż-za ta’ Meta IE li s-sentenza hija irrilevanti u hija relatata ma’ aspett differenti tal-ipproċessar ta’ Meta IE għal reklamar li

<sup>140</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.15.

<sup>141</sup> Ara I-paragrafu 89 hawn fuq.

<sup>142</sup> L-AS IE ddikjarat li “mhuwiex ċar jekk [Meta IE] tidentifikax I-informazzjoni dwar I-apparat bħala segment tas-suq differenti. Filwaqt li I-ipproċessar tal-informazzjoni dwar I-apparat biex jintwerew ir-reklami jista’ ma jammontax għal reklamar li jagħraf I-imġiba, huwa possibbli li [Meta IE] tidentifika ċerti apparati bħala segment tas-suq differenti. It-tip ta’ apparat jista’ jindika I-kapaċită tal-infraq jew I-istorja, li tista’ tiġi pproċessata għal finijiet ta’ mġiba”, id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.12.

<sup>143</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 4.

<sup>144</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 5. Kif speċifikat fil-paragrafu 104 hawn taħt, Meta IE tiddefinixxi I-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din l-operazzjoni ta’ pproċessar ipproċessata abbażi tal-Art. 6(1)(f) tal-GDPR bħala relataj mad-data personali miġbura dwar il-prodotti ta’ Meta.

<sup>145</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 5.

<sup>146</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 5.

jagħraf l-imġiba<sup>147</sup>. Madankollu, l-AS NO targumenta li d-deċiżjoni tapplika għall-prattiki ta' reklamar li jagħraf l-imġiba ta' Meta IE b'mod ġenerali u, għalhekk, ma tistax tiġi injorata<sup>148</sup>.

#### 4.1.1.3.2 Sommarju tal-pożizzjoni tal-kontrollur

103. Fir-Rapporti ta' Konformità tagħha, Meta IE tiddikjara li biddlet il-bażi ġuridika tagħha mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għal “Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba” — għad-data personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta biss<sup>149</sup> — sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>150</sup>.

104. Kif imsemmi fil-paragrafu 81 hawn fuq, Meta IE tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar ipproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR kif ġej:

*“L-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba jinkludi l-użu minn [Meta IE] ta’ informazzjoni miġbura fuq il-prodotti ta’ [Meta] dwar l-imġiba ta’ utent maż-żmien sabiex jiġu vvalutati u mif huma l-interessi u l-preferenzi tal-utenti. Dan jinkludi sinjal bħall-attività ta’ utent **fost il-prodotti ta’ [Meta]**, l-interazzjoni ma’ kontenut bħal posts ta’ utenti oħra jew liema paġni jżuru, l-individwi u l-gruppi li jikkomunikaw magħhom, u/jew xi jfittex l-utent. [Meta IE] tuża dawn is-sinjal kollha biex tivvaluta u tifhem l-interessi u l-preferenzi tal-utenti u biex tipprovdilhom reklami li jagħrfu l-imġiba.” (enfasi miżjudha b’tipa grassa)<sup>151</sup>*

105. Fir-rigward ta’ dan ta’ hawn fuq, l-EDPB jinnota li d-data personali pproċessata għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR tinġabar “fuq” u “fost” il-prodotti ta’ Meta u li dawn it-termini jintużaw b'mod interkambjabbi minn Meta IE.
106. Meta IE tirreferi wkoll għall-politiki aġġornati tagħha dwar il-privatezza għal Facebook u Instagram, li jipprovdu l-lista ta’ kategoriji ta’ data personali pproċessata għal dan il-għan<sup>152</sup>.

<sup>147</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6. Kif spċifikat fil-paragrafi 109 u 142 hawn taħt, fil-paragrafu 1.5 (A) tat-Tweġiba ta’ Meta IE għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE tal-4 ta’ Awwissu 2023, Meta IE tqis li s-Sentenza Bundeskartellamt “ma tesklidix l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] ‘bħala kwistjoni ta’ prinċipju’ bħala bażi ġuridika valida għall-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba ta’ [Meta IE]. Is-sentenza vvalutat l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] (u l-element ta’ “neċessità”) fil-kuntest ta’ pproċessar differenti milli huwa inkwistjoni hawnhekk (jiġifieri, data miġbura minn [Meta], u sa’ ċertu punt l-ipproċessar tad-data bejn prodotti differenti, għall-kuntrarju ta’ data miġbura fuq prodotti [Meta]). (...) (...) Barra minn hekk, il-QGħUE ma ḥarġitx (u ma setgħetx tagħmel dan bħala punt ta’ liġi) sejba ġenerali li l-interessi tal-utenti dejjem jegħiblu l-interessi leġġitimi ta’ [Meta IE] u ta’ partijiet terzi fil-kuntest ta’ reklamar personalizzat (...).”

<sup>148</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>149</sup> Meta IE tindika li tiddependi fuq l-Art. 6(1)(a) tal-GDPR sabiex tipproċessa data personali dwar l-attività tal-utenti barra l-prodotti ta’ Meta (bħal fuq siti web ta’ partijiet terzi, apps u ċerti interazzjonijiet offline (eż. xiri)), miksuba minn Meta IE minn sħab tar-reklamar ta’ partijiet terzi għall-finijiet li jintwera reklamar personalizzat lil dawn l-utenti fuq Facebook jew Instagram (ara r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 12, il-paragrafu 3.1.2, u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 13, il-paragrafu 3.1.2).

<sup>150</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4, u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

<sup>151</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4, u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

<sup>152</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4–5, u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4–5.

107. Fil-fehma ta' Meta IE, hija kienet intitolata tqis li setgħet taqleb għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba tagħha sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>153</sup>. Skont Meta IE, la d-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u lanqas id-Deċiżjonijiet tal-AS IE ma ordnaw lil Meta IE tiddependi fuq bażi ġuridika speċifika skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR, bħall-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR<sup>154</sup>. Meta IE targumenta li huwa biss ladarba l-AS IE adottat id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE fit-18 ta' Awwissu 2023 li awtorità kkonkludiet li d-dipendenza ta' Meta IE fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ma kinitx biżżejjed sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>155</sup>. Meta IE targumenta li qabel din id-data “xi sottomissionijiet ta' AS huma inkonsistenti ma' xulxin u ma jistgħux jiġu rikonċiljati (pereżempju ...) ċerti AS jidhru li jikkunsidraw li l-kunsens huwa l-unika bażi vijabbbi possibbli filwaqt li oħrajn jaċċettaw li l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR huwa vijabbbi”<sup>156</sup>.
108. Meta IE wettqet il-Valutazzjonijiet ta' Interessi Leġittimi annessi mar-Rapporti ta' Konformità tagħha<sup>157</sup>, li fihom tikkonkludi li l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR jikkostitwixxi bażi ġuridika xierqa għar-reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>158</sup>. Meta IE tħalli din il-konklużjoni fl-4 ta' Awwissu 2023, wara li ħadet impenn li taqleb għall-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR permezz tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE<sup>159</sup>. Barra minn hekk, Meta IE enfasizzat li hija “nefġet riżorsi sinifikanti” u implementat “passi sostanzjali ħafna” biex taqleb mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tikkonforma mal-iskadenza tal-5 ta' April 2023<sup>160</sup>.
109. Fir-rigward tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, Meta IE hija tal-fehma li din il-kawża “ma tesklidix l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] bħala kwistjoni ta' prinċipju bħala bażi ġuridika valida” għall-aktivitajiet ta' pproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba ta' Meta IE, minħabba li l-QĠUE “ma ħarġitx (u ma setgħetx tagħmel dan bħala punt ta' liġi) sejba ġenerali li l-interessi tal-utenti dejjem jegħi l-Interessi leġittimi ta' [Meta IE] u ta' partijiet terzi fil-kuntest ta' reklamar personalizzat”<sup>161</sup>. Hija targumenta li s-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE hija relatata ma' pproċessar differenti mill-ipproċessar kopert mid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE. B'mod aktar spċificu, Meta IE tindika li din is-sentenza hija relatata mad-data personali miġbura barra minn Meta, għall-kuntrarju tad-data miġbura dwar il-prodotti Meta. B'mod partikolari, Meta IE tiddikjara li l-kamp ta' applikazzjoni tal-każ, “jeskludi l-ipproċessar għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba meta tintuża data personali miġbura fi prodotti differenti ta' [Meta IE]”, filwaqt li tirrikonoxxi li l-kawża

<sup>153</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10, u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 22. Ara wkoll l-ittra ta' Meta IE lill-AS IE tas-27 ta' Lulju 2023, p. 1-2.

<sup>154</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10, u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 4 u 16.

<sup>155</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 11 u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>156</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE rigward il-proċess u l-urġenza tal-31 ta' Mejju 2023, p. 3.

<sup>157</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interesti Leġittimi ta' Meta IE dwar l-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG.

<sup>158</sup> L-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 11, ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 12.

<sup>159</sup> It-Talba għal inġunzjoni preliminari ta' Meta IE, l-4 ta' Awwissu 2023, p. 27.

<sup>160</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10 u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5. Ara wkoll is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 33.

<sup>161</sup> Ir-Rispons ta' Meta IE għad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE, l-4 ta' Awwissu 2023, it-Taqsima 1.5 (A) u anki t-Taqsima 2 għal analiżi aktar dettaljata.

tiffoka "sa ċertu punt" fuq "l-iproċessar tad-data personali miġbura fost diversi prodotti ta' [Meta IE]"<sup>162</sup>.

110. Fl-aħħar nett, minkejja li qieset li tista' tiddependi legalment fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, Meta IE ḥabbret li, filwaqt li qieset il-"*fehmiet differenti*" tal-AS IE kemm fid-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE kif ukoll fir-rigward tal-interpretazzjoni tas-Sentenza Bund lesta li taqleb għall-kunsens għall-iproċessar inkwistioni<sup>163</sup>.

[REDACTED]

164.

[REDACTED]

165

[REDACTED]

166.

[REDACTED]

167.

#### 4.1.1.3.3 Analiżi tal-EDPB

111. Fid-deċiżjonijiet tal-AS IE, Meta IE kienet diretta li tieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex tindirizza s-sejba li Meta IE ma hijiex intitolata twettaq l-operazzjonijiet ta' pproċessar inkwistjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, għiet ordnata ġġib l-iproċessar tagħha tad-data personali għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR u ġie speċifikat li tali azzjoni "ma hijiex limitata għall-identifikazzjoni ta' bażi ġuridika alternattiva xierqa", iżda tista' tinkludi l-implementazzjoni ta' "kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiġi ssodisfata l-kundizzjonalità assoċjata ma' dik/dawk il-bażi/bażijiet ġuridiċi alternattiv"<sup>168</sup>.

<sup>162</sup> It-Talba għal ingūnżjoni preliminari ta' Meta IE, I-4 ta'

<sup>163</sup> L-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tas-27 ta' Lulju 2023, p. 1–2

<sup>164</sup> L-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tas-27 ta' Lulju 2023, p. 2.

<sup>165</sup> L-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tas-27 ta' Lulju 2023, p. 2.

<sup>166</sup> L-Ittra tal-AS IE lil Meta IE tal-11 ta' Awwissu 2023, p. 2.

<sup>167</sup> L-Ittra tal-AS IE lil Meta IE tal-11 ta' Awwissu 2023, p. 2.

<sup>168</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 8; u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212.

112. L-EDPB jinnota li, skont ir-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE u d-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, Meta IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR sabiex tipproċessa d-data personali miġbura dwar il-prodotti ta' Meta<sup>169</sup> għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba mill-5 ta' April 2023<sup>170</sup>.
113. Skont l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, il-Premessa 47 tal-GDPR u l-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE<sup>171</sup>, iridu jiġu ssodisfati **tliet kundizzjonijiet kumulattivi** sabiex wieħed ikun jista' jibbaża fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, “*jiġifieri, l-ewwel, it-tfittxija ta' interess leġittimu mill-kontrollur jew minn terz; it-tieni, in-neċċità tal-ipproċċass tad-data personali sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu segwit; u, it-tielet, [skont test ta' bbilanċjar] il-kundizzjoni li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata mill-protezzjoni tad-data ma jipprevalixx fuq l-interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz*”<sup>172</sup>.
114. B'mod iktar speċifiku, **l-ewwel kundizzjoni tirrigwarda l-eżistenza ta' interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz.**
115. Meta IE identifikat interessi differenti li hija tqis leġittimi u li fuqhom tiddependi għall-ipproċċassar inkwistjoni. Dawn l-interessi huma segwiti jew minn Meta IE jew minn partijiet terzi, jiġifieri negozji li jużaw Facebook/Instagram u utenti oħra tal-prodotti ta' Meta<sup>173</sup>. B'mod aktar speċifiku, Meta IE identifikat l-erba' interessi leġittimi li ġejjin:
- (1) “*L-interess ta' Meta IE u l-interessi ta' utenti oħra li jipprovdu esperjenza pożittiva tal-utent li l-utenti se jkunu jridu jinvolvu ruħhom magħha, u li hija mfassla apposta għall-utenti — l-għoti ta' reklami mmirati u personalizzati ta' kwalità huwa element ewljeni tal-esperjenza usa' tal-utenti fost il-Prodotti ta' Meta*”,
  - (2) “*L-interess u l-interessi ta' utenti oħra ta' Meta IE sabiex [Meta IE] tkun tista' tiġġenera dħul u tkompli tinnova, ittejjeb u tiżviluppa l-Meta Products u t-teknoloġiji l-ġoddha*”,
  - (3) L-interessi ta' Meta IE u ta' partijiet terzi (eż. dawk li jirreklamaw) “*li jiprovdu lin-negozji, kemm kbar kif ukoll żgħar, l-opportunità li jikkollegaw mal-utenti li x'aktarx ikunu interessati fil-prodotti u s-servizzi tagħhom*”, u
  - (4) “*L-interessi ta' Meta IE u l-interessi ta' partijiet terzi (eż. dawk li jirreklamaw) u ta' utenti oħra, għan-negozji, kemm kbar kif ukoll żgħar, biex ikunu jistgħu jippromwovu l-prodotti u s-servizzi tagħhom lill-utenti*”<sup>174</sup>.

---

<sup>169</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.23, p. 11–12, li jirreferi għall-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

<sup>170</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.25, p. 12, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 4, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 4.

<sup>171</sup> Kif imfakkar reċentement fis-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-paragrafu 106, li jirreferi għall-ġurisprudenza preċedenti. Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE jfakk u japplika wkoll dan it-test fil-paragrafi 7.27 u sussegamenti, p. 12–21.

<sup>172</sup> Ara l-punt 106 tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE.

<sup>173</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 6.

<sup>174</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 6.

116. Dawn l-erba' kategoriji ta' interassi huma maqsuma ulterjorment f'diversi sottointeressi fil-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE<sup>175</sup>. Pereżempju, l-ewwel u t-tieni interassi leġittimi jinkludu wkoll is-sottointeress li ġej: “[Għal utenti oħra ta' Facebook u ta' Instagram:] It-tgawdija mingħajr ħlas tas-servizzi ta' Facebook u ta' Instagram”<sup>176</sup>.
117. Kif imfakkar mill-AS IE, l-interassi leġittimi mogħtija jridu jkunu “artikolati b'mod ċar biżżejjed u [jkunu] reali u preżenti, li jikkorrispondu għall-attivitàjet attwali jew għall-benefiċċji li huma mistennija fil-futur qrib”<sup>177</sup>.
118. L-EDPB jinnota li l-AS IE kkonkludiet li l-interassi elenkti minn Meta IE fir-Rapporti ta' Konformità tagħha jistgħu jissodisfaw dawn il-kriterji<sup>178</sup>.
119. **It-tieni kundizzjoni tirrigwarda n-neċċessità tal-ipproċessar għall-insegwiment ta' dawk l-interassi (jew it-“test tan-neċċessità”).**
120. Fir-Rapporti ta' Konformità tagħha, Meta IE tqis li: (1) l-ipproċessar inkwistjoni huwa meħtieġ sabiex jiġu segwiti u jinkisbu l-interassi leġittimi identifikati minn Meta IE<sup>179</sup>, (2) dan l-ipproċessar huwa raġonevoli u proporzjonat sabiex jinkisbu l-interassi leġittimi segwiti<sup>180</sup> u (3) ma teżisti l-ebda alternattiva vijabbbli li tippermetti li jinkisbu l-interassi leġittimi<sup>181</sup>.
121. F'dak ir-rigward, l-AS IE tqis li Meta IE naqset milli turi fir-Rapporti ta' Konformità tagħha li l-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba tagħha kien meħtieġ għall-interassi leġittimi differenti li hija identifikat<sup>182</sup>. B'mod aktar spċificu, l-AS IE tindika li l-ispiegazzjonijiet ta' Meta IE rigward l-impatt tal-ipproċessar inkwistjoni huma “vagi wisq” u, għalhekk, ma jippermettux lill-AS IE tiddetermina li hemm alternattiva inqas intrużiva li Meta IE tista' ssegwi<sup>183</sup>. Barra minn hekk, l-AS IE tqis li l-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE ma japplikawx it-test tan-neċċessità għal kull interess leġittimu li tiddepandi fuqu<sup>184</sup>.

<sup>175</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 9-13.

<sup>176</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 9. Dan is-sottointeress huwa spjegat f'aktar dettall fil-paġna 12 tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta.

<sup>177</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.33, li jirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 02/2022, il-paragrafu 110.

<sup>178</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.33, p. 13–14.

<sup>179</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 6, li t-tnejn jirreferu għat-taqsimiet 2.b, 2.c., u 3.a tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE.

<sup>180</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 7, it-tnejn li huma jirreferu għat-taqsimha 3.b tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE.

<sup>181</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 7, it-tnejn li huma jirreferu għat-taqsimiet 3.c, 3.d, u 3.e tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE.

<sup>182</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.50, p. 18.

<sup>183</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 6.3, p. 5.

<sup>184</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.41, li jirreferi għall-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-Ipproċessar tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG.

122. B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tal-ewwel interessa stabbilit minn Meta IE, I-AS IE tirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022 tal-EDPB u tikkonkludi li r-reklamar li jagħraf l-imġiba ma huwiex fl-interess tal-utenti *kollha* ta' Meta IE, iżda ta' xi utenti biss<sup>185</sup>. Għalhekk, skont I-AS IE, Meta IE ma spjegatx il-ħtieġa li tiġi pproċċata d-*data* personali tal-utenti kollha tagħha “*għall-finijiet tat-twettiq tal-interessi ta' dawk l-utenti li jixtiequ jirċievu reklamar li jagħraf l-imġiba*”<sup>186</sup>.
123. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' interessi mressqa minn Meta IE fir-Rapporti ta' Konformità tagħha<sup>187</sup>, I-AS IE tikkonkludi li l-argumenti ta' Meta IE ma humiex sostanzjati biżżejjed minħabba n-nuqqas ta' ċarezza u n-nuqqas ta' speċifiċità tal-analiżi<sup>188</sup>. B'mod partikolari, Meta IE ma spjegatx liema kategoriji speċifiċi ta' *data* personali Meta IE jeħtieġ li tiproċċessa jew liema operazzjonijiet ta' pproċċassar jeħtieġ li jseħħu sabiex jinkisbu l-interessi ta' hawn fuq<sup>189</sup>.
124. Meta twettaq it-“test tan-neċċessità” fil-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE, Meta IE tiddikjara li “*Mingħajr l-Ipproċċesar, li kif spjegat hawn fuq huwa essenzjal sabiex jiġu monetizzati Facebook u Instagram, [Meta IE] ma tkunx tista' tiprovvdi s-servizzi lill-utenti mingħajr ħlas bl-istess mod kif tagħmel bħalissa. Dan imbagħad jipperikola l-kisba tal-interessi leġittimi identifikati hawn fuq*”<sup>190</sup>. Skont Meta IE, jekk ma twettaqx l-ipproċċassar tad-*data* personali miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba u jekk twettaq biss l-ipproċċassar “limitat” li tinvolvi ruħha fih meta s-suġġetti tad-*data* joġeżżejjaw, dan “*ikollu impatt sinifikanti fuq l-esperjenza tal-utent fuq Facebook u Instagram (parżjalment, minħabba inqas innovazzjoni li sseħħi fuq il-pjattaformi minħabba dħul imnaqqas) u jkollu impatt ukoll fuq il-kapaċitā ta' [Meta IE] li tiprovvdi lil Facebook u Instagram mingħajr ħlas (irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tal-utent) lill-utenti peress li dan huwa dovut l-aktar għad-dħul li [Meta IE] tagħmel milli tippermetti lir-reklamaturi jirreklamaw b'mod effettiv lill-utenti ta' Instagram u ta' Facebook*”<sup>191</sup>.
125. Madankollu, I-AS IE tindika li l-politika ta' privatezza ta' Meta IE tiddikjara li Meta IE qed issegwi interessa leġittimu “*sabiex tiġġenera dħul*”, li huwa differenti mill-forniment ta' servizzi mingħajr ħlas<sup>192</sup>. Skont I-AS IE, minħabba li tipi oħra ta' reklamar ukoll jistgħu jiġi konklużi li r-reklamar li jagħraf l-imġiba huwa meħtieġ sabiex jiġi ġġenerat “*kwalunkwe dħul*”<sup>193</sup>.
126. I-AS IE tenfasizza wkoll li “*ma hemm l-ebda spjegazzjoni dwar għaliex huwa meħtieġ li jiġi pproċċassati l-kategoriji kollha tad-*data* li [Meta IE] tuża għal reklamar li jagħraf l-imġiba sabiex tiprovvdi s-servizzi mingħajr ħlas*”<sup>194</sup>. F'dan l-isfond, I-AS IE tikkonkludi li l-affermazzjoni ta' Meta IE li huwa meħtieġ li jsir reklamar li jagħraf l-imġiba sabiex jiġi pprovduti s-servizzi ta' Meta IE ma hijiex granulari biżżejjed<sup>195</sup>.

<sup>185</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.43–7.44, p. 16.

<sup>186</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.44, p. 16.

<sup>187</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 6, u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 6.

<sup>188</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.45 u 7.50, p. 16 u 18.

<sup>189</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.45, p. 16.

<sup>190</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-IPPROċċESSAR tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, I-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u I-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 21, it-Taqsima 3a.

<sup>191</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE dwar l-IPPROċċESSAR tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba tat-3 ta' April 2023, I-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u I-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 24, it-Taqsima 3d.

<sup>192</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.46, p. 17.

<sup>193</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.46, p. 17.

<sup>194</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.47, p. 17.

<sup>195</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.47, p. 17.

B'mod partikolari, mhuwiex ċar jekk, permezz ta' dan l-argument, Meta IE hijiex qed tgħid li (1) Meta IE ma tistax tipprovdni Facebook u Instagram mingħajr ħlas sakemm ma tipproċċassax id-data personali tal-utenti *kollha* tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, jew (2) Meta IE xorta waħda tista' tipprovdni Facebook u Instagram mingħajr ħlas billi tipproċċassa d-data personali ta' *wħud* mill-utenti tagħha li ma joġeżżjonawx għal reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>196</sup>.

127. Il-konklużjoni tal-AS IE għat-tieni kundizzjoni kienet kondivija minn għadd ta' CSAs fil-kummenti u fir-reazzjonijiet tagħhom dwar ir-Rapporti ta' Konformità:

- Fl-4 ta' Mejju 2023, l-AS NL spjegat li “*l-ipproċċassar massiv ta' data personali (speċjal) tal-utenti għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba mhuwiex ‘meħtieġ’ għall-finijiet tal-interessi ddikjarati*”<sup>197</sup>.
- Fit-23 ta' Mejju 2023, l-AS IT tinnota fir-rigward tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE li “*huwa daqslikieku l-kontrollur kien qed jittraferxi l-oneru tal-provi fir-rigward tal-interess leġittimu bħala l-bażi ġuridika tal-ipproċċassar fuq is-suġġetti tad-data — li għall-kuntrarju għandhom jissejħu bħala atturi ewlenin fiż-żewġ passi sussegwenti tat-test tal-interess leġittimu, jiġifieri meta tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-ipproċċassar u t-twettiq tal-eżerċizzu ta' bbilanċjar meħtieġ*”<sup>198</sup>.
- Fl-ordni tal-AS NO, l-AS NO targumenta li Meta IE tonqos milli turi li tissodisfa t-“test tan-neċċessità” abbażi ta' (1) in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-ħtieġa ta' kull interess ippreżentat minn Meta IE, (2) in-nuqqas ta' valutazzjoni sostanzjata dwar mudelli ta' reklamar alternattivi li jistgħu jkunu vijabbbli, (3) is-sejba żbaljata fil-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE li l-ipproċċassar tar-reklamar tagħha li jagħraf l-imġiba x'aktarxi li ma jkollux impatt negattiv fuq is-suġġetti tad-data, u (4) ir-referenza mhux xierqa għall-fatt li negozji oħra qed iwettqu wkoll reklamar li jagħraf l-imġiba, li ma għandux impatt fuq il-legħalitā ta' tali pproċċassar<sup>199</sup>.

128. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE, meta jiġi applikat it-test tan-neċċessità, “*għandu jitfakkar li d-derogi u r-restrizzjonijiet għall-prinċipju ta' protezzjoni tad-data personali għandhom joperaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament meħtieġ*”<sup>200</sup>.

129. Fis-sentenza Bundeskartellamt tagħha, il-QĠUE fakkret ukoll li din it-tieni kundizzjoni tirrikjedi li “*tivverifika li l-interess leġittimu tal-ipproċċassar tad-data mfitteż ma jistax jintlaħaq raġonevolment b'mod daqstant effettiv permess ta' mezzi oħra li inqas jirrestrinu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali għar-riċċa mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta*”<sup>201</sup>. Din il-kundizzjoni trid tiġi

<sup>196</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.47, p. 17.

<sup>197</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-4 ta' Mejju 2023 dwar l-għażla ta' Meta IE ta' bażi ġuridika ġdida għall-ipproċċassar ta' data personali minn Meta IE fil-qafas tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba fuq il-pjattaformi tagħha Facebook u Instagram, il-paragrafu 3.

<sup>198</sup> Il-Fehmiet tal-AS IT dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB tat-23 ta' Mejju 2023, p. 2, u l-fehmiet tal-AS IT dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG tat-23 ta' Mejju 2023, p. 2.

<sup>199</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 17–18.

<sup>200</sup> Is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, *Rīgas satiksme*, C-13/16, ECLI:EU:C:2017:43, il-punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata; Is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *Ryneš*, C-212/13, ECLI:EU:C:2014:2428, il-punt 28; Is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, *Asociaor ia de Proprietari bloc M5A-ScaraA*, C-708/18, ECLI:EU:C:2019:1064, il-punt 46.

<sup>201</sup> Is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 108.

eżaminata wkoll flimkien mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR<sup>202</sup>.

130. Fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, l-EDPB qies li hemm alternattivi realistiċi u inqas intrużivi għar-reklamar li jagħraf l-imġiba, li jagħmlu l-iproċessar inkwistjoni mhux “neċċesarju”<sup>203</sup>.
131. Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, l-EDPB iqis li hemm raġunijiet biex jiġi konkluż, kif għamlet l-AS IE<sup>204</sup>, li Meta IE naqset milli tissodisa t-tieni kundizzjoni tat-“test tan-neċċessità” sabiex tkun tista’ tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-iproċessar tad-data personali miġbura fuq il-prodotti ta’ Meta għall-finijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba, b’mod partikolari jekk ma hemmx mezzi oħra li huma alternattivi inqas intrużivi<sup>205</sup> u fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR<sup>206</sup>.
132. **It-tielet kundizzjoni tirrigwarda t-“test tal-ibbilanċjar”.**
133. Fir-Rapporti ta’ Konformità tagħha li jirreferu għall-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta’ Meta IE, Meta IE kkonkludiet li, fid-dawl tal-“miżuri u s-salvagwardji estensivi” li implementat, ir-riskji potenzjali għas-suġġetti tad-data identifikati huma “mitigati b’mod xieraq”<sup>207</sup>.
134. B’mod aktar speċifiku, Meta IE tirreferi fost l-oħrajn għas-salvagwardji li ġejjin: il-miżuri implementati biex tiġi żgurata t-trasparenza lejn is-suġġetti tad-data (eż. permezz ta’ politiki ta’ privatezza u artikli ta’ “Help center”), il-pubblikazzjoni ta’ reklamar għall-utenti, l-eżistenza ta’ restrizzjonijiet fuq il-kriterji tal-immirar, l-eżistenza ta’ għodod ta’ kontroll (fir-rigward tar-reklamar b’mod ġenerali jew ta’ reklami speċifiċi li jintwerew lill-utenti)<sup>208</sup>, il-possibbiltà li ssir ogħżejjoni għall-iproċessar<sup>209</sup> u l-possibbiltà li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tas-suġġetti tad-data<sup>210</sup>. Meta targumenta wkoll li l-lingwaġġ introdott biex jispjega l-bidla tal-bażi ġuridika u l-impatt fuq l-utenti, inkluża l-għażla tagħhom li joġiżżejjonaw għall-iproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba inkwistjoni, “ġew implementati biex jiġi żgurat li l-utenti jkollhom aspettattiva raġonevoli ta’ Proċessar tar-

<sup>202</sup> Is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 109.

<sup>203</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 121 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 124. Kif spjegat fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, l-AS AT, l-AS PL (għad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022 biss) u l-AS SE jsemmu bħala eżempji reklamar kuntestwali bbażat fuq il-ġeografija, il-lingwa u l-kontenut, li ma jinvolvux miżuri intrużivi bħat-tfassil ta’ profili u t-traċċar tal-utenti. Din l-analiżi saret fil-kuntest tal-bażi ġuridika tal-Art. 6(1)(b) tal-GDPR.

<sup>204</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.50, p. 18 u l-paragrafu 6.3., p. 5.

<sup>205</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.46–7.48, p. 17.

<sup>206</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.45, p. 16, u analiżi tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data hija inkluża fil-paragrafu 7.59, p. 19, fir-rigward tat-test tal-ibbilanċjar.

<sup>207</sup> Ir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 10 u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 11, li t-tnejn jirreferu għat-taqsimiet 4 u b’mod partikolari għat-taqsimiet 4.2.b u 4.2.c tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta’ Meta IE.

<sup>208</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta’ Meta IE, tat-3 ta’ April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, it-Taqsima 4.2.c. dwar is-salvagwardji implementati. Xi salvagwardji huma mtennija fir-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 7–10 u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 7–12.

<sup>209</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta’ Meta IE, tat-3 ta’ April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, it-Taqsima 4.2.e. dwar l-għoddod ta’ nonparteċipazzjoni.

<sup>210</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta’ Meta IE, tat-3 ta’ April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, it-Taqsima 4.2.f. dwar id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data.

*Reklamar li Jagħraf l-Imġiba u jkunu konxji mid-dritt tagħhom li joġġejżjonaw għal dan l-iproċċessar*<sup>211</sup>. Fil-Valutazzjonijiet tal-Interesti Leġittimi ta' Meta IE, Meta ssostni wkoll li “L-utenti jistenneb b'mod raġonevoli l-iproċċessar ta' Informazzjoni dwar l-Imġiba tal-Pjattaforma għal reklamar li jagħraf l-imġiba, filwaqt li titqies it-trasparenza robusta li [Meta] implimentat (...), li tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-aspettattivi tal-utenti dwar l-iproċċessar u r-reklamar personalizzat b'mod aktar ġenerali”<sup>212</sup>.

135. F'dak ir-rigward, l-EDPB jinnota li l-AS IE kkonkludiet li, minħabba n-nuqqas li jiġi ffaċilitat id-dritt ta' ogħżejjoni skont l-Artikolu 21 tal-GDPR<sup>213</sup>, in-nuqqas ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata (kif minqux fl-Artikolu 7 tal-Karta)<sup>214</sup> jew il-minimizzazzjoni tad-data<sup>215</sup>, u l-kunsiderazzjoni insuffiċjenti tal-impatt tal-iproċċessar fuq il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop<sup>216</sup>, Meta IE ma wrietz li l-interessi leġittimi tagħha fl-iproċċessar għal reklamar li jagħraf l-imġiba jegħilbu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data<sup>217</sup>. B'mod partikolari fir-rigward tad-dritt li toġġeżżjona, l-AS IE indikat fost l-oħrajn li “ma hemm l-ebda għażla f'dawn l-għodod [ta' ogħżejjoni] li jintefha l-iproċċessar tad-data miġbura direttament minn [Meta IE] għal skopijiet ta' reklamar, inkluż il-kontenut, l-awdjo, il-metadata dwar il-kontenut, l-apps u l-karatteristiċi użati, it-tranżazzjonijiet, il-hashtag u l-ħin, il-frekwenza u t-tul tal-attività fuq il-prodotti ta' [Meta IE]” peress li dawn il-kategoriji ta' data xorta jintużaw għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba skont il-politika dwar il-privatezza ta' Meta IE<sup>218</sup>.
136. L-AS IE tirreferi wkoll għal sentenza preċedenti tal-QĠUE tal-24 ta' Settembru 2019, fejn il-QĠUE ddeċidiet li d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta “bħala prinċipju, jipprevalu (...) fuq l-interess ekonomiku” ta' operatur privat<sup>219</sup>.
137. Il-konklużjoni tal-AS IE rigward it-tielet kundizzjoni kienet kondiżiża minn għadd ta' CSAs fil-kummenti u fir-reazzjonijiet tagħħom dwar ir-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE:
  - Fl-4 ta' Mejju 2023, l-AS NL ikkonkludiet li “id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data jipprevalu fuq l-interess ta' [Meta IE] u l-partijiet terzi involuti”<sup>220</sup>. L-AS NL qajmet il-kunsiderazzjoni jiet li ġejjin:

---

<sup>211</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 7 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 7.

<sup>212</sup> Il-Valutazzjonijiet tal-Interesti Leġittimi ta' Meta IE, tat-3 ta' April 2023, l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB u l-Anness 4 tar-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, p. 7.

<sup>213</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.60.-7.66., p. 19–21.

<sup>214</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.57, p. 19.

<sup>215</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.59, p. 19.

<sup>216</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.58, p. 19.

<sup>217</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.67, p. 21, u l-paragrafu 6.3., p. 5.

<sup>218</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.65., p. 20–21, li jirreferi fin-nota f'qiegħ il-paġna 29 sa p. 54–55 tal-politika dwar il-privatezza ta' Meta IE.

<sup>219</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.57., p. 19, li jirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Settembru 2019, GC et, C-136/17; ECLI:EU:C:2019:773, il-punt 53. F'dan il-każ, l-operatur privat kien magna tat-tiftix. Ara wkoll il-ġurisprudenza ċċitata.

<sup>220</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-4 ta' Mejju 2023 dwar l-ġħażla ta' Meta IE ta' bażi ġuridika ġdida għall-iproċċessar ta' data personali minn Meta IE fil-qafas tar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba fuq il-pjattaformi tagħha Facebook u Instagram, il-paragrafu 3.

- “parti mid-data pproċessata minn [Meta IE] għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba hija tipi speċjali u sensittivi ta’ data personali, li jżidu l-piż marbut mal-interessi tas-suġġetti tad-data fl-att ta’ bbilançjar”<sup>221</sup>
  - “Mhux biss it-tip iżda wkoll l-ammont kbir ta’ data li tiġi pproċessata minn kumpanija bid-daqs ta’ [Meta IE] għandhom jitqiesu fl-att ta’ bbilançjar. Għall-finijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba, [Meta IE] tiproċċesa spettru wiesa’ ta’ data personali (speċjali) minn miljuni ta’ utenti. Din id-data tiġi analizzata u possibbilment maħżuna, aġġustata, u użata mill-ġdid fuq bażi ta’ kuljum.”<sup>222</sup>
  - “Fir-rigward tal-aspettattivi tal-utenti, I-AS NL tindika li, f’konformità mal-prinċipju tar-responsabbiltà, il-valutazzjoni tal-aspettattivi tal-utenti għandha ssir qabel ma jinbeda l-ipproċċesar skont I-Art. 6(1)(f) tal-GDPR. Il-kontrolluri ma jistgħux sempliċiment “jaġġustaw b’mod retroattiv” l-aspettattivi tal-utenti eżistenti u jġibu l-ipproċċesar konformi mal-Art. 6(1)(f) tal-GDPR, sempliċiment billi jipprovdulhom xi informazzjoni — speċjalment mhux meta l-essenza ta’ din l-informazzjoni tkun diffiċli biex tintiehem.”<sup>223</sup>
  - “Barra minn hekk, kif konkluż ukoll mill-EDPB fid-deċiżjoni tiegħu 3/2022,20, I-AS NL taqbel mal-EDPB li l-utenti ma jirreġistrawx għas-servizzi ta’ [Meta IE] biex jintwerew kontenut personalizzat iżda għal raġunijiet ta’ konnessjoni mal-ħbieb u l-familja. Anki fit-Termini tas-Servizz mibdula tagħha, [Meta IE] tippreżenta s-servizzi tagħha bħala “servizzi li jippermettu lin-nies jikkollegaw ma’ xulxin, jibnu komunitajiet...”. Għalhekk, il-konnessjoni ma’ persuni/ħbieb/familja għadha s-servizz li bih [Meta IE] tfittex li tattira utenti ġođda. Għalkemm “il-bini ta’ negozji” tiddaħħal bħala t-tielet “goa” tas-servizzi ta’ [Meta IE], dan ma joħloqx l-aspettattiva raġonevoli li d-data personali tal-utenti se tiġi pproċessata għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba”<sup>224</sup>.
  - “Għalhekk, I-AS NL tikkonkludi li l-utenti ma jistennewx jew għandhom jistennew b’mod raġonevoli li d-data tagħhom tiġi pproċessata għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba kif magħmul minn [Meta IE].”<sup>225</sup>
  - “Meta titqies il-gravità tar-riskji identifikati, I-AS NL issib li [Meta IE] tabiħhaqq titkellem b’mod ħafif ħafna dwar dawn ir-riskji u l-mitigazzjoni tagħhom.”<sup>226</sup>
  - “Għalhekk, I-AS NL issib li d-dritt ta’ oġġeżżjoni kif previst fil-GDPR, dritt ewljeni meta l-ipproċċesar isir abbażi tal-Art. 6 (1)(f) tal-GDPR, għalhekk ma huwiex irrispettat kif xieraq minn [Meta IE]”<sup>227</sup>.
- Fit-12 ta’ Mejju 2023, I-AS ES identifikat in-nuqqas li ġej fil-valutazzjoni ta’ Meta IE tat-test tal-ibbilanċjar:
    - “Fir-rigward tal-impatt fuq is-suġġetti tad-data, mhuwiex stabbilit li dan ma jikkonċernax data sensitiva.

<sup>221</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 43.

<sup>222</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 44.

<sup>223</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 45.

<sup>224</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 46.

<sup>225</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 49.

<sup>226</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 51.

<sup>227</sup> Il-Fehmiet tal-AS NL tal-14 ta’ Mejju 2023, il-paragrafu 63.

- *Fir-rigward tal-mod li bih tiġi pproċessata d-data, id-data tiġi pproċessata b'mod massiv, komprensiv u flimkien mat-tipi kollha ta' data miksuba minn sorsi oħra, mingħajr ma jitqies il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data.*
- *Fir-rigward tal-aspettattivi raġonevoli tas-suġġett tad-data, it-tipoloġija tad-data riflessa fil-politika tal-privatezza ma tinfiehemx faċilment mill-utent medju, li ma jafx eżattament x'data qed tiġi pproċessata u x'inhu l-firxa ta' tali pproċessar. Sabiex l-utent ikun jaf x'tip ta' data qed tiġi pproċessata u kif qed tiġi pproċessata, l-utent irid ifittem ukoll diversi dokumenti.*
- *Fir-rigward tal-pożizzjoni tal-kontrollur u tas-suġġett tad-data, ma hemm l-ebda bilanċ tal-poter, Meta [IE] hija kumpanija kbira li timponi l-kundizzjonijiet tagħha fuq l-utenti tagħha mingħajr ma jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu jew ma jagħżlux ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar u liema mid-data tagħhom tiġi pproċessata. Lanqas ma hemm analiżi ta' kif [l-ipproċessar] jaffettwa setturi vulnerabbi, u kif jittaffew l-effetti negattivi possibbi.*
- *Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-salvagwardji addizzjonali inklużi biex jiġi evitat impatt mhux dovut fuq is-suġġetti tad-data, kif digħi ddikjarat, il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data ma jitqiesx, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'azzjonijiet [Meta IE] tieħu biex tipprevjeni l-ipproċessar ta' data sensitiva indirettament u, kif spjegat hawn taħt, il-GDPR ma huwiex osservat fir-rigward tad-dritt ta' ogħżejjoni.”<sup>228</sup> [enfasi miżjud b'tipa grassa]*
- Fil-15 ta' Mejju 2023, l-AS FI ddikjarat li “l-valutazzjoni tal-interessi legali ta' [Meta IE] (...) tidher li hija pjuttost unilaterali u superfiċjali u tonqos milli tikkonvinċi għaliex l-interessi ta' [Meta IE] jew ta' partijiet terzi għandhom jegħi l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data”<sup>229</sup>.
- Fit-23 ta' Mejju 2023, l-AS IT tinnota fir-rigward tal-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE li “huwa daqslikieku l-kontrollur kien qed jittrasferixxi l-oneru tal-provi fir-rigward tal-interess leġġittimu bħala l-bażi ġuridika tal-ipproċessar fuq is-suġġetti tad-data — li għall-kuntrarju għandhom jissejħu bħala atturi ewlenin fiziż-żewġ passi sussegwenti tat-test tal-interess leġġittimu, jiġifieri meta tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-ipproċessar u t-twettiq tal-eżerċizzu ta' bbilanċjar meħtieġ”<sup>230</sup>.
- Fl-ordni tal-AS NO, l-AS NO tirrifjuta s-suppożizzjoni ta' Meta IE li s-suġġetti tad-data bla dubju jridu u jistennew reklamar li jagħraf l-imġiba bbażat fuq il-monitoraġġ u t-tfassil ta' profil tal-imġiba tagħhom<sup>231</sup>. Għalhekk, skont l-AS NO, il-valutazzjoni ta' Meta IE tal-elementi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ġiet żbilanċjata<sup>232</sup>. Barra minn hekk, l-AS NO tirreferi għall-punt 117 tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, li jsostni li s-suġġetti tad-data “ma jistax

<sup>228</sup> Il-Fehmiet tal-AS ES tat-12 ta' Mejju 2023, p. 5.

<sup>229</sup> Il-Fehmiet tal-AS FI tal-15 ta' Mejju 2023, kumenti preliminari dwar il-bażi ġuridika l-ġdida ta' Meta fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fis-servizzi ta' Facebook u Instagram, p. 2.

<sup>230</sup> Il-Fehmiet tal-AS IT dwar l-ordni tal-bażi ġuridika u l-ordni ta' trasparenza relatati mad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, p. 2, u l-femmet tal-AS IT dwar l-ordni tal-bażi ġuridika u l-ordni ta' trasparenza relatati mad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IGħat-23 ta' Mejju 2023, p. 2.

<sup>231</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 15–16.

<sup>232</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 15–16.

*raigonevolment jistenna li, mingħajr il-kunsens tiegħu, l-operatur ta' dan in-network soċjali jipproċessa d-data personali ta' dan l-utent għal finijiet ta' personalizzazzjoni tar-reklamar*<sup>233</sup>. Barra minn hekk, l-AS NO tqis li l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-data dwar l-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba ma jfissirx li dan jaqqa' taħt l-aspettattivi raġonevoli tagħhom u fi kwalunkwe każ, is-suġġetti tad-data realistikament ma jistgħux jaqraw il-politiki ta' privatezza ta' kull servizz użat, inklużi l-politiki ta' privatezza ta' Meta IE<sup>234</sup>. L-AS NO targumenta wkoll li Meta IE tonqos milli turi li l-interessi ta' Meta IE jegħi l-bu d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data<sup>235</sup>.

138. L-AS IE għamlet konklużjoni ġenerali dwar it-test fi tliet stadji<sup>236</sup> li Meta IE ma wrietz konformità mal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar inkwistjoni<sup>237</sup>. L-AS IE enfasizzat, kemm fid-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE kif ukoll fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, li din il-konklużjoni tirriżulta mir-raġunijiet li ġejjin: (1) “[Meta IE] ma saħqitx li l-ipproċessar huwa meħtieġ għal interassi leġittimi. L-ispiegazzjonijiet tagħha tal-impatt tal-ipproċessar fuq in-negozju tagħha huma vagi wisq biex jippermettu lill-[AS IE] tiddetermina li ma hemm l-ebda alternattiva inqas intrużiva li tista' tiġi segwita”, (2) “[Meta IE] ma wrietz li l-ibbilanċjar jiffavorixxi l-ipproċessar tagħha. B'mod partikolari, il-mekkaniżmu ta' nonparteċipazzjoni pprovdu ma jikkonformax mal-GDPR”<sup>238</sup>. Il-konklużjoni jiet tal-AS IE rigward ir-riżultati tat-test fi tliet stadji ġew kondiviżi minn għadd ta' CSAs, li qajmu wkoll id-dipendenza mhux xierqa minn Meta IE għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR:

- Fit-18 ta' April 2023, l-AS AT iddikjarat li l-operazzjonijiet ta' pproċessar b'rabta mal-“ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba” ma jistgħux ikunu bbażati fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>239</sup>.
- Fit-12 ta' Mejju 2023, l-AS ES indikat li l-Valutazzjonijiet tal-Interessi Leġittimi ta' Meta IE “ma wrewx li l-ipproċessar imwettaq minn Meta IE bl-ġħan ta' reklamar li jagħraf l-imġiba jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] peress li ma jissodis fax ir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu”<sup>240</sup>.
- Fit-talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL mibgħuta fit-30 ta' Mejju 2023, l-AS NL esprimiet tkassib dwar id-dipendenza ta' Meta IE fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, filwaqt li qieset “il-fatt li l-kontrollur ma setax ma kienx konxju ta' gwida diġà stabbilita mill-EDPB, u lanqas tal-pożizzjoni ta' diversi CSAs dwar il-kwistjoni, iżda għażżej li jesplora l-perkors tal-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] irrispettivamente”<sup>241</sup>. L-AS NL tiddikjara li “Meta [IE] ma tistax tinvoka l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] bħala bażi ġuridika valida biex tiproċċesa d-data personali tal-utenti tagħha għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba”, u li din il-konklużjoni hija “konformi ma' diversi

---

<sup>233</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 17.

<sup>234</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 16.

<sup>235</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 17–23.

<sup>236</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 7.27–7.28, p. 12–13, li jirreferi għas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 126.

<sup>237</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.30, p. 13.

<sup>238</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 6.3, p. 5 ; Id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE, il-paragrafu 5.3, p. 4 (f'termini kemxejn differenti).

<sup>239</sup> Rapport tal-IMI dwar il-Konformità fil-każ ta' Facebook.

<sup>240</sup> Il-Fehmiel tal-AS ES, 12 ta' Mejju 2023, p. 6.

<sup>241</sup> Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL, p. 2.

*dokumenti ta' Gwida tal-EDPB u tad-WP29, li jirfdu li l-adegwatezza tal-użu tal-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] bħala bażi ġuridika għall-ipproċessar ikkonċernat hija dubjuża ħafna”<sup>242</sup>.*

139. F'sentenzi preċedenti, il-QĠUE ċċarat li meta jwettaq it-“test tal-ibbilançjar”, il-kontrollur tad-data “għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-importanza tad-drittijiet tal-persuna kkonċernata li jirriżultaw mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea”<sup>243</sup>.
140. Fis-sentenza Bundeskartellamt tagħha, il-QĠUE ddeċidiet l-obiter *dictum* li ġej:

*“kif jirriżulta mill-premessa 47 tal-GDPR, l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data jistgħu, b'mod partikolari, jipprevalixxu fuq l-interess tal-kontrollur tad-data meta data personali tiġi pproċessata f'ċirkustanzi fejn is-suġġetti tad-data ma jistennewx b'mod raġonevoli tali pproċessar”<sup>244</sup>.*

*“(...) huwa meħtieġ ukoll li tali pproċessar ikun neċċesarju sabiex jintlaħaq dan l-interess u li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data ma jipprevalixxu fuqu. Fil-kuntest ta' dan l-ibbilançjar tad-drittijiet u tal-interessi opposti inkwistjoni, jiġifieri dawk tal-kontrollur, minn naħa, u dawk tas-suġġett tad-data, min-naħa l-oħra, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, hekk kif ġie rrilevat [iktar 'il fuq], b'mod partikolari, l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġett tad-data kif ukoll il-portata tal-ipproċessar inkwistjoni u l-impatt tiegħu fuq dan is-suġġett tad-data.”<sup>245</sup>*

*“F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li s-servizzi ta' network soċjali online bħal Facebook huma bla ħlas, l-utent tiegħu ma jistax raġonevolment jistenna li, mingħajr il-kunsens tiegħu, l-operatur ta' dan in-network soċjali jipproċessa d-data personali ta' dan l-utent għal finijiet ta' personalizzazzjoni tar-reklamar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-interessi u d-drittijiet fundamentali ta' tali utent jipprevalu fuq l-interess ta' dan l-operatur f'tali personalizzazzjoni tar-reklamar li permezz tiegħu huwa jiffinanzja l-attività tiegħu, b'tali mod li l-ipproċessar imwettaq minnu għal tali finijiet ma jistax jaqa' taħt il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.”<sup>246</sup> [enfasi miżjud]*

141. Fid-dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE maħruġ quddiem is-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, l-AS IE sabet b'mod provviżorju li Meta IE ma kinitx uriet konformità mal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>247</sup> peress li Meta IE ma kinitx uriet li setgħet tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>248</sup>. L-AS IE mbagħad ikkonfermat li Meta IE ma wrietz konformità mal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR wara l-analiżi tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE hekk kif tiddikkjara fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tagħha li “Qabel id-data tas-sentenza [tal-Bundeskartellamt], l-[AS IE] kienet analizzat id-dipendenza ta' [Meta IE] fuq l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] u kienet waslet għall-konklużjoni proviżorja li [Meta IE] ma kinitx uriet konformità ma' dik id-dispożizzjoni” u li “l-QĠUE indikat li hemm ostakli sinifikanti għal [Meta IE]

---

<sup>242</sup> Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NL, p. 1, fejn issir referenza għal-Linji Gwida 8/2020 tal-EDPB dwar l-immirar tal-utenti tal-media soċjali.

<sup>244</sup> Is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 112.

<sup>245</sup> Is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 116.

<sup>246</sup> Is-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 117.

<sup>247</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE, il-paragrafu 6.26, p. 11.

<sup>248</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE, il-paragrafu 5.3, p. 4.

*“li tfittex li tibbażha fuq l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba inkwistjoni f'dik is-sentenza”<sup>249</sup>.*

142. L-EDPB jinnota l-argumenti ta’ Meta IE rigward l-allegata irrilevanza tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE<sup>250</sup>. Meta tqis li din is-sentenza “ma tesklidix l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] ‘bħala kwistjoni ta’ prinċipju’ bħala bażi ġuridika valida għall-Ipproċessar tar-Reklamar Ibbażat fuq l-Imġiba ta’ [Meta IE]. Is-sentenza vvalutat l-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] (u l-element ta’ “neċessità”) fil-kuntest ta’ pproċessar differenti milli huwa inkwistjoni hawnhekk (jiġifieri, data miġbura minn [Meta]<sup>251</sup>, u sa ċertu punt l-iproċessar tad-data bejn prodotti differenti, għall-kuntrarju ta’ data miġbura fuq prodotti [Meta]). (...) (...) Barra minn hekk, il-QĠUE ma ḥarġitx (u ma setgħetx tagħmel dan bħala punt ta’ liġi) sejba ġenerali li l-interessi tal-utenti dejjem jegħi l-utenti legħi kif jaġi tħalli minn iż-żgħix. Iż-żgħix sejja l-utenti terzi fil-kuntest ta’ reklamar personalizzat (...)”<sup>252</sup>.
143. Fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, l-EDPB jinnota r-referenzi li saru għall-ġbir tad-data minn servizzi oħra tal-grupp li għalihi jappartjeni operatur<sup>253</sup>.
144. L-EDPB jirrikonoxxi li l-iproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba li Meta twettaq abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR u li jiġi eżaminat għall-fini ta’ din it-taqṣima 4.1.1.3<sup>254</sup> huwa relatav mad-data personali miġbura fuq il-prodotti ta’ Meta filwaqt li, skont Meta IE, is-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE hija relatata l-aktar ma’ data personali miksuba minn sħab tar-reklamar ta’ partijiet terzi barra mill-prodotti ta’ Meta. Madankollu, l-EDPB iqis li din is-Sentenza, indirizzata lil Meta IE, Meta Platforms Inc. u Facebook Deutschland GmbH<sup>255</sup>, tiddeskrivi l-mod kif jista’ jitwettaq l-eżerċizzu ta’ bblanċċar għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba, li huwa rilevanti wkoll għad-data personali miġbura dwar il-prodotti ta’ Meta.

<sup>249</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.26, p. 12.

<sup>250</sup> It-tweġiba ta’ Meta IE għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE tal-4 ta’ Awwissu 2023, it-Taqṣima 1.5 (A). Ara wkoll il-Verżjoni Ingliża tal-Ilment dwar il-Meriti ta’ Meta IE sottomess lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo tas-16 ta’ Ottubru 2023 (ikkoreġuta), p. 38 u s-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 10–11.

<sup>251</sup> Id-data miġbura “l-barra” mill-prodotti ta’ Meta tirreferi għal data miġbura ‘l-barra mill-prodotti ta’ Meta, bħal fuq siti web ta’ partijiet terzi, apps u ċerti interazzjonijiet offline (eż. xiri).

<sup>252</sup> It-tweġiba ta’ Meta IE għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE tal-4 ta’ Awwissu 2023, it-Taqṣima 1.5 (A) u t-Taqṣima 2 għal analiżi aktar dettaljata tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE.

<sup>253</sup> F’dak ir-rigward, il-punt 86 tas-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE jiddikjara: “Permezz tat-tielet u tar-raba’ domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinvju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk u f’liema kundizzjonijiet il-punti (b) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-iproċessar ta’ data personali mwettaq minn operatur ta’ network soċjali online, li jikkonsisti fil-ġbir ta’ data tal-utenti ta’ tali network li tirriżulta minn servizzi oħra tal-grupp li għalihi jappartjeni dan l-operatur jew li tirriżulta mill-konsultazzjoni minn dawn l-utenti ta’ siti internet jew ta’ applikazzjonijiet terzi, fil-korrelazzjoni ta’ din id-data mal-kont tan-network soċjali tal-imsemmija utenti u fl-użu tal-imsemmija data, jista’ jitqies li huwa neċċessaru għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratt li fih is-suġġetti tad-data jkunu partijiet, fis-sens tal-punt (b), jew għall-finijiet tal-interessi legħiġġi mfittxja mill-kontrollur jew minn terz, fis-sens tal-punt (f). Din il-qorti tistaqsi b’mod partikolari jekk, għal dan l-għan, ċerti interessi li hija tiċċiha espliċitament jikkostitwixx “interess legħiġġi”, fis-sens ta’ din l-aħħar dispożizzjoni.”

<sup>254</sup> Meta IE tindika li tiddependi fuq l-Art. 6 (1)(a) tal-GDPR biex tipproċessa data personali miksuba minn Meta IE minn sħab tar-reklamar ta’ partijiet terzi. Tali data hija dwar l-attività tal-utenti barra l-prodotti ta’ Meta. Ara n-noti 89 u 149 ta’ qiegħ il-paġna iktar’ il-fuq f’dan ir-rigward.

<sup>255</sup> It-talba għal deċiżjoni preliminari fis-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE saret fi proċedimenti bejn Meta Platforms Inc., li qabel kienet Facebook Inc., Meta Platforms Ireland Ltd, li qabel kienet Facebook Ireland Ltd, u Facebook Deutschland GmbH, minn naħħa waħda, u l-Bundeskartellamt. Meta IE topera n-network soċjali online Facebook fl-UE. Ara s-sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punti 2 u 26.

145. L-EDPB ifakkar fil-linji gwida preċedenti tiegħu fejn enfasizza li “*jkun diffiċli għall-kontrolluri li jiġi justifikaw l-użu ta’ interassi leġittimi bħala bażi legali għal prattiki intrużivi ta’ tfassil ta’ profili u traċċar għal skopijet ta’ kummerċjalizzazzjoni jew reklamar, pereżempju dawk li jinvolu t-traċċar ta’ individwi f’diversi siti web, postijiet, apparati, servizzi jew senserija tad-data.*<sup>256</sup>”
146. L-EDPB iqis li din il-gwida hija rilevanti għall-ipproċessar inkwistjoni mwettaq minn Meta IE, li, kif previst fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, huwa intrużiv minħabba l-iskala tagħha u l-ammonti estensivi ta’ data li tiġi pproċessata minn Meta IE<sup>257</sup>. F’dawk id-deċiżjonijiet, l-EDPB iddekskriva “*I-kumplessità, l-iskala massiva u l-intrużività tal-prattika tar-reklamar li jagħraf l-imġiba li Meta IE twettaq permezz tas-servizz ta’ Facebook [jew Instagram]*”<sup>258</sup>. Fi kliem ieħor, “*ir-reklamar li jagħraf l-imġiba, kif deskrirt fil-qosor fil-[paragrafu 95 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022 tal-EDPB u fil-paragrafu 98 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022*<sup>259</sup> *huwa sett ta’ operazzjonijiet ta’ pproċessar ta’ data personali ta’ kumplessità teknika kbira, li għandu natura partikolarment massiva u intrużiva*”<sup>260</sup>. L-AS IE tenniet din il-konklużjoni fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE: “*Huwa għalhekk ċar li l-Bord iqis (...) in-natura u l-ambitu tal-ipproċessar bħala estensiv, kumpless, intrużiv u fuq skala massiva*”<sup>261</sup>.

---

<sup>256</sup> Il-Linji Gwida tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-teħid ta’ deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta’ Profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, adottati fit-3 ta’ Ottubru 2017, kif l-aħħar Riveduti u Adottati fis-6 ta’ Frar 2018, approvati mill-EDPB fil-25 ta’ Mejju 2018, p. 15. Dan issemmu mill-AS NO fl-Ordni tal-AS NO, p. 9. Din l-istess dikjarazzjoni ġiet imtennija mill-EDPB fil-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-immirar tal-utenti tal-media soċjali, il-Verżjoni 2.0, adottata fit-13 ta’ April 2021, il-paragrafu 56.

<sup>257</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 444 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 413.

<sup>258</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 96 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 99.

<sup>259</sup> Il-paragrafu 95 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022 tal-EDPB jgħid: “*Dawn it-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari jsemmu li [Meta IE] tiġib data dwar l-utenti individwali tagħha u l-attivitàajiet tagħhom fuq u barra s-servizz tan-network soċjali ta’ Facebook tagħha permezz ta’ diversi mezzi bħas-servizz innifsu, servizzi oħra tal-grupp Meta inkużi Instagram, WhatsApp u Oculus, siti web u apps ta’ partijiet terzi permezz ta’ cookies, plug-ins soċjali, pixels u teknoloġiji komparabbli mqiegħda fuq il-kompjuter jew l-apparat mobbli tal-utent tal-internet. Skont id-deskrizzjoni jipprovduti, [Meta IE] torbot din id-data mal-kont ta’ Facebook tal-utent sabiex tippermetti lir-reklamaturi jfasslu r-reklamar tagħhom għall-utenti individwali ta’ Facebook abbażi tal-imġiba, l-interessi, il-kapaċitā tal-akkwist u s-sitwazzjoni personali tal-konsumatur tagħhom. Dan jista’ jinkludi wkoll il-post fiżiku tal-utent biex jintwera l-kontenut rilevanti għall-post tal-utent. Meta IE toffri s-servizzi tagħha lill-utenti tagħha mingħajr ħlas u tiġġenera dħul permezz ta’ dan ir-reklamar personalizzat immirat għalihom, minbarra reklamar statiku li jintwera lil kull utent bl-istess mod.*

Il-paragrafu 98 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022 tal-EDPB jgħid: “*Dawn it-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari jsemmu li Meta IE tiġib data dwar l-utenti individwali tagħha u l-attivitàajiet tagħhom fuq is-servizz tagħha ta’ Facebook u ‘l-barra minnu permezz ta’ diversi mezzi bħas-servizz innifsu, servizzi oħra tal-grupp Meta inkużi Instagram, WhatsApp u Oculus, siti web u apps ta’ partijiet terzi permezz ta’ cookies, plug-ins soċjali, pixels u teknoloġiji komparabbli mqiegħda fuq il-kompjuter tal-utent tal-internet jew l-apparat mobbli<sup>164</sup>. Skont id-deskrizzjoni jipprovduti, Meta IE torbot din id-data mal-kont ta’ Facebook tal-utent biex tippermetti lir-reklamaturi jfasslu r-reklamar tagħhom għall-utenti individwali ta’ Facebook abbażi tal-imġiba, l-interessi, il-kapaċitā tal-akkwist u s-sitwazzjoni personali tal-konsumatur tagħhom. Dan jista’ jinkludi wkoll il-post fiżiku tal-utent biex jintwera l-kontenut rilevanti għall-post tal-utent. Meta IE toffri s-servizzi tagħha lill-utenti tagħha mingħajr ħlas u tiġġenera dħul permezz ta’ dan ir-reklamar personalizzat immirat għalihom, minbarra reklamar statiku li jintwera lil kull utent bl-istess mod.*

<sup>260</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 123 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 126.

<sup>261</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 9.23 u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 243.

147. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u filwaqt li titqies l-analiżi legali pprovduta mill-AS IE (ara pereżempju fil-paragrafi 135 u 138 ta' hawn fuq, kif sostnuta mill-valutazzjoni mwettqa mis-CSAs), I-EDPB iqis li l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data jegħlbu l-interessi leġittimi mressqa minn Meta IE għall-ipproċċassar ta' *datapersonali* miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, bir-riżultat li Meta IE ma ssodisfatx it-tielet kundizzjoni tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.
148. Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq tal-EDPB mill-paragrafu 111 sa 147, I-EDPB iqis li Meta IE tiddependi b'mod mhux xieraq fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tiproċċessa d-data personali miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba.

#### 4.1.1.3.4 Konklużjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR

149. L-approċċ ta' konformità adottat minn Meta IE ġie vvalutat fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE kif ġej:
- Meta IE xorta tfitteż li tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR biex tiproċċessa xi kategoriji speċifiċi ta' *data personali*<sup>262</sup>, għal skopijiet ta' reklamar<sup>263</sup>;
  - Meta IE tfitteż li tibbaża fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tiproċċessa *data personali* oħra għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>264</sup> — unikament għad-data personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta<sup>265</sup>;
  - Meta IE tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR biex tiproċċessa *data personali* pprovduta lil Meta IE minn sħab tar-reklamar ta' partijiet terzi<sup>266</sup>.

150. Meta IE [REDACTED] hiia lesta li tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR bnaia i-pazi ġuridika tagnna [REDACTED] permezz tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE<sup>267</sup>.

151. L-EDPB jenfasizza l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-konformità tal-attivitajiet ta' pproċċessar fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR f'dan il-mument. [REDACTED]

[REDACTED]<sup>268</sup>. Għal raġunijiet ta' ċarezza, I-EDPB jispeċifika li l-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE ma ġietx ivvalutata fil-merti tagħha għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti. F'dan ir-rigward, I-EDPB jista' jieħu nota biss tal-eżistenza ta' evalwazzjoni kontinwa tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE mill-AS IEU mis-CSAs.

152. Skont l-EDPB, hemm ksur kontinwu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-ipproċċassar ta' *data personali*, inkluża *data* dwar il-post u *data*

<sup>262</sup> Ara l-paragrafu 91 hawn fuq.

<sup>263</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-IE, il-paragrafi 6.2 u 7.1–7.22.

<sup>264</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-IE, il-paragrafi 6.3 u 7.23–7.67.

<sup>265</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-IE, il-paragrafu 7.23, li jirreferi għall-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023.

<sup>266</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.23, li jirreferi għall-Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tat-30 ta' Ġunju 2023.

<sup>267</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE rigward il-kunsens tas-27 ta' Lulju 2023, p. 2.

<sup>268</sup> [REDACTED]

dwar l-interazzjoni mar-reklamar miġbura, fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>269</sup>.

153. Barra minn hekk, l-EDPB jikkonkludi li hemm ksur kontinwu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data personali* miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>270</sup>.

#### 4.1.2 Dwar il-ksur tal-obbligu ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji

##### 4.1.2.1 Sommarju tal-pożizzjoni ġenerali tal-AS NO

154. Skont l-AS NO, peress li l-iskadenza għall-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE kienet il-5 ta' April 2023 iżda l-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għadu jippersisti aktar minn 6 xhur wara, Meta IE naqset milli tiżgura l-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE, u għalhekk kisret id-dmir tagħha li tikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-SAs<sup>271</sup>. In-NO jiddikjara wkoll li hemm kunsens dwar il-livell Ewropew bejn l-AS IE u s-CSAs li l-iproċessar għadu illegali<sup>272</sup>, u li “*kif rikonoxxut mill-AS IE nnifisha*, Meta IE naqset milli tiżgura l-konformità ma’ [id-Deċiżjonijiet tal-AS IE]”<sup>273</sup>. L-AS NO ddikjarat li dan in-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi fih innifsu ksur indipendenti tal-GDPR<sup>274</sup> li għaliex l-Artikolu 83(5)(e) tal-GDPR jipprevedi multa li tista' tiġi imposta flimkien mal-multi imposti mid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>275</sup>.

##### 4.1.2.2 Sommarju tal-pożizzjoni tal-kontrollur

155. Meta IE ddikjarat li, qabel id-Deċiżjonijiet tal-AS IE, hija bbażat ruħha fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR b'mod *bona fide* u “*t-twemmin bona fide tagħha li kien legali għaliha li tagħmel dan*”<sup>276</sup>.
156. Wara d-Deċiżjonijiet tal-AS IE, Meta IE argumentat li ħadet passi sostanzjali sabiex iġġib l-attivitajiet ta' proċessar tagħha f’“*dak li temmen li kien konformità mad-deċiżjonijiet [tal-AS IE]*”<sup>277</sup>, inkluż billi biddlet il-bażi ġuridika tagħha mill-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data personali* miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>278</sup>.
157. Meta IE hija tal-fehma li la d-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u lanqas id-Deċiżjonijiet tal-AS IE ma ordnaw lil Meta IE tiddependi fuq bażi ġuridika speċifika għall-ipproċessar ta' *data personali* miġbura fuq il-prodotti tagħha għal skop ta' reklamar li jagħraf l-imġiba skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR, bħall-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR<sup>279</sup>. B'rīżultat ta' dan, Meta IE għadha qed tfittex li tiddependi fuq l-Artikolu

<sup>269</sup> Ara l-analiżi mwettqa hawn fuq fit-Taqsima 4.1.1.2.3 u l-paragrafi 98-99.

<sup>270</sup> Ara l-analiżi mwettqa hawn fuq fit-Taqsima 4.1.1.3.3 u l-paragrafu 148.

<sup>271</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>272</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p.12.

<sup>273</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>274</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6 u Ittra tal-AS NO lill-AS IE datata l-11 ta' Ottubru 2023, p. 2.


<sup>275</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>276</sup> Ittra ta' Meta IE lil AS NO tal-4 ta' Awwissu 2023, fir-rigward tad-dritt għal smiġħ, il-paragrafu 65.

<sup>277</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS NO tal-4 ta' Awwissu 2023, fir-rigward tad-dritt li tinstema', datata l-paragrafu 65.

<sup>278</sup> Ir-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE rigward is-Servizz Facebook (IN-18-5-5) tat-3 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem, ir-“**Rapport ta' Konformità dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB**”), il-paragrafu 2.1 u r-Rapport ta' Konformità ta' Meta IE rigward is-Servizz ta' Instagram (IN-18-5-7) tat-3 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem, ir-“**Rapport ta' Konformità dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG**”), il-paragrafu 2.1 (flimkien, ir-“**Rapporti ta' Konformità**”).

<sup>279</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10, u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 4 u 16.

- 6(1)(b) tal-GDPR biex tipproċessa xi kategoriji speċifiċi ta' *data personali* li ma tqisx li huma *data* dwar l-imġiba<sup>280</sup>, u fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tipproċessa *data personali* oħra għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>281</sup> — unikament għad-*data* personali miġbura fuq il-prodotti tagħha<sup>282</sup>.
158. Wara li kkunsidrat id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE (inkluża l-interpretazzjoni tal-AS IE tas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE), Meta IE ddikjarat li kienet lesta li timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR bħala l-bażi ġuridika tagħha għall-ipproċessar għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba permezz tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE<sup>283</sup>.
159. Wara li qieset id-Dokument ta' Pożizzjoni F-  
bħala konformi mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE  
 284

<sup>285</sup>.

#### 4.1.2.3 Analiżi tal-EDPB

160. L-EDPB ifakk li l-Artikolu 60(10) tal-GDPR jipprevedi d-dmir li l-kontrollur “*jeħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata konformità mad-deċiżjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta’ pproċessar fil-kuntest tal-istabbilimenti kollha tiegħu fl-Unjoni*”<sup>286</sup>.
161. L-EDPB ifakk ukoll li n-nuqqas ta’ konformità ma’ ordni ta’ AS skont l-Artikolu 58(2) tal-GDPR jikkostitwixxi ksur li jista’ jiġi sanzjonat permezz ta’ multa amministrattiva skont l-Artikolu 83(5)(e) tal-GDPR u l-Artikolu 83(6) tal-GDPR<sup>287</sup>.
162. L-EDPB jikkonferma, f’konformità mal-fehma tal-AS NO<sup>288</sup>, li n-nuqqas ta’ konformità mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji huwa fih innifsu ksur indipendenti tal-GDPR<sup>289</sup>.
163. Kif digħiġa ġie nnotat hawn fuq, id-Deċiżjonijiet tal-AS IE kienu jirrikjedu li Meta IE, fost l-oħrajn, tieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex tindirizza s-sejba li Meta IE ma hijiex intitolata tipproċessa *data* personali għar-

<sup>280</sup> Ara l-paragrafu 91 hawn fuq u d-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 6.2 u 7.1–7.22.

<sup>281</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafi 6.3 u 7.23–7.67.

<sup>282</sup> Ara l-paragrafu 104 ta’ hawn fuq u d-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 7.23, li jirreferu għall-Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE tat-30 ta’ Ġunju 2023.

<sup>283</sup> Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE rigward il-kunsens tas-27 ta’ Lulju 2023, p. 2.

<sup>284</sup> Is-sottomissjonijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, il-paragrafu 61.

<sup>285</sup> Is-sottomissjonijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, il-paragrafu 64.

<sup>286</sup> L-Artikolu 60 tal-GDPR.

<sup>287</sup> Skont l-Art. 83(5)(e) tal-GDPR, “*nuqqas ta’ konformità ma’ ordni jew limitazzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar jew is-sospensijni ta’ flussi ta’ data mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 58(2) [tal-GDPR] jew nuqqas milli jingħata aċċess bi ksur tal-Artikolu 58(1) [tal-GDPR]*” huwa ksur li “*għandu, f’konformità mal-paragrafu 2, ikun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 20 000 000, jew fil-każ ta’ impriżza, sa 4 % tal-fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja precedingenti, skont liema jkun l-ogħla*”. L-Art. 83(6) tal-GDPR jipprevedi: “*Nuqqas ta’ konformità ma’ ordni mill-awtorità superviżorja kif imsemmija fl-Artikolu 58(2) [tal-GDPR] għandu, f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, ikun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 20 000 000, jew fil-każ ta’ impriżza, sa 4 % tal-fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja precedingenti, skont liema jkun l-ogħla*”.

<sup>288</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tas-17 ta’ Settembru 2023 fir-rigward tad-dritt għal smiġħ, p. 7.

<sup>289</sup> “*In-nuqqas ta’ konformità ma’ setgħa korrettiva ordnata precedingently jista’ jitqies jew bħala fattur aggravanti, jew bħala ksur differenti fih innifsu, skont l-Art. 83 (5)(e) u l-Art. 83(6) tal-GDPR. Għalhekk, għandu jitqies li l-istess imġiba mhux konformi ma tistax twassal għal sitwazzjoni fejn tiġi kkastigata darbejn*”, il-Linji Gwida 04/2022 tal-EDPB dwar il-kalkolu tal-multi amministrattivi skont il-GDPR, il-verżjoni 2.1, il-paragrafu 103.

reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u li ġġib l-ipproċessar tagħha ta' *data personali* għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.<sup>290</sup> Barra minn hekk, l-AS IE għamlitha ċara li l-azzjonijiet li Meta IE għandha tieħu sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE jistgħu jinkludu, iżda ma kinux limitati għal, l-identifikazzjoni ta' bażi ġuridika alternattiva xierqa fl-Artikolu 6(1) tal-GDPR<sup>291</sup> u jistgħu jinkludu l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex tiġi ssodisfata l-kundizzjonalità assoċċjata ma' dik/dawk il-bażi ġuridika/i/ ġuridika/alternattivi<sup>292</sup>. L-iskadenza għall-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE kienet il-5 ta' April 2023.

L-EDPB jinnota li fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, l-AS IE sabet li Meta IE naqset milli turi konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE, u tiddikjara li Meta IE “naqset milli turi li ma għadhiex tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR sabiex tipproċessa data personali għar-reklamar li jagħraf l-imġiba” u “naqset milli turi li għandha bażi legali biex tipproċessa Data dwar l-Imġiba tal-Pjattaforma għar-reklamar li jagħraf l-imġiba”<sup>293</sup>.

164. L-EDPB jinnota li l-AS NL iddikjarat ukoll li “Peress li Meta [IE] ddikjarat pubblikament li digħà tagħmel użu mill-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] bħala bażi ġuridika, din il-konklużjoni tfisser li — bħalissa — id-data personali ta' miljuni ta' suġġetti tad-data Ewropej qed tiġi pproċessata mingħajr ma jkun hemm bażi ġuridika valida. Barra minn hekk, dan ifisser li Meta [IE] ma tikkonformax mal-ordni tal-[AS IE] fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE] sabiex dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar jingħebu f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR”.<sup>294</sup>
165. L-EDPB jinnota l-fehma tal-AS IE li la l-GDPR u lanqas il-liġi nazzjonali Irlandiża ma jippreskrivu l-mod li bih għandha titwettaq il-valutazzjoni tal-passi meħuda mill-kontrollur f'konformità allegata mal-ordnijiet ta' AS<sup>295</sup>. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li Meta IE ma tikkontestax li s-sejbiet tal-AS IE magħmula sussegwentement għad-Deċiżjonijiet tal-AS IE jsiru “sabiex jiġu implementati d-deċiżjonijiet eżistenti [tal-AS IE] skont l-Artikolu 60(10) tal-GDPR”.<sup>296</sup>
166. Fir-rigward tal-argument ta' Meta IE li hija kkonformat bis-sħiħ mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE billi ħadet, l-ewwel, passi sostanzjali sabiex l-attivitajiet ta' pproċessar tagħha jsiru konformi sal-5 ta' April 2023<sup>297</sup> u, it-tieni, passi fid-direzzjoni tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE<sup>298</sup>, l-EDPB jenfasizza li dawn l-elementi fihom infuħom ma jikkontradixx il-konklużjoni li f'dan il-mument il-konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għall-attivitajiet ta' pproċessar fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE għadha ma ntlaħqitx filwaqt li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE kienet il-

---

<sup>290</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 10.44b; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212.

<sup>291</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 10.44b u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 10.

<sup>292</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 8; u d-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 212.

<sup>293</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, it-Taqsima 8, p. 25. Fir-rigward tad-dipendenza ta' Meta IE fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, ara wkoll il-parografi 96–99 hawn fuq. Fir-rigward tad-dipendenza ta' Meta IE fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, ara wkoll il-parografi 121, 135, 138 hawn fuq.

<sup>294</sup> Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL, p. 2.

<sup>295</sup> L-Ittra tal-AS IE lil Meta IE tal-14 ta' Ġunju 2023, p. 1–2.

<sup>296</sup> Is-sottomissjoni ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 12 u 13.

<sup>297</sup> Is-Sottomissjoni ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10 u s-Sottomissjoni ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5. Ara wkoll is-Sottomissjoni ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 33.

<sup>298</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE rigward il-kunsens tas-27 ta' Lulju 2023, p. 2.

#### 4.1.2.4 Konklużjoni dwar il-ksur tal-obbligu ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji

167. Fid-dawl tas-sejbiet tagħha li Meta IE xorta tiddependi b'mod mhux xieraq fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR sabiex tipproċessa *data* personali, inkluża *data* dwar il-post u *data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar, miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>300</sup> u fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR sabiex tipproċessa d-*data* personali miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>301</sup>, l-EDPB isib, f'konformità mal-konklużjonijiet misluta mill-AS IE<sup>302</sup> u mal-fehmiet espressi b'mod partikolari mill-AS NO<sup>303</sup> [REDACTED]<sup>304</sup> matul il-proċedimenti, li Meta IE ma kisbitx konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE sal-iskadenza għall-konformità u għalhekk bħalissa qed tikser id-dmir tagħha li tikkonforma mad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji.

## 4.2 Dwar l-eżistenza ta' urġenza li jiġu adottati miżuri finali permezz ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza

168. It-tieni element li għandu jiġi vwalutat skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR huwa l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' urġenza li tiġġustifika deroga mill-proċedura ta' kooperazzjoni regolari.
169. L-intervent urġenti tal-EDPB skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR huwa eċċeżżjonali, u jidderoga mir-regoli ġenerali applikabbi għall-mekkaniżmi regolari ta' konsistenza u kooperazzjoni.
170. Meta jitqies il-fatt li l-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR hija deroga għall-mekkaniżmi standard ta' konsistenza u kooperazzjoni, din trid tiġi interpretata b'mod restrittiv. Għalhekk, l-EDPB jista' jitlob miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR biss jekk il-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni jew konsistenza ma jkunux jistgħu jiġi applikati bil-mod tas-soltu tagħhom, minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni<sup>305</sup>.
171. Barra minn hekk, l-Artikolu 61(8) tal-GDPR jipprevedi li, meta AS ma tipprovdix l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61(5) tal-GDPR fi żmien xahar minn meta tirċievi talba għal assistenza reċiproka minn AS oħra, il-“ħtieġa urġenti li tagħixxi skont l-Artikolu 66(1) [tal-GDPR] għandha tkun preżunta li ġiet sodisfatta u teħtieġ deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-Bord skont l-Artikolu 66(2) [tal-GDPR]”. Jekk tapplika tali preżunzjoni, in-natura urġenti ta' talba skont l-Artikolu 66(2) għal-deċiżjoni vinkolanti urġenti tista' tiġi preżunta u ma teħtieġx li tintwera<sup>306</sup>.
172. F'din il-proċedura, l-AS NO talbet lill-EDPB jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR, sabiex titlob b'mod urġenti lill-AS IE timponi miżuri finali fuq Meta IE. It-talba saret wara l-adozzjoni ta' miżuri

<sup>299</sup> Ittra tal-AS NO lil Meta IE u lil Facebook Norway tas-17 ta' Settembru 2023 fir-rigward tad-dritt għal smiġħ, p. 9.

<sup>300</sup> Ara l-paragrafi 98–99, u 152 hawn fuq.

<sup>301</sup> Ara l-paragrafi 148 u 153 hawn fuq.

<sup>302</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, it-Taqsima 8, p. 25.

<sup>303</sup> [REDACTED]

<sup>304</sup> [REDACTED]

<sup>305</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 167.

<sup>306</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 170.

proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR<sup>307</sup> li huma applikabbli biss fin-Norveġja, u huma validi biss għal 3 xhur.

173. Fit-taqsimiet ta' hawn taħt, l-EDPB l-ewwel janalizza jekk iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każjurux l-eżistenza ta' urġenza u l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza (it-taqSIMA 4.2.1 hawn taħt) qabel ma janalizza jekk il-preżunzjoni deskritta fl-Artikolu 61(8) tal-GDPR hijiex applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ (it-taqSIMA 4.2.2).

#### 4.2.1 Dwar l-eżistenza ta' urġenza u l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza

##### 4.2.1.1 Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO

174. L-AS NO tqis li "Irrispettivamente mill-applikabbiltà tal-preżunzjoni tal-Artikolu 61(8), f'dan il-każ hemm ħtieġa urġenti għal deċiżjoni vinkolanti mill-EDPB f'konformità mal-Artikolu 66(2) tal-GDPR, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data"<sup>308</sup>.
175. Skont l-AS NO, l-ipproċessar inkwistjoni huwa ta' detriment għad-drittijiet fundamentali tal-individwi, u n-nuqqas ta' tmiem ta' dan l-iproċessar għalhekk jesponi lil dawn is-suġġetti tad-data għal riskju ta' dannu serju u irreparabbi<sup>309</sup>. F'aktar dettalji, l-AS NO hija tal-fehma li:

- Il-ksur ilu jseħħi għal ammont sinifikanti ta' żmien u huwa ta' natura partikolarment serja, peress li għandu impatt konsiderevoli fuq l-utenti tal-prodotti ta' Meta li l-attivitajiet online tagħhom huma "*sorveljati b'mod kostanti, intrużiv u opak u mfassla fi profili minn Meta*", li "*jista' jagħti lok għas-sentiment li l-ħajja privata tagħhom qed tiġi ssorveljata kontinwament*".<sup>310</sup>
- Il-ksur jaffettwa aktar minn 250 miljun utent attiv medju fix-xahar fl-UE, inklużi suġġetti tad-data vulnerabbi li jeħtieġu protezzjoni partikolari, bħall-minorenni, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità konjittiva<sup>311</sup>.
- L-iffiltrar tar-reklami spċifici li jintwerew fuq Facebook jew Instagram għandu effett negattiv fuq il-libertà tal-informazzjoni tas-suġġetti tad-data u fuq il-par-teċċipazzjoni politika<sup>312</sup> filwaqt li joħloq "*potenzjal għat-tišeħiħ tal-istereotipi eżistenti, u jista' jħalli lis-suġġetti tad-data miftuħha għad-diskriminazzjoni*"<sup>313</sup>.
- In-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni urġenti sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE jċaħħad lis-suġġetti tad-data mid-dritt li jfittxu rimedju effettiv kontra kontrollur tad-data mill-AS skont l-Artikolu 77 tal-GDPR<sup>314</sup>.
- L-AS NO hija tal-fehma li ma hemm l-ebda miżura li tista' tiġi applikata b'mod retroattiv biex issewwi l-ksur tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data<sup>315</sup>.

<sup>307</sup> L-Art. 66 (4) tal-GDPR; kif deskrift fit-TaqSIMA 2.1 hawn fuq.

<sup>308</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10.

<sup>309</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10.

<sup>310</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10, li tirreferi għas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 118.

<sup>311</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10.

<sup>312</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 22.

<sup>313</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10; l-Ordni tal-AS NO, p. 22.

<sup>314</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 28.

<sup>315</sup> L-AS NO Ċaħda tat-Talba ta' Meta IE u ta' Facebook Norway għal Implementazzjoni Differita tal-Ordni datata s-7 ta' Awwissu 2023, p. 1.

176. Barra minn hekk, l-AS NO tiddikjara li kien hemm “*żamma kontinwa mill-infurzar*” min-naħħa tal-AS IE<sup>316</sup>. L-AS NO hija tal-fehma li minkejja l-fatt li qed iseħħi ksur jidher li mhux kontroversjali fost l-awtoritajiet superviżorji, “*l-AS IE tidher li ma tridx titlob li tali ksur jitwaqqaf mingħajr aktar dewmien*”<sup>317</sup>. F’dan irrigward, l-AS NO tiddikjara li n-nuqqas ta’ reazzjoni soda u rapida għan-nuqqas ta’ konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE mhux biss iċaħħad lis-suġġetti tad-data mill-protezzjoni li huma intitolati għaliha, iżda jmur ukoll kontra d-dmir tal-awtoritajiet superviżorji li jiżguraw li l-GDPR jiġi rrispettaw fil-prattiċa<sup>318</sup>.
177. B’mod aktar ġenerali, fil-fehma tal-AS NO, in-nuqqas ta’ reazzjoni għall-istat ta’ nuqqas ta’ konformità fit-tul ta’ Meta IE jistabbilixxi précédent perikoluż<sup>319</sup> peress li “*jistieden strateġiji dilatorji minn kontrolluri mhux konformi*” u jimmina l-awtorità tal-AS IE, is-CSAs u l-EDPB<sup>320</sup>. Għall-AS NO, nuqqas li tiġi adottata d-deċiżjoni urġenti ta’ ħruġ mitluba fiċ-ċirkostanzi preżenti jkun jinvolvi riskji serji li l-mekkaniżmu tal-Artikolu 66 tal-GDPR jirrikorri għal “*tigra tal-karti*”<sup>321</sup>.
178. L-AS NO targumenta li deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB tkun ristretta u strettament limitata għas-supremazija tal-LSA fl-iżgħar tal-konformità ma’ deċiżjoni tal-Artikolu 60 tal-GDPR u ma tistabbilixx précédent għal deroga mill-proċedura standard ta’ kooperazzjoni ta’ punt uniku ta’ servizz<sup>322</sup> peress li tinħareġ wara t-testi ja’ proċess tal-Artikolu 60 tal-GDPR, wara l-adozzjoni mill-AS IE tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>323</sup> u minħabba l-fatt li l-AS IE ma tipprevedix li tibda proċedura ġidha tal-Artikolu 60 tal-GDPR<sup>324</sup>.
179. Barra minn hekk, l-AS NO targumenta li l-miżuri finali ma jinterferixxu mal-[REDACTED] impenn tagħha li tbiddel il-bażi ġuridika għar-reklamar li jagħraf l-imġiba għall-kunsens<sup>325</sup>. Skont l-AS NO, “*jekk Meta [IE] tiġi ordnata twaqqaf dawn l-attivitàajiet ta’ pproċessar kollha abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) [tal-GDPR] u [l-Artikolu 6(1)] (f) sakemm tiġi identifikata bażi ġuridika valida, ikollha incēntiv biex tidentifika malajr soluzzjonijiet adegwati u legali biex terġa’ tibda l-attivitàajiet ta’ pproċessar tagħha malajr kemm jista’ jkun*”<sup>326</sup>.
180. [REDACTED]

<sup>327</sup>.

<sup>316</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 12.

<sup>317</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>318</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 6.

<sup>319</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-11 ta’ Ottubru 2023, p. 11.

<sup>320</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 28; It-Talba tal-AS NO Talba lill-EDPB, p. 12.

<sup>321</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12, li tirreferi għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-Kawża C-645/19, Facebook Ireland et, il-punt 119 u l-punt 122.

<sup>322</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>323</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10–11, li tirreferi għal Informazzjoni tal-AS IE dwar il-Proċedura (tweġiba lill-AS SE) tal-4 ta’ Mejju 2023 fejn l-AS IE kienet indikat permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE li huma “*ma kienu sejkunu qed iħejju l-ebda deċiżjoni ulterjuri f’din il-kwistjoni*”.

<sup>324</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 11.

<sup>325</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 11–12.

<sup>326</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 11–12.

<sup>327</sup> L-Ittra tal-AS NO lill-AS IE tal-2 ta’ Ottubru 2023, p. 11. Ara wkoll iċ-Ċaħda tal-AS NO tat-Talba ta’ Meta IE u ta’ Facebook Norway għal Implantazzjoni Differita tal-Multa Koerċittivat tas-7 ta’ Awwissu 2023, p. 1–2, fejn l-AS NO tagħti diversi argomenti relatati mal-fatt li Meta IE “*ma implementat l-ebda miżura li tiġiustifika t-tnejħiha tal-Ordni jew ir-rinunza tal-multa koerċittiva, peress li [REDACTED] d-data personali tas-suġġetti tad-data fin-Norveġja qed tkompli tiġi pproċessata illegalment għal finijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba[...]*

181. L-AS NO tfakkar ukoll li fi kwalunkwe każ, il-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE ma teliminax il-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri finali<sup>329</sup>.

330

<sup>331</sup>. Għalhekk, fil-fehma tal-AS NO, il-miżuri finali jikkostitwixxu "l-uniku mod" biex jitwaqqaf id-dannu għad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data<sup>332</sup>.

#### 4.2.1.2 Sommarju tal-pożizzjoni tal-kontrollur

182. Skont Meta IE, iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jiġġustifikawx deċiżjoni urġenti tal-EDPB skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR<sup>333</sup>. B'mod partikolari, Meta IE tfakkar deċiżjoni minn qabel tal-EDPB li tiddikjara li "*I-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR hija deroga għall-mekkaniżmi standard ta' konsistenza u kooperazzjoni, li trid tiġi interpretata b'mod restrittiv. Għalhekk, l-EDPB jitlob miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) [tal-GDPR] biss jekk il-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni jew konsistenza ma jkunux jistgħu jiġu applikati bil-mod tas-soltu tagħhom minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni*"<sup>334</sup>.
183. F'dan ir-rigward, Meta IE tinnota li l-kummenti riċevuti mill-AS IE mis-CSAs juru li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza li qed jitmexxa mill-AS IE (li jinkorpora l-fehmiet ta' diversi CSAs minbarra l-fehmiet tal-AS NO), qed jiffunzjona b'mod ċar f'konformità mal-Artikolu 60 tal-GDPR, u targumenta li ma hemm l-ebda raġuni biex issir deroga minn dak il-mekkaniżmu<sup>335</sup>. Għal din ir-raġuni, fil-fehma ta' Meta IE, l-invokazzjoni mill-AS NO tal-Artikolu 66(1) tal-GDPR u t-Talba tal-AS NO lill-EDPB mhumiex xierqa<sup>336</sup>.
184. Skont Meta IE, il-proċedura ta' urġenza tinterferixxi mal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni regolari li l-AS IE kienet qed issegwi sabiex timplimenta d-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>337</sup>. Il-fehma ta' Meta IE hija li l-proċess ta' involviment bejn Meta IE u l-AS IE skont l-Artikoli 56 (6) tal-GDPR u l-Artikolu 60(10) tal-GDPR għadu għaddej, u li ma hemm l-ebda ċirkostanza eċċeżżjonali li tippermetti lill-AS NO tevita tali proċess<sup>338</sup>.

<sup>328</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 11.

<sup>329</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 11.

<sup>330</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>331</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>332</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>333</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tal-31 ta' Mejju 2023, p. 5; Ittra ta' Meta IE lill-AS IE rigward proċedimenti urġenti potenzjali tal-21 ta' Ġunju 2023, p. 4.

<sup>334</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE datata l-31 ta' Mejju 2023, p. 5, li tirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafi 195-196.

<sup>335</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 4.

<sup>336</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 4.

<sup>337</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 12-13.

<sup>338</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tal-31 ta' Mejju 2023, p. 5; Ittra ta' Meta IE lill-AS IE rigward proċedimenti urġenti potenzjali tal-21 ta' Ġunju 2023, p. 4.

185. Barra minn hekk, skont Meta IE, “*l-azzjoni tal-AS NO tmur direttament kontra u timmina (i) l-awtorità tal-LSA, (ii) ir-rwol ta’ awtoritajiet superviżorji oħra madwar l-UE/iż-ŻEE li qed jinvolvu ruħhom b’mod xieraq permezz tal-proċess immexxi mil-LSA u (iii) il-mekkaniżmu ta’ punt uniku ta’ servizz tal-GDPR*”<sup>339</sup>.
186. Meta IE tiddikjara wkoll li l-eżistenza ta’ nuqqas ta’ qbil bejn LSA u CSA, fiha nnifisha, ma toħloqx sitwazzjoni ta’ urġenza bħala tali<sup>340</sup>. F’dan ir-rigward, hija tiddikjara li “*l-fatt li l-[AS NO] tidher li ma taqbilx mal-[REDACTED] [AS IE] ma jistax jiġġustifika li hija tirrikorri għall-użu tal-Artikolu 66(2) [tal-GDPR]*”<sup>341</sup>. Meta IE tiddikjara wkoll li ma hemm l-ebda preċedent għal AS li tuża l-Artikolu 66(2) tal-GDPR biex tfittex li “*tannulla u tiddetta l-proċess li LSA tkun stabbiliet sabiex tivvaluta l-konformità mal-ordnijiet propriji tal-LSA*”<sup>342</sup>.
187. Fir-rigward tan-natura tal-ksur, Meta IE hija tal-fehma li l-AS NO ma tipprovdix evidenza tal-allegata serjetà tagħhom, u tiddikjara li r-reklamar li jagħraf l-imġiba huwa prattika komuni, mifruxa lil hinn mis-servizzi ta’ Meta<sup>343</sup>.
188. Meta IE targumenta wkoll li l-fatt li l-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba ilu għaddej għal ħafna snin ma jiġiustifika l-ebda urġenza iżda, pjuttost, juri li ma hemm l-ebda element ġdid ta’ urġenza<sup>344</sup>. Meta IE tenfasizza li l-ipproċessar inkwistjoni f’dan il-każ huwa l-istess ipproċessar bħal dak li kien “*is-suġġett ta’ kunsiderazzjoni dettaljata mill-[AS IE] (...) għal aktar minn 4 snin u mill-EDPB, bl-għarfien tal-AS tul il-proċess kollu*”<sup>345</sup>. F’dan ir-rigward, Meta IE tfakkar ukoll li fid-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, l-EDPB stabbilixxa li “*s-sempliċi kontinwazzjoni tal-ipproċessar, ma tistax, waħedha, tiġiustifika ħtieġa urġenti ta’ azzjoni*”<sup>346</sup>.
189. Meta IE tqis li d-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB ma obbligawhiex tiddependi fuq l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba u lanqas ma kkonkludew li l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ma kienx bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar ta’ *data personali miġbura* fuq il-prodotti ta’ Meta għall-fini ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>347</sup>. Meta IE targumenta li kien biss mad-Dokument ta’

<sup>339</sup> Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE [REDACTED] tal-10 ta’ Awwissu 2023, p. 2.

<sup>340</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 1–2, 8. Ara wkoll is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 5.

<sup>341</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 12.

<sup>342</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 2.

<sup>343</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 9. B’mod aktar spċifiku, Meta IE tenfasizza li l-età minima għall-użu ta’ Facebook u Instagram hija ta’ 13-il sena u għall-utenti ta’ bejn 13 u 17-il sena jintużaw biss l-età u l-post biex jintwerew ir-reklami.

<sup>344</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 8–9. Meta IE tenniet ukoll li l-“*allegata urġenza*” ddikjarata mill-[AS NO] ma tistax tkun ibbażata fuq l-ipproċessar rilevanti (jiġifieri l-użu minn [Meta IE] ta’ data fuq il-pjattaforma għal skopijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba), minħabba li dan l-ipproċessar ilu għaddej snin bl-għarfien sħiħ tar-regolaturi, u l-uniku żvilupp reċenti huwa li [Meta IE] żiedet il-livell ta’ kontroll tas-suġġetti tad-data fuq dan l-ipproċessar”, ara s-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 5.

<sup>345</sup> Ara wkoll l-Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE tal-31 ta’ Mejju 2023, p. 5. Ara wkoll l-Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE rigward proċedimenti urġenti potenzjali tal-21 ta’ Ġunju 2023, p. 3.

<sup>346</sup> Ittra ta’ Meta IE lill-AS IE tal-31 ta’ Mejju 2023, p. 5, li tirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafi 195–196.

<sup>347</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 10.

Pożizzjoni Finali tal-AS IE li deher ċar għaliha li d-dipendenza tagħha fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għal tali pproċessar ma kinitx konformi mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>348</sup>.

190. Meta IE targumenta wkoll li l-AS IE ma hijiex qed toqgħod lura milli tinforza l-GDPR kontriha, minħabba li l-AS IE kkondividiet skeda ta' żmien mas-CSAs u ġarget id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE u mbagħad id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE<sup>349</sup>

<sup>350</sup>.

191. Meta IE tiddikjara wkoll li kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti urġenti tkun kontroproduktiva u fl-aħħar mill-aħħar tippreguudika l-interessi tas-suġġetti tad-data filwaqt li tiġġenera xogħol amministrattiv għall-EDPB, għall-AS IE, għas-CSAs u għal Meta IE<sup>351</sup>. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza wkoll li l-miżuri mitluba mill-AS NO permezz tal-proċedimenti ta' urġenza kienu digħi tqiesu bħala ogħżejjonijiet matul il-proċess preċedenti tal-Artikolu 65 tal-GDPR, u rrifutati mill-EDPB fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB<sup>352</sup>.

<sup>353</sup>.

#### 4.2.1.3 Analiżi tal-EDPB

192. L-Artikolu 66(2) tal-GDPR jirrikjedi li l-AS li titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti tipprovdi raġunijiet għat-talba ta' tali opinjoni. Dan jinkludi l-ħtieġa li l-AS li tagħmel it-talba turi ħtieġa urġenti li taġixxi.
193. Għalhekk, l-EDPB janalizza jekk, abbażi tal-fehmiet tal-AS NO u tal-kontrollur, kif ukoll abbażi tal-elementi fil-fajl, hijiex issodisfata l-kundizzjoni ta' urġenza.
194. F'dan ir-rigward, l-EDPB qies f'deċiżjoni preċedenti li n-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien ta' ksur, kif ukoll l-għadd ta' suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta' dannu mġarrab minnhom, jista' jkollhom rwol importanti meta jiġi deċiż jekk hemmx ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni f'każ partikolar<sup>354</sup>.
195. **Fir-rigward tan-natura u l-gravità tal-ksur,** l-EDPB jinnota li s-sejbiet tiegħu li Meta IE għadha tiddeppendi b'mod mhux xieraq fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR biex tipproċessa data personali, inkluża data dwar il-post u data dwar l-interazzjoni mar-reklamar miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>355</sup> u fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar tad-data personali miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>356</sup> huma relatati mal-istess attivitajiet ta' pproċessar bħal dawk imsemmija fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE adottati abbażi tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB.

<sup>348</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 10 (Meta IE tirreferi għall-qrati nazzjonali fl-UE li, qabel id-Deċiżjonijiet tal-AS IE, kienu tal-fehma li l-Artikolu 6 (1) (b) tal-GDPR huwa bażi ġuridika xierqa, u għall-fatt li d-deċiżjonijiet preċedenti mill-AS IE inizjalment ikkonfermaw il-possibbità li wieħed jibbaża fuq l-Artikolu 6 (1) (b) tal-GDPR). Ara wkoll is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>349</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 7 u 9.

<sup>350</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 11.

<sup>351</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 3; ara wkoll is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, il-paragrafi 46–48.

<sup>352</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 7–8.

<sup>353</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 9.

<sup>354</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 169.

<sup>355</sup> Ara l-paragrafi 98–995 u 152 hawn fuq.

<sup>356</sup> Ara l-paragrafi 148 u 153 hawn fuq.

196. F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar fis-sejba tiegħu mid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, jiġifieri li nnatura u l-gravità tal-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR huma tali li riskju ta' dannu kkawżat lis-suġġetti tad-data huwa konsostanzjali mas-sejba tal-ksur innifsu<sup>357</sup>. Fir-rigward tal-ksur ta' Meta IE tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR fir-rigward tal-prattiki tar-reklamar li jagħraf l-imġiba, l-EDPB sab li dawn kienu jikkostitwixxu sitwazzjoni serja ħafna ta' nuqqas ta' konformità mal-GDPR, fir-rigward tal-ipproċessar ta' ammonti estensivi ta' *data*<sup>358</sup>, li huwa essenzjali għall-mudell tan-negozju tal-kontrollur, u li jippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet ta' miljuni ta' suġġetti tad-data fiż-ŻEE<sup>359</sup>.
197. Fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB tiegħu, l-EDPB digħi enfasizza l-“kumplessità, l-iskala massiva u l-intrużività tal-prattika tar-reklamar li jagħraf l-imġiba li [Meta IE] twettaq”<sup>360</sup>. Din il-fehma għadha attwalment kondiċiä mill-AS NO, li ssib li l-attivitajiet online tal-utenti ta' Meta IE huma “mmonitorjati u mfassla b'mod kostanti, intrużiv u opaki” minn Meta IE, li “*jistgħu jwasslu għas-sentiment li l-ħajja privata tagħhom qed tiġi ssorveljata kontinwament*”<sup>361</sup>. Din il-fehma għadha kondiċiä wkoll mill-AS NL, li esprimiet tħassib kbir fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar inkwistjoni fid-dawl tal-“*ammont kbir ta' data personali li qed tiġi pproċessata, l-ġhadd ta' suġġetti tad-data involuti kif ukoll in-natura tad-data li qed tiġi pproċessata — inkluż il-vidjo, l-awdjo u l-moviment tal-mouse*”<sup>362</sup>.
198. L-EDPB iċċara wkoll li fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, l-introduzzjoni tal-ipproċessar f'konformità mal-GDPR tippermetti li jiġi minimizzat id-dannu potenzjali lis-suġġetti tad-data maħluq mill-ksur tal-GDPR<sup>363</sup>. Fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, l-elementi tan-“natura u l-gravità tal-ksur”<sup>364</sup> u l-“għadd ta' suġġetti tad-data affettwati” — li kienu u għadhom sinifikanti<sup>365</sup> — wasslu lill-EDPB jikkonkludi li “*huwa partikolarment importanti li jiġu imposti miżuri korrettivi xierqa [...] sabiex jiġi żgurat li [Meta IE] tikkonforma ma' din id-dispożizzjoni tal-GDPR*”<sup>366</sup>.
199. Meta jiddetermina l-perjodu ta' tranżizzjoni biex l-ipproċessar ta' Meta IE jinġieb f'konformità mal-GDPR, l-EDPB talab li l-AS IE tagħti “*kunsiderazzjoni dovuta għad-dannu kkawżat lis-suġġetti tad-data mill-kontinwazzjoni tal-ksur ta' [Meta IE] tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR matul dan il-perjodu*”<sup>367</sup>.
200. Il-ħtieġa għal azzjoni urġenti ġiet rikonoxxuta bis-sħiħ u indikata b'mod ċar fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>368</sup>.

<sup>357</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 446 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 415.

<sup>358</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 444 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 413.

<sup>359</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 282 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 284.

<sup>360</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 96 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 99.

<sup>361</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 10, li tirreferi għas-Sentenza Bundeskartellamt tal-QĠUE, il-punt 118.

<sup>362</sup> Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL, p. 2.

<sup>363</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 282 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 284.

<sup>364</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 279 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 281.

<sup>365</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 445 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 414.

<sup>366</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 279 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 281.

<sup>367</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 286 u d-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022, il-paragrafu 288.

<sup>368</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 8.10 (“[...]Ma naqbilx mas-sottomissjoni ta' Facebook li l-[AS IE] għandha d-diskrezzjoni li ddewwem l-attivazzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-konformità [...]. Huwa ċar, mill-paragrafu 286 tad-Deċiżjoni dwar l-Artikolu 65 [tal-GDPR], li l-EDPB qies li kien meħtieġ li Facebook jieħu l-azzjoni

201. Fir-rigward tat-tul **tal-ksur** u meta jitqiesu s-sejbiet ta' hawn fuq li Meta IE għadha tiddependi b'mod mhux xieraq fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR biex tipproċessa d-data personali miġbura fuq il-prodotti tagħha għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>369</sup> minkejja l-fatt li l-iskadenza għall-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE kienet il-5 ta' April 2023, l-EDPB isib li s-suġġetti tad-data għadhom jiffaċċaw attivitajiet ta' pproċessar tad-data li huma illegali<sup>370</sup>. Fir-rigward tal-argument ta' Meta li huwa biss fit-18 ta' Awwissu 2023 li l-AS IE kkonkludiet li d-dipendenza ta' Meta IE fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-fini tar-reklamar li jagħraf l-imġiba ma kinitx biżejjed sabiex tikkonforma mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>371</sup>, l-EDPB jikkondivid i-faż-za tal-AS NL digħà espressa fit-30 ta' Mejju 2023 li "l-kontrollur ma setax ma kienx konxju tal-gwida digħà stabbilita mill-EDPB, u lanqas tal-pożizzjoni ta' diversi CSAs dwar il-kwistjoni, iżda għażeł li jesplora l-perkors tal-Artikolu 6(1)(f) [tal-GDPR] xorta waħda"<sup>372</sup>.
202. F'dan ir-rigward, l-EDPB jista' jinnota biss li kull jum addizzjonali li matulu sseħħi l-attività ta' pproċessar inkwistjoni mingħajr dipendenza fuq bażi ġuridika xierqa jikkawża dannu supplimentari lis-suġġetti tad-data u jippermetti lil Meta tkompli tiġbor ammonti sinifikanti ta' data personali ta' miljuni ta' individwi Ewropej fuq bażi ta' kuljum u tiġġenera dħul sinifikanti mill-ipproċessar illegali tad-data personali ta' miljuni ta' suġġetti tad-data fiż-ŻEE<sup>373</sup>. Tosserva wkoll, f'konformità mal-pożizzjoni tal-AS NO, li ma hemm l-ebda miżura li tista' tiġi applikata b'mod retroattiv biex issewwi l-ksur tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data<sup>374</sup>.
203. Għalhekk, filwaqt li f'xi każijiet il-fatt li ksur ilu għaddej għal żmien twil jista' jservi biex juri li ma tinħoloqx ħtieġa urġenti ta' azzjoni<sup>375</sup>, kif imfakkar minn Meta IE<sup>376</sup>, f'dan il-każ l-EDPB iqis li sis-sitwazzjoni hija differenti. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, il-fatt li l-attività ta' pproċessar għadhom jitwettqu mingħajr dipendenza fuq bażi ġuridika xierqa jirrapreżenta element favur il-konkużjoni li hemm ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri finali, peress li minkejja l-ordnijiet mogħtija fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE u d-diskussionijiet differenti rigward l-implimentazzjonijiet tagħhom, Meta IE għadha tipproċessa data personali illegalment u xorta ma tikkonformax mad-deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>377</sup>. Dan ma

---

*korrettiva meħtieġa biex jindirizza l-ksur rilevanti "fi żmien 3 xhur". Filwaqt li Facebook identifika b'mod korrett li l-EDPB ma identifikax espressament il-punt tat-tluq ta' dan il-perjodu ta' konformità, il-fehma tal-[AS IE] hija li huwa ovvju li l-punt tat-tluq għandu jkun l-adozzjoni u n-notifika tad-deċiżjoni finali tal-[AS IE], minħabba li dan huwa l-aktar żmien bikri li minnu tista' tibda tiddekorri l-iskedha ta' żmien applikabbli għall-konformità. Kwalunkwe suġġeriment kuntrarju jkun inkonsistenti mal-ħtieġa għal azzjoni urġenti li kienet indikata b'mod ċar li hija meħtieġa fil-paragrafi 286, 288 u 290 tad-Deċiżjoni tal-Artikolu 65. Dan jirrendi bla sinifikat il-kunsiderazzjoni tal-EDPB tal-perjodu ta' konformità f'termini ta' għadd fiss ta' xhur (f'dan il-każ, tlieta)". Formulazzjoni analoga hija preżenti fil-paragrafu 214 tad-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG.*

<sup>369</sup> Ara l-paragrafi 152 u 153 hawn fuq.

<sup>370</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 446 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 415.

<sup>371</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 11 u s-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>372</sup> Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NL, p. 2.

<sup>373</sup> F'dan ir-rigward, Meta IE tiddikjara li "kwalunkwe sospensjoni ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fin-Norveġja għal perjodu ta' kważi 3 xhur tagħmel dannu reparabbi lil [Meta IE] peress li din iġġarrab (i) ħafna miljuni ta' euro mitlufa fi dħul mir-reklamar mitluf matul dan il-perjodu", ara l-Ittra ta' Meta IE lill-AS NO tal-14 ta' Awwissu 2023, p. 9.

<sup>374</sup> Ċaħda tat-Talba tal-AS NO ta' Meta IE u Facebook Norway għal Implementazzjoni Differita tal-Ordni datata s-7 ta' Awwissu 2023, p. 1.

<sup>375</sup> Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafi 195–196.

<sup>376</sup> Ittra ta' Meta IE lill-AS IE tal-31 ta' Mejju 2023, p. 5, li tirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafi 195–196.

<sup>377</sup> Ara t-taqsimiet 4.1.1.4 u 4.1.2.4 hawn fuq.

jitneħħie ix-mill-argumenti ta' Meta IE dwar il-fatt li ġew implejmentati aktar trasparenza u mekkaniżmu ta' esklużjoni fakultattiva<sup>378</sup>, peress li dawn l-elementi ma jsolvux il-kwistjoni sottostanti tal-legalità tal-ipproċessar<sup>379</sup> u tad-dannu relataż ikkawżat lis-suġġetti tad-data.

204. F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar fl-argument tal-AS NO li n-nuqqas ta' reazzjoni soda u rapida għan-nuqqas ta' konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE jċaħħad lis-suġġetti tad-data mill-protezzjoni li huma intitolati għaliha<sup>380</sup>.

205. L-EDPB isib, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u f'konformità mal-fehma tal-AS NO, li **n-nuqqas li jintemmu l-attivitajiet ta' pproċessar inkwistjoni u li jiġu infurzati d-Deċiżjonijiet tal-AS IE jesponi lis-suġġetti tad-data għal riskju ta' dannu serju u irreparabbi**<sup>381</sup>. L-AS NO, flimkien ma' CSAs oħra, esprimiet ukoll il-fehma li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri ulterjuri f'dan il-każ mhux biss biex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-GDPR iżda wkoll biex jintemm id-dannu lis-suġġetti tad-data.

206. L-AS SE esprimiet il-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri wara ċ-ċirkolazzjoni tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE u talbet "lill-AS[IE] liema proċedura [l-AS SE] tista' tistenna 'l quddiem"<sup>382</sup>.

207. L-AS NL  
██████████<sup>383</sup>, filwaqt li tenniet l-appell preċedenti tagħha lill-AS IE "biex tieħu azzjonijiet adegwati malajr sabiex twaqqaf l-illegalità kontinwa tal-ipproċessar invażiv tad-data personali ta' miljuni ta' utenti"<sup>384</sup>. Huwa importanti wkoll li titfakkar it-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NL<sup>385</sup>, li skontha "hija meħtieġa azzjoni xierqa u espedjenti sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali ta' miljuni ta' suġġetti tad-data fin-Netherlands kif ukoll fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha"<sup>386</sup> u li l-AS għandhom "jaġixxu flimkien" dwar dan "bħala awtoritajiet superviżorji Ewropej li jikkooperaw taħt it-tmexxija tal-AS[IE]"<sup>387</sup>.

<sup>378</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 9.

<sup>379</sup> Ara I-paragrafi 152 u 153 hawn fuq.

<sup>380</sup> It-Talha tal-AS NO lill-EDPB p. 6.

<sup>381</sup> Ara I-paragrafu 175 hawn fuq „t-Talha tal-AS NO lill-EDPB“ p. 10.

<sup>382</sup> Il-kumment tal-AS SE fil-Konsultazzjoni jippej. Informali tal-IMI tal-AS JE tal-4 ta' Mejju 2023.

293

<sup>384</sup> Il-Fehmiel tal-AS NL dwar ir-Rapporti ta' Konformità tal-4 ta' Mejju 2023, fil-konsultazzjoni informali tal-IMI dwar il-każ ta' EB u fil-konsultazzjoni informali tal-IMI dwar il-każ ta' IG, il-paragrafu 4.

<sup>385</sup> L-AS NL għamit it-Talba ġħal Assistaġġa Reċiproka tal-AS NO fit-30 ta' Mejju 2023 u talbet lill-AS Irlandiżha tinfarmhom sat-30 ta' Ġunju 2023;

(i) "Bil-konklużjoni tagħha dwar jekk [Meta IE] tistax jew le tinvoka I-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-iproċessar tad-data personali tal-utenti tagħha għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, b'mod aktar spċificu għal parti kbira tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom [Meta IE] preċedentement kienet tiddependi fuq I-Artikolu 6(1)(h) [tal-GDPR];"

(ii) "Bil-konkużjoni tagħha dwar jekk [Meta IE] tikkonformax jew le mad-deċiżjoni finali tal-[AS IE] tal-31 ta' Diċembru 2022, li tordna lil [Meta IE] ġġib dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GRPR".

(iii) "B'perjodu ta' żmien li fih se tittieħed azzjoni xierqa u espedjenti biex jiġi żgurat li [Meta IE] taġixxi f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR, biex tipproteġi d-drittijiet fundamentali ta' miljuni ta' suġġetti tad-data affettwati minn din l-operazzjoni ta' pproċessar, fin-Netherlands kif ukoll fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kollha. F'dan ir-rigward, l-[AS NL] tagħti importanza sinifikanti lill-konnessjoni bejn in-nuqqas ta' konformità tal-kontrollur mal-Artikolu 6 tal-GDPR u n-nuqqas tiegħu li jikkonforma mal-ordni tal-[AS Irlandiża]. Fil-fehma tagħha dan ijiġi intervent fil-pront"

<sup>386</sup> Talba għal Assistenza Beċċiproka tal-AS NI, p. 1.

<sup>387</sup> Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NL, p. 2.

208. Bi-istess mod, diġà wara ċ-ċirkolazzjoni tad-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE lis-CSAs, I-AS DE ta' Hamburg talbet lill-AS IE “*tilħaq malajr pożizzjoni konsolidata li [Meta IE] ma wrietz il-bażi ġuridika u tissospendi l-iproċessar, li huwa bbażat fuq l-Artikolu 6(1) (b) tal-GDPR u l-Artikolu 6(1) (f) tal-GDPR għar-reklamar li jagħraf l-imġiba*”<sup>388</sup>.
209. Fid-deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, I-EDPB għamilha ċara li diġà kienet meħtieġa azzjoni urġenti f'Diċembru 2022 u ddeċieda li, f'dak iż-żmien, I-ordni biex tiġi imposta I-konformità fuq Meta IE għandha tirrikjedi li Meta IE tirrestawra I-konformità f'perjodu qasir ta' żmien<sup>389</sup>. B'dan il-mod, I-EDPB fakkar fir-raġunament tal-AS IE dwar I-iskadenza ta' 3 xhur diġà pprovduta mill-AS IE fl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha<sup>390</sup> għall-konformità għall-ksur tat-trasparenza, li hija qieset bħala meħtieġa u proporzjonata fid-dawl ta': (1) il-potenzjal ta' dannu għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data li tinvolvi tali miżura, meta jitqies li I-perjodu interim għall-konformità “se jinvolvi privazzjoni kontinwa serja tad-drittijiet tagħhom”, (2) ir-riżorsi finanzjarji, teknoloġiċi u umani sinifikanti u (3) I-istruzzjonijiet ċari pprovduti lil Meta IE sabiex tikkonforma mal-GDPR<sup>391</sup>. Għalhekk, I-EDPB ta struzzjonijiet lill-AS IE biex fid-deċiżjoni finali tagħha tinkludi ordni biex Meta IE ġġib I-iproċessar tagħha ta' *data personali għall-fin* ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fil-kuntest tas-servizz ta' Facebook f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR **fi żmien 3 xhur**<sup>392</sup>.
210. B'mod importanti, il-fehim li I-perjodu ta' żmien li għandu jitħalla għal Meta IE sabiex tikseb il-konformità mal-GDPR kien jeħtieġ li jkun wieħed fiss kien kondiviż ukoll mill-AS IE fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE, fejn I-AS IE rreferiet għad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB u spjegat li “*I-EDPB qies li kien meħtieġ li [Meta IE] tieħu l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa sabiex tindirizza l-ksur rilevanti ‘fi żmien 3 xhur’ u indikat ‘ħtieġa għal azzjoni urġenti, u b’għadd fiss ta’ xhur*”<sup>393</sup>.
211. L-EDPB preċedentement stabbilixxa li I-proċeduri ta' urġenza skont l-Artikolu 66 tal-GDPR huma derogi mill-mekkaniżmu standard ta' konsistenza u kooperazzjoni u li r-rekwiżiti tal-Artikolu 66 tal-GDPR iridu jiġu interpretati b'mod restrittiv<sup>394</sup>. Għalhekk, I-EDPB iqis li jista' jitlob miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR biss jekk il-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni jew konsistenza ma jkunux jistgħu jiġu applikati bil-mod tas-soltu tagħhom minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni<sup>395</sup>. Għalhekk, I-EDPB jivaluta f'din it-taqSIMA jekk hemmx **bżonn ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza f'dan il-każ**.
212. F'dan il-każ partikolari, I-AS IE diġà adottat id-Deċiżjonijiet Finali tal-AS IE skont il-proċedura ta' punt uniku ta' servizz abbażi tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, li fihom ordni għall-konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Skont l-Artikolu 60(10) tal-GDPR, il-kontrollur għandu jinnotifika l-miżuri meħuda għall-konformità ma' deċiżjoni meħuda fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni mal-LSA, li għandha tinforma lis-CSAs.

<sup>388</sup> Il-Fehmiet tal-AS DE ta' Hamburg dwar id-Dokument ta' Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE tal-21 ta' Lulju 2023, p. 2.

<sup>389</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022, il-paragrafu 286 u d-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022, il-paragrafu 288.

<sup>390</sup> I-abbozz ta' deċiżjoni tal-AS IE relatat ma' Facebook, il-paragrafu 8.4, I-abbozz ta' deċiżjoni tal-AS IE relatat ma' Instagram, il-paragrafu 202.

<sup>391</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022, il-paragrafu 286 u d-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022, il-paragrafu 288.

<sup>392</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022, il-paragrafu 288 u d-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022, il-paragrafu 290.

<sup>393</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafu 8.10; Id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafu 214.

<sup>394</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta' Lulju 2021, il-paragrafi 165–167.

<sup>395</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 167. Ara wkoll il-paragrafu 169 hawn fuq.

213. Il-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tal-GDPR jenfasizzaw li “*l-obbligu [tal-kontrollur li jinnotifika lil-LSA bil-miżuri meħuda sabiex jikkonforma mad-deċiżjonij] jiġura l-effettività tal-infurzar. Hija wkoll il-bażi ta’ azzjonijiet ta’ segwitu possibbli meħtieġa li għandhom jinbdew mill-LSA, anke f’kooperazzjoni mas-CSAs l-oħrajn*
- <sup>396</sup>
- .
214. Dawn il-linji gwida jindikaw ukoll li jekk l-LSA tikkonkludi li l-miżuri meħuda ma jkunux biżżejjed, l-LSA għandha, bħala parti mid-dmir legali tagħha li tinforma lis-CSAs, tikkunsidra li tiprovd iż-żgħix minn-niżżejjed l-oħrajn bil-valutazzjoni tagħha tal-miżuri adottati mill-kontrollur, b'mod partikolari sabiex tiddeċiedi jekk humiex meħtieġa azzjonijiet ulterjuri<sup>397</sup>. Dan jindika li fejn il-miżuri adottati mill-kontrollur jitqiesu bħala insuffiċjenti, jista’ jkun hemm il-ħtieġa li l-LSA tieħu azzjonijiet ulterjuri.
215. F’dan il-każ, l-AS IE kkonkludiet fid-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, billi bbażat ukoll fuq il-kummenti kondiviżi u l-fehmiet espressi mis-CSAs, li Meta IE naqset milli turi l-konformità mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>398</sup>. Madankollu, hija qieset ukoll li kien “għust” u “raġonevoli” li Meta IE tingħata opportunità li turi li tista’ tiddependi fuq il-kunsens bħala bażi legali minflok ma tinvolvi ruħha f’miżuri ta’ infurzar<sup>399</sup>.
216. L-AS IE tenniet ukoll il-pożizzjoni tagħha, bħala LSA, li ma hija meħtieġa l-ebda azzjoni urġenti ulterjuri f’dan il-każ, peress li l-kors ta’ azzjoni li digħi qed tittieħed, li tikkonsisti fi “*procédura ta’ infurzar [...] li fiha sett definit ta’ proposti, li permezz tiegħu [Meta IE] tiproponi li tinkiseb konformità mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 6 tal-GDPR (u t-termini tad-Deċiżjonijiet [tal-AS IE]), huwa s-suġġett ta’ valutazzjoni kontinwa mill-[AS IE] u mis-CSAs*”, qed jindirizza s-sitwazzjoni b'mod adegwat<sup>400</sup>.
217. F’dan ir-rigward, l-EDPB jirrikoxxi l-ħtieġa li tigħi evalwata l-proposta li qed issir mill-kontrollur, u li dan jinvilvi l-“*eżami ta’ għadd ta’ kwistjonijiet partikolarment kumplessi (u ġoddha)*”<sup>401</sup>. L-EDPB jirrikoxxi wkoll bis-sħiħ li “*proċess regolatorju*” qed “*jitwettaq skont il-qafas ta’ kooperazzjoni u konsistenza tal-GDPR*”, immexxi mill-AS IE

218.

402.

03

404

<sup>396</sup> Il-Linji Gwida 02/2022 tal-EDPB dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tal-GDPR, adottati fl-14 ta’ Marzu 2022, il-paragrafu 248.

<sup>397</sup> Il-Linji Gwida 02/2022 tal-EDPB dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tal-GDPR, adottati fl-14 ta’ Marzu 2022, il-paragrafu 249.

<sup>398</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 9.2.

<sup>399</sup> Id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 9.2.

<sup>400</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta’ Ottubru 2023, p. 4.

<sup>401</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta’ Ottubru 2023, p. 4–5.

<sup>402</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta’ Ottubru 2023, p. 6.

<sup>403</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta’ Ottubru 2023, p. 4–5.

<sup>404</sup> It-tweġiba tal-AS IE lil Meta IE tal-11 ta’ Awwissu 2023, p. 2.

I-EDPB isib li I-eżistenza tal-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE ma timminax il-ħtieġa li jittieħdu azzjonijiet biex jiġi żgurat li I-ipproċessar illegali jintemm.

219. F'dan il-kuntest, I-EDPB jinnota li I-AS IE rrikonoxxiet fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tagħha — aktar minn 4 xhur wara l-iskadenza għall-konformità — li Meta IE għadha tikser il-GDPR<sup>405</sup>. I-EDPB isib li I-fatt li I-AS IE ma ġaditx miżuri superviżorji sabiex ittemm id-dipendenza mhux xierqa ta' Meta IE fuq 6(1)(b) u 6(1)(f) tal-GDPR u sabiex tinforza d-Deċiżjonijiet tal-AS IE, minkejja r-riskju ta' dannu serju u irreparabbi kkawżat lis-suġġetti tad-data<sup>406</sup>, juri li I-mekkaniżmu regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza ma huwiex qed jipprovdri riżultati sodisfaċenti, u li hemm il-ħtieġa li I-AS IE tintalab tordna b'mod urġenti miżuri finali minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni. F'dan ir-rigward, I-EDPB jinnota li filwaqt li issa għaddew 6 xhur mill-iskadenza għall-konformità, għad ma hemm I-ebda indikazzjoni ċara li I-konformità se tintlaħaq dalwaqt u lanqas ma hemm indikazzjoni ċara li I-AS IE — bħala LSA — beħsiebha tadotta miżuri korrettivi sabiex ittemm il-ksur li għaddej<sup>407</sup>.
220. Bħala konklużjoni, I-EDPB isib, fid-dawl taċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq, **li I-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni jew konsistenza ma jistgħux jiġu applikati bil-mod tas-soltu tagħhom, u li minħabba r-riskju ta' dannu serju u irreparabbi mingħajr miżuri finali urġenti**, hemm il-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza biex jiġu ordnati miżuri finali minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni.
221. Fl-aħħar nett, I-EDPB iqis li huwa rilevanti li jitfakkar id-dmir tal-AS li jimmonitorjaw I-applikazzjoni tal-GDPR sabiex jiproteġu d-drittijiet u I-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar u jiffaċilitaw il-fluss liberu tad-data personali fl-UE<sup>408</sup>. B'mod partikolari, I-EDPB iddikjara li meta jiġi stabbilit ksur tal-GDPR, I-awtoritajiet superviżorji kompetenti huma meħtieġa jirreaġixxu b'mod xieraq biex jirrimedjaw dan il-ksur<sup>409</sup>. Is-setgħat mogħtija lill-AS mill-Artikolu 58 tal-GDPR għandhom l-għan li jilħqu dan l-għan. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li “[...] għalkemm l-għażla tal-mezz adegwat u neċċesarju għandha ssir mill-awtorità superviżorja (...), din I-awtorità hija xorta waħda obbligata taġixxi bid-diliġenza kollha meħtieġa mill-missjoni tagħha li tiżgura I-osservanza sħiħa tal-GDPR”<sup>410</sup>.

#### 4.2.2 Dwar I-applikazzjoni ta' preżunzjoni legali ta' urġenza li tiġġustifika I-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza

222. Fit-taqSIMA preċedenti, I-EDPB sab li hemm bżonn ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza biex jiġu ordnati miżuri finali minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni<sup>411</sup>. F'din it-taqSIMA, I-EDPB jivvaluta jekk tali urġenza u I-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza jistgħux jiġi preżunti wkoll abbażi tal-Artikolu 61(8) tal-GDPR.

<sup>405</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 8.1.

<sup>406</sup> Ara I-paragrafu 205 hawn fuq.

<sup>407</sup> Ara I-paragrafi 215–216 hawn fuq

<sup>408</sup> L-Artikolu 51(1) tal-GDPR u I-Premessa 123 tal-GDPR.

<sup>409</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 278 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 280 (li tirreferi għas-Sentenza tal-QGħUE tas-16 ta' Lulju 2020, *Facebook Ireland u Schrems*, C-311/18, ECLI:EU:C:2020:559, il-punt 111).

<sup>410</sup> Is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, *Facebook Ireland and Schrems*, C-311/18, ECLI:EU:C:2020:559, il-punt 112.

<sup>411</sup> Ara I-analiżi tal-EDPB taħt 4.2.1.3

223. Meta wieħed iqis il-fatti tal-każ<sup>412</sup>, l-EDPB se jivvaluta jekk dan il-każ jaqax taħt id-deskrizzjoni pprovduta mill-Artikolu 61(8) tal-GDPR, li tirreferi għas-sitwazzjoni fejn AS ma tiprovdix l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61(5) tal-GDPR fi żmien xahar minn meta tirċievi talba għal assistenza reċiproka minn AS oħra. L-Artikolu 61(8) tal-GDPR jipprevedi li l-“*ħtieġa urġenti li taġixxi skont l-Artikolu 66(1) [tal-GDPR] għandha tkun preżunta li ġiet sodisfatta u teħtieġ deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-Bord skont l-Artikolu 66(2) [tal-GDPR]*”. Jekk tapplika tali preżunzjoni, in-natura urġenti ta’ talba skont l-Artikolu 66(2) għal deċiżjoni vinkolanti urġenti tista’ tigħi preżunta u ma teħtieġx li tintwera<sup>413</sup>.

224. Kif imsemmi, it-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO saret fil-5 ta’ Mejju 2023 — ara l-paragrafi 10, 13, u 15 hawn fuq li jiddeskrivu t-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO u t-tweġiba pprovduta mill-AS IE.

#### *4.2.2.1 Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO*

225. L-AS NO tqis li l-Artikolu 61(8) tal-GDPR huwa applikabbi f’dan il-każ<sup>414</sup> minħabba li l-AS IE wiegħbet “Le, ma nistax nikkonforma mat-talba” lit-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO “mingħajr ma pprovdiet xi ġustifikazzjoni spċċifika għajnej li tirreferi għal ittra oħra li bagħtet lis-CSAs kollha fl-31 ta’ Mejju 2023”<sup>415</sup>. L-AS NO targumenta wkoll li l-“AS IE ma pprovdietx rifjut motivat” skont l-Artikolu 61(4) tal-GDPR, “*lanqas ma infurmat [lill-AS NO] dwar ir-riżultati jew il-progress ta’ kwalunkwe miżura meħuda sabiex twieġeb għat-talba [tagħha] għall-projbizzjoni tal-ipproċessar illegali ta’ data personali u għall-infurzar tal-konformità mal-Artikolu 6(1) [tal-GDPR]*<sup>416</sup>”. Skont l-AS NO, il-kontenut tal-ittra tal-31 ta’ Mejju 2023 kien sempliċi tħabbira ta’ meta l-AS Irlandiża kienet se tiffinalizza r-rieżami tagħha tar-Rapporti ta’ Konformità ta’ Meta IE, iżda “*ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar il-pjan spċċifiku ta’ infurzar [li huma] talbu, u lanqas ma ħabbret xi azzjoni ta’ infurzar spċċifika jew prevista fir-rigward ta’ Meta IE, minkejja t-talba [tagħhom] għal dak il-ġhan*”<sup>417</sup>.
226. Fil-fehma tal-AS NO ma kien hemm “l-ebda miżura meħuda sabiex twieġeb għat-talba”, u fi żmien xahar mit-talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO, “*l-AS IE ma kienet issodisfat l-ebda waħda mit-talbiet [tagħhom]*”<sup>418</sup>. L-AS NO tindika wkoll li t-talbiet tagħihom għadhom mhux issodisfati minħabba l-fatt li l-AS IE tqis li huwa ġust u raġonevoli li ma twettaqx miżuri ta’ infurzar minkejja l-konklużjoni tagħha li Meta IE bħalissa qed tonqos milli tiddependi fuq bażi legali valida għar-reklamar li jagħraf l-imġiba<sup>419</sup>.
227. Sabiex issostni l-fehma li l-Artikolu 61(8) tal-GDPR huwa applikabbi għal dan il-każ, l-AS NO tirreferi għal opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek li tiddikjara li meta LSA tonqos milli tindirizza talba għal assistenza reċiproka ta’ CSA, din tal-aħħar tista’ tadotta miżuri proviżorji f’ċirkostanzi li fihom “il-ħtieġa

<sup>412</sup> Ara t-Taqsima 1 ta’ din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti.

<sup>413</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, adottata fit-12 ta’ Lulju 2021, il-paragrafu 170.

<sup>414</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 7–8.

<sup>415</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>416</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>417</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>418</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8.

<sup>419</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 8, li tirreferi għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE. Jista’ jkun utli li jiġi nnotat ukoll li l-AS NO, fl-Ittra tagħha lill-AS IE tal-21 ta’ Settembru 2023 (p. 1), tiddikjara li tifhem li l-AS IE għaż-żejt li ma ssegwix it-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO minħabba li minkejja li kkonkludiet b’mod preliminari li Meta IE għadha mhijex qed topera f’konformità mal-Art. 6(1) tal-GDPR, hija ma indikat l-ebda miżura ta’ infurzar korrispondenti.

*urġenti li tittieħed azzjoni hija preżunta u ma għandhiex għalfejn tiġi ppruvata*<sup>420</sup>. L-AS NO ssemmi wkoll l-eżistenza ta' deċiżjonijiet preċedenti li japplikaw il-preżunzjoni tal-Artikolu 61(8) tal-GDPR, b'mod partikolari deċiżjoni mill-AS IT relatata ma' Meta IE fejn l-AS qieset b'mod simili li nuqqas mill-LSA li tindirizza t-talba tagħhom ippermetta b'mod leġittimu deroga għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u l-iskattar ta' proċedura ta' urġenza tal-Artikolu 66 tal-GDPR<sup>421</sup>.

228. L-AS NO tenfasizza li — għall-kuntrarju taċ-ċirkostanzi fattwali li wasslu lill-EDPB jikkonkludi li l-Artikolu 61(8) ma kienx applikabbli f'każ preċedenti<sup>422</sup> — “*il-komunikazzjonijiet rigward din il-kwistjoni bejn l-AS NO u l-AS IE saru bl-użu tal-proċedura għat-talbiet ta' AR [Assistenza Reċiproka] skont l-Artikolu 61(1) tal-GDPR, u mhux il-proċedura għal talbiet għal Assistenza Reċiproka Volontarja (“AR[V]”)*”<sup>423</sup>.

#### 4.2.2.2 Sommarju tal-pożizzjoni tal-kontrollur

229. Meta IE targumenta li, f'dan il-każ, ma tirriżulta l-ebda “preżunzjoni ta' urġenza skont l-Artikolu 61(8) tal-GDPR”<sup>424</sup>. Meta IE tindika li sabiex tiddependi fuq il-preżunzjoni ta' urġenza tal-Artikolu 61(8) tal-GDPR, l-AS NO “*trid turi li l-[AS IE] naqset milli twieġeb għat-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO*” iżda tqis li l-AS NO “*ma tistax turi dan*”<sup>425</sup>. Meta IE tiddikjara li t-“tentativ ta' dipendenza fuq il-preżunzjoni ta' urġenza tal-AS NO fl-Artikolu 61(8) tal-GDPR huwa żabaljat bħala kwistjoni ta' li ġi u jikkontradixxi r-rekord fattwali tal-komunikazzjonijiet” bejn l-AS IE u l-AS NO<sup>426</sup>. Skont Meta IE, l-AS IE “*indirizzat b'mod adegwat it-[Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO] billi pprovdiet l-informazzjoni li l-[AS NO] talbet*” u l-AS NO “*tfixkel u tikkarratterizza ħażin is-sustanza u n-natura tal-korrispondenza*” mal-AS IE<sup>427</sup>.
230. Fil-fehma ta' Meta IE, it-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO ma “talbitx lill-[AS IE] tagħti dettalji dwar “*pjan ta' infurzar speċifiku*” jew “*azzjoni ta' infurzar speċifika jew prevista*” li kienet “*timponi fuq [Meta IE] fil-każ ta' nuqqas ta' konformità*”, peress li dan ma huwiex dak li huwa involut mit-talba tal-AS NO lill-AS IE sabiex tikkondivid “*skeda ta' żmien li tispeċifika kif se tiżgura b'mod espedjenti li Meta [IE] tikkonforma mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR*”<sup>428</sup>. Minflok, skont Meta IE, din il-formulazzjoni rreferiet għal talba għall-kondiviżjoni ta' skeda ta' żmien, li l-AS IE pprovdiet “*f'diversi okkażjonijiet*”<sup>429</sup> u dan juri li ma kien hemm “*l-ebda nuqqas ta' azzjoni jew nuqqas ta' komunikazzjoni mill-[AS IE] li l-[AS NO] issa tista' tiddependi fuqha biex tinvoka l-Artikolu 61(8) [tal-GDPR]*”<sup>430</sup>.

---

<sup>420</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 9, li tirreferi għall-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-Kawża C-645/19, Facebook Ireland et, il-paragrafu 119 u l-paragrafu 135.

<sup>421</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 9, li tirreferi għad-deċiżjoni tal-AS Taljana tal-21 ta' Diċembru 2022 [9853406], disponibbli fuq <https://www.garanteprivacy.it/home/docweb/-/docweb-display/docweb/9853406#english>.

<sup>422</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 9 li tirreferi għad-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafi 171–181.

<sup>423</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 9–10.

<sup>424</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 18–21; Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5–8; L-Anness 1 tal-Ittra Ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 17; L-Anness 12 tal-Ittra ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 49–53.

<sup>425</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 19; Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>426</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 5.

<sup>427</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>428</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 5, li jirreferu għat-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO.

<sup>429</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 19.

<sup>430</sup> Is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 7.

231. Skont Meta IE, “*id-deċiżjoni tal-[AS IE] li ma timplimentax minnufih il-miżuri ta’ infurzar ippreferuti propriji tal-[AS NO] ma kinitx tamonta għal nuqqas ta’ tweġiba adegwata għat-[Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO]. Xejn fl-Artikolu 61(1) tal-GDPR ma jirrikjedi tali obbidjenza għamja minn LSA għal kwalunkwe azzjoni li CSA tista’ titlobha tieħu. [...] L-[AS IE] indirizzat b’mod adegwat it-[Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO] billi pprovdiet l-informazzjoni li l-[AS NO] talbet”<sup>431</sup>. Huwa jiddikjara wkoll li “l-Artikolu 61(5) tal-GDPR [...] ma jirrikjedix li LSA timpenja ruħha minn qabel li timponi xi miżura korrettiva speċifika fi kwalunkwe perjodu ta’ żmien speċifiku”<sup>432</sup>. Meta IE telabora wkoll li filwaqt li “l-Artikolu 61 tal-GDPR ma jistax jintuża minn AS waħda biex titlob li LSA tadotta miżuri korrettivi fir-rigward tal-ipproċessar li huwa soġġett għal proċediment ta’ konformità mmexxi mil-LSA li għaddej”, I-AS IE aktar tard ipprovdiet raġunijiet “għar-rifjut li toħroġ projbizzjoni immedjata fuq l-ipproċessar”<sup>433</sup>. F’dan ir-rigward, Meta IE hija tal-fehma li ma jistgħux jintalbu miżuri korrettivi “fir-rigward tal-ipproċessar li huwa soġġett għal proċediment ta’ konformità mmexxi mil-LSA” peress li dan jaċċista “jimmina l-mekkaniżmu ta’ punt uniku ta’ servizz u d-dmir tal-LSA li tikkunsidra l-fhemiet kollha tas-CSAs b’rabta ma’ dak il-mekkaniżmu”<sup>434</sup>. Barra minn hekk, Meta IE targumenta li l-projbizzjoni tat-talba fuq l-ipproċessar kienet digħi għet “ikkunsidrata u miċħuda mill-EDPB f’deċiżjoni vinkolanti precedingenti tal-Artikolu 65 tal-GDPR”<sup>435</sup>.*
232. Fil-fehma ta’ Meta IE, I-AS IE indirizzat it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO permezz tal-Āġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta’ Mejju 2023 peress li kien fiha “informazzjoni rilevanti” u ppermettiet li I-AS NO tiġi infurmata dwar “il-progress tal-miżuri meħħuda sabiex” tiġi indirizzata t-talba<sup>436</sup>. Meta wieħed iqis li I-AS IE indirizzat it-talba fl-31 ta’ Mejju 2023, għalhekk ma rrifjutatx li tagħmel dan meta pprovdiet it-tweġiba negattiva tagħha dwar l-IMI fit-2 ta’ Ġunju 2023 minħabba li din it-tweġiba kienet akkumpanjata b’referenza għall-Āġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta’ Mejju 2023<sup>437</sup>. Meta IE tagħti dettalji ulterjuri li I-AS IE kienet spjegat li t-tweġiba negattiva fuq l-IMI kienet ir-riżultat ta’ “żball” u li I-messaġġ tal-AS NO lill-AS IE juri li I-AS NO “ma kinitx temmen [...] li l-[AS IE] kienet naqset milli twieġeb” għat-talba<sup>438</sup>. B’appoġġ għal dan, Meta IE ssemmi messaġġ mill-AS NO lill-AS IE li jiddikjara: “Grazzi tal-messaġġ tagħkom tat-2 ta’ Ġunju 2023. Nifhmu li se twieġbu lejn l-aħħar ta’ Ġunju” u “aħna se nistennew ir-rispons tagħkom lejn l-aħħar ta’ Ġunju”<sup>439</sup>.
233. Meta IE tqis li I-AS NO ma ogħżejjonatx għad-Dokument ta’ Pożizzjoni Proviżorja tal-AS IE u ma semmiet I-ebda nuqqas allegat mill-AS IE li twieġeb għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO, “minkejja li invokat l-Artikolu 61(8) tal-GDPR fl-Ordni [tal-AS NO] sabiex tiprova targumenta li l-urġenza tista’ tiġi

<sup>431</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 2; Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 5.

<sup>432</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 5.

<sup>433</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 6, li jirreferu għal (i) l-Ilment dwar il-Mertu ta’ Meta IE sottomessi lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo annessi mas-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, u għal (ii) id-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE.

<sup>434</sup> L-Ilment dwar il-Merti ta’ Meta IE ppreżentat lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo annessi mas-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 52.

<sup>435</sup> L-Ilment dwar il-Merti ta’ Meta IE ppreżentat lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo anness mas-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 52, b’referenza għal (i) id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 285 u (ii) id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 287.

<sup>436</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 5, li jirreferu għall-Āġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta’ Mejju 2023.

<sup>437</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 6.

<sup>438</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 6.

<sup>439</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-16 ta’ Ottubru 2023, p. 6, li jirreferu għall-messaġġ mibgħut mill-AS NO lill-AS IE permezz tal-fluss tal-IMI relatati mat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO fid-9 ta’ Ġunju 2023.

*preżunta minħabba allegat nuqqas ta' tweġiba mill-[AS IE]<sup>440</sup>. Barra minn hekk, Meta IE targumenta li I-AS NO “ma qajmet l-ebda lment dwar l-iskeda ta’ żmien proposta tal-[AS IE] qabel ma ħarġet l-Ordni, minkejja li dan huwa dak li kien ikun mistenni li tagħmel l-ewwel kieku kellha tħassib ġenwin dwar l-urġenza”<sup>441</sup>.*

234. Fir-rigward tar-referenza tal-AS NO għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-Kawża C-645/19, Meta IE tindika li “meta titqies l-istorja proċedurali twila, li tinkludi l-[AS IE] li timponi d-Deċiżjonijiet NOYB u twettaq kif xieraq proċedura ta’ konformità li tkun għaddejja, I-AS NO ma tistax targumenta b’mod raġonevoli li l-[AS IE] naqset milli taġixxi. L-[AS IE] qed taġixxi, u tikkoopera wkoll bis-sħiħ mal-AS l-oħrajn”<sup>442</sup>.

#### 4.2.2.3 Analīzi tal-EDPB

235. Il-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni fil-GDPR jipprevedi għodod differenti għall-AS biex jiskambjaw bejniethom u jwettqu l-kompli tagħhom. Waħda minn dawn l-għodod hija l-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR. Skont din id-dispożizzjoni, I-AS “għandhom jipprovdu lil xulxin b’informazzjoni rilevanti u assistenza reċiproka sabiex jimplimentaw u japplikaw [il-GDPR] b’mod konsistenti, u għandhom jistabbilixxu miżuri għal kooperazzjoni effettiva ma’ xulxin”<sup>443</sup>. L-istess dispożizzjoni tispjega wkoll li l-assistenza reċiproka “għandha tkopri, b’mod partikolari, talbiet ta’ informazzjoni u miżuri superviżorji, bħal talbiet biex jitwettqu awtorizzazzjonijiet u konsultazzjonijiet minn qabel, ispezzjonijiet u investigazzjonijiet”<sup>444</sup>.
236. L-EDPB ifakk li l-Artikolu 61 tal-GDPR dwar l-assistenza reċiproka jappartjeni għat-Taqsima 1 tal-Kapitolo VII tal-GDPR relatata mal-kooperazzjoni. F’dan ir-rigward, l-EDPB iqis l-Artikolu 61 tal-GDPR bħala wieħed mill-mekkaniżmi għall-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw kooperazzjoni xierqa u effiċċenti. Konsegwentement, il-kunċett ta’ assistenza reċiproka msejjes fil-GDPR jinvolvi “kooperazzjoni leali u effettiva”<sup>445</sup> u jirrikjedi azzjonijiet konkreti minn awtorità superviżorja li tirċievi talba għal assistenza reċiproka (minn hawn ’il quddiem, l-“**AS li ssirilha t-talba**”). B’mod aktar speċifiku, l-obbligi tal-AS li ssirilha t-talba jistgħu jiġi elenkti f’sekwenza loġika kif ġej:

- L-Artikolu 61(2) tal-GDPR: “*kull AS għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex twieġeb għal talba ta’ AS oħra*”;
- L-Artikolu 61(2) tal-GDPR: I-AS li ssirilha t-talba għandha twieġeb f’perjodu ta’ żmien speċifiku (“*mingħajr dewmien mhux dovut u sa mhux aktar tard minn xahar wara li tirċievi t-talba*”);
- L-Artikolu 61(4) tal-GDPR: I-AS li ssirilha t-talba għandha “*tikkonforma mat-talba*” fil-każijiet kollha īlief għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 61(4)(a) u (b);
- L-Artikolu 61(5) tal-GDPR, I-ewwel sentenza: “*I-AS li ssirilha t-talba għandha tinforma lill-AS li tagħmel it-talba dwar ir-riżultati jew, skont il-każ, dwar il-progress tal-miżuri meħuda sabiex twieġeb għat-talba*”;

<sup>440</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, p. 9, li jirreferu għal email datata l-14 ta’ Lulju 2023 mill-AS NO lill-AS IE li tinforma dwar il-Miżuri Proviżorji li qed jittieħdu.

<sup>441</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, taħt in-nota 41 f’qiegħ il-paġna 12.

<sup>442</sup> L-Ilment ta’ Meta IE lill-AS NO rigward l-Ordni tal-AS NO, I-1 ta’ Awwissu 2023, p. 17; Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, p. 21.

<sup>443</sup> L-Artikolu 61(1) tal-GDPR.

<sup>444</sup> L-Artikolu 61(1) tal-GDPR.

<sup>445</sup> Dwar kif “*fl-eżerċizzu tal-kompetenzi tagħha, l-awtorità superviżorja ewlenja ma tistax tevita djalogu indispensabbi kif ukoll kooperazzjoni leali u effettiva mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra*”, ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta’ Ġunju 2021, fil-kawża Facebook Ireland Ltd et vs Gegevensbeschermingsautoriteit, C-645/19, ECLI: EU:C: 2021:483, il-punt 63.

- L-Artikolu 61(5) tal-GDPR, it-tieni sentenza: “*I-AS mitluba għandha tiprovd r-raġunijiet għal kwalunkwe rifjut ta’ konformità ma’ talba*” skont il-paragrafu 4;
  - L-Artikolu 61(6) tal-GDPR: bħala regola, I-AS li ssirilha t-talba għandha tiprovd l-informazzjoni b’mezzi elettroniċi, bl-użu ta’ format standardizzat.
237. L-Artikolu 61(9) tal-GDPR jipprovdi l-possibbiltà li l-Kummissjoni Ewropea (minn hawn ‘il quddiem il-“KE”) tispeċifika, permezz ta’ atti ta’ implantazzjoni, il-format u l-proċeduri għall-assistenza reċiproka u l-arranġamenti għall-iskambju ta’ informazzjoni b’mezzi elettroniċi bejn I-AS. Fis-16 ta’ Mejju 2018, il-KE adottat att ta’ implantazzjoni relatati mal-użu tas-sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern tal-KE għall-proċeduri ta’ konsistenza u kooperazzjoni tal-GDPR, inkluż għat-talbiet għal assistenza reċiproka (IMI) skont l-Artikolu 61 tal-GDPR (minn hawn ‘il quddiem, l-“**Att ta’ Implementazzjoni tal-IMI**”)<sup>446</sup>.
238. Il-proċedura tal-IMI ddedikata għat-talbiet għal assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR hija fluss tax-xogħol one-to-one. Dan ifisser li t-talba tista’ tiġi indirizzata biss lil, u riċevuta mill-AS li ssirilha t-talba. Bl-istess mod, it-tweġiba se tiġi indirizzata biss lil, u tasal għand I-AS li għamlet it-talba għal assistenza reċiproka (minn hawn ‘il quddiem “**I-AS li tagħmel it-talba**”). Skont l-Artikolu 3(3) tal-Att ta’ Implementazzjoni tal-IMI, dan il-fluss tax-xogħol iddedikat għandu jintuża għall-iskambji differenti bejn l-awtoritajiet fil-qafas ta’ talba għal assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR. Dan jinkludi, b’mod partikolari, “*it-talbiet għall-assistenza reċiproka minn awtorità superviżorja oħra fil-forma ta’ informazzjoni u/jew miżuri superviżorji*”, “*ir-reazzjoni għal talbiet għall-assistenza reċiproka inklużi aċċettazzjonijiet u f’każziet ecċeżxjoni rifjuti ta’ konformità mat-talba*”, u l-“*kommunikazzjoni dwar il-progress u r-riżultat ta’ miżuri meħħuda sabiex tiġi pprovduta reazzjoni għat-talba*”<sup>447</sup>. L-użu ta’ dan il-fluss tax-xogħol iddedikat tal-IMI jippermetti wkoll il-monitoraġġ awtomatiku tal-iskadenza ta’ xahar biex titwieġeb talba skont l-Artikolu 61(2) tal-GDPR.
239. Peress li hija fluss tax-xogħol one-to-one fl-IMI, proċedura ta’ assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR hija tip ta’ komunikazzjoni bilaterali li għandha tiġi distinta minn kanali ta’ komunikazzjoni bilaterali jew multilaterali oħra li huma disponibbli fl-IMI għal tipi oħra ta’ mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni tal-GDPR. Filwaqt li talba għal assistenza reċiproka tista’ tkun konnessa ma’ żviluppi li jseħħu fi ħdan kanali ta’ komunikazzjoni multilaterali, il-bidu ta’ talba għal assistenza reċiproka minn awtorità superviżorja jifta fluss tax-xogħol iddedikat għal skambji bejn I-AS li tagħmel it-talba u I-AS li ssirilha t-talba biss.
240. Skont l-Artikolu 61 tal-GDPR, I-AS li ssirilha t-talba għandha obbligu legali li tindirizza talba għal assistenza reċiproka. L-unika possibbiltà għall-AS li ssirilha t-talba li tirrifjuta li tindirizza talba hija meta tiprovd raġunijiet għar-rieff ta’ konformità, f’konformità maż-żewġ ecċeżxjoni limitati tal-Artikolu 61(4) tal-GDPR<sup>448</sup> u kif previst fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 61(5) tal-GDPR<sup>449</sup>. Filwaqt li l-possibbiltà li

<sup>446</sup> Id-Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni (UE) 2018/743 tas-16 ta’ Mejju 2018 dwar proġett pilota għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ kooperazzjoni amministrattiva deskritt fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern C/2018/2814, [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L\\_2018.123.01.0115.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2018%3A123%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_2018.123.01.0115.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2018%3A123%3ATOC).

<sup>447</sup> Id-Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni (UE) 2018/743 tal-KE tas-16 ta’ Mejju 2018, l-Artikolu 3(3).

<sup>448</sup> L-Art. 61 (4) tal-GDPR jiddikjara “*L-awtorità superviżorja ma għandhiex tirrifjuta li tikkonforma mat-talba ġlieg jekk: (a) mhix kompetenti għas-suġġett tat-talba jew għall-miżuri li tintalab teżegwixxi; jew (b) il-konformità mat-talba ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament jew mal-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru li tkun soġġetta għaliha l-awtorità superviżorja li ssirilha t-talba.*”

<sup>449</sup> “*L-awtorità superviżorja mitluba għandha tiprovd r-raġunijiet għal kwalunkwe rifjut ta’ konformità ma’ talba*”.

tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-riżultati jew il-progress tal-miżuri meħuda fil-perjodu ta' żmien ta' xahar tagħti xi diskrezzjoni lill-AS li ssirilha t-talba, id-dmir li tikkoopera jimplika wkoll li l-AS li ssirilha t-talba għandha dejjem tieħu ċerti passi konkreti biex tindirizza t-talba partikolari, jew tiġġustifika kif xieraq għaliex ma tagħmilx dan. F'sitwazzjoni eċċeżżjonali fejn l-AS li ssirilha t-talba ma tipprovdix informazzjoni xierqa dwar il-miżuri meħuda, il-progress li jkun sar, jew dwar ir-raġunijiet debitament motivati għaliex ma tistax tissodisfa t-talba, fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba, l-AS li tagħmel it-talba tista' tqis li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 61(8) tal-GDPR huma ssodisfati.

241. Fid-dawl tal-iżviluppi ta' hawn fuq, l-EDPB iqis li l-obbligu għall-AS li ssirilha t-talba li tindirizza talba għal assistenza reċiproka jimplika l-ħtieġa li jiġi ssodisfati **kriterji proċedurali u sostantivi**.
242. Il-ħtieġa li jiġi ssodisfati l-kriterji proċedurali tirriżulta prinċipalment mill-Artikolu 61, il-paragrafi 6 u 9 tal-GDPR, flimkien mal-Artikolu 3(3) tal-Att ta' Implementazzjoni tal-IMI. Il-kriterji proċedurali huma relatati mal-formalitajiet proċedurali li jeħtieġ li jiġi rispettati biex tiġi indirizzata talba għal assistenza reċiproka.
243. Għal dak li jikkonċerna, min-naħħa l-oħra, l-obbligu li jiġi ssodisfati l-kriterji sostantivi, l-EDPB iqis li dan jirriżulta mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, jiġifieri (i) il-formulazzjoni tal-Artikolu 61(4) tal-GDPR u l-Artikolu 61 (5) tal-GDPR, li jipprevedu l-possibbiltà li jirrifjutaw li jikkonformaw mat-talbiet għal assistenza reċiproka abbażi biss tar-raġunijiet limitati elenkti fil-GDPR, u jipprovd raġunijiet għal kwalunkwe rifjut, u (ii) il-kwalifikasi tal-assistenza reċiproka bħala għoddha għall-kooperazzjoni. Dan jimponi l-ħtieġa li jiġi eżaminat il-kontenut tat-tweġiba u l-azzjonijiet meħuda mill-AS li ssirilha t-talba biex jiġi evalwat jekk talba partikolari ġietx indirizzata jew le.
244. Il-lista pprovduta mill-Artikolu 61(1) tal-GDPR ma hijiex eżawrjenti (“b'mod partikolari”). Bħala tali, hija la telenka u lanqas teskludi speċifikament l-impożizzjoni ta' miżuri korrettivi. Madankollu, l-EDPB iqis li dan, fi kwalunkwe każ, ma jneħħix id-dmir tal-AS li ssirilha t-talba, skont l-Artikolu 61 (4) u 61 (5) tal-GDPR u d-dmiri ġenerali ta' kooperazzjoni, li tipprovd raġunijiet għal kwalunkwe rifjut ta' konformità ma' talba.
245. F'dan il-każ, l-EDPB jinnota li fil-5 ta' Mejju 2023 inbdiet talba formal għal assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR mill-AS NO permezz tal-ħolqien ta' fluss tax-xogħol iddedikat għall-IMI. It-talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO kien fiha żewġ talbiet differenti:
  - (I) “*li l-AS IE toħroġ projbizzjoni temporanja fuq l-ipproċessar ta' data personali minn Meta IE għall-finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fuq Facebook u Instagram abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, f'konformità mal-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR*<sup>450</sup>;
  - ii) “*li l-AS IE tikkondivid skeda ta' żmien li tispeċifi kif se tiżgura b'mod espedjenti li [Meta IE] tikkonforma mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR*”.
246. Fit-talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO, l-AS NO speċifikat ukoll li “*tkun grata jekk l-AS IE, sal-5 ta' Ġunju 2023, tikkondivid i-iskeda ta' żmien u tikkonferma li se tinħareġ projbizzjoni temporanja*” u

---

<sup>450</sup> Il-formulazzjoni tat-Talba għal Assistenza Reċiproka tal-AS NO mbagħad tkompli kif ġej: “*Il-projbizzjoni għandha ddum sakemm l-awtoritajiet superviżorji ewlenin u kkonċernati jkunu ssodisfati li [Meta IE] tkun ipprovdiet impenji adegwati u suffiċċenti biex tiżgura l-konformità mal-Artikoli 6(1) u 21 tal-GDPR, f'konformità mal-Artikolu 31 tal-GDPR. Dan se jagħtina l-opportunità li nkomplu nikkonunikaw ma' Meta u niżguraw li timpenja ruħha li tirrispetta bis-shiħi l-obbligi tagħha skont il-GDPR, filwaqt li tipprevjeni kwalunkwe riskju ulterjuri għas-suġġetti tad-data li jirriżulta mill-prattiki ta' reklamar li jagħraf l-imġiba mhux konformi ta' [Meta IE]. Għandu jiġi nnotat li fil-fehma tagħna, ir-reklamar li jagħraf l-imġiba jinkludi kwalunkwe attivitā fejn ir-reklamar ikun immirat abbażi tal-imġiba jew il-movimenti ta' suġġettet tad-data, inkluż reclamar ibbażat fuq il-post perċepit*”.

li “*Jekk l-AS IE ma tkunx f’pożizzjoni li tikkonforma mat-talba tagħna rigward [Meta IE], jista’ jkollna bżonn nikkunsidraw l-għażiżiet tagħna fir-rigward tal-adozzjoni ta’ miżuri proviżorji fin-Norveġja skont l-Artikolu 66 tal-GDPR. Nittamaw li dan ma jkunx meħtieġ u nistennew bil-ħerqa li nikkooperaw aktar mal-AS IE fil-qafas tal-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni stabbiliti fil-Kapitolo VII tal-GDPR*”.

247. It-talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO ttellgħet ukoll mill-AS NO bħala kumment dwar ir-Rapporti ta’ Konformità ta’ Meta IE, kondiviżi mal-LSA u mas-CSAs kollha fi ħdan il-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE. CSAs oħrajin ikkondividew il-feedback tagħhom dwar ir-Rapporti ta’ Konformità fl-istess perjodu, kif deskrirt hawn fuq fil-paragrafu 10, u xi wħud minnhom indirizzaw ukoll tħassib dwar l-azzjonijiet meħuda mill-AS IE<sup>451</sup>. F’dan il-kuntest, fit-30 ta’ Mejju 2023, l-AS NL għamlet ukoll talba għal assistenza reċiproka, kif deskrirt hawn fuq fil-paragrafu 12. Meta wieħed janalizza, l-ewwel nett, **jekk il-kriterji proċedurali ġewx issodisfati** mir-rispons tal-AS IE għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO, l-EDPB jinnota li huwa fit-2 ta’ Ġunju 2023 li l-ewwel żvilupp proċedurali mill-AS IE seħħi fi ħdan il-fluss tax-xogħol tal-IMI tal-Art. 61 mibdi mill-AS NO. Dan meta l-AS IE spċifikat li “ma jistgħux jikkonformaw mat-talba” (permezz tal-verifika ta’ kaxxa tat-test mimlija minn qabel dwar l-IMI), u indikat f’kumment li kienu ddettaljaw aktar it-tweġiba tagħhom taħt komunikazzjonijiet preċedenti li jinsabu fil-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI<sup>452</sup>. L-AS IE għamlet referenza għall-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta’ Mejju 2023 (ara l-paragrafu ta’ hawn fuq13). Għalhekk, l-EDPB iqis li l-AS IE indirizzat it-Talba għal Assista Reċiproka ta’ AS NO minn perspettiva proċedurali.
248. L-EDPB janalizza wkoll **is-sustanza tat-tweġiba pprovduta mill-AS IE** sabiex jivvaluta jekk it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO ġietx indirizzata fi żmien l-iskadenza ta’ xahar stabbilita mil-leġiżlatur. Huwa rilevanti b’mod partikolari li jiġi vvalutat jekk l-AS IE, li tirrifjuta li tikkonforma mat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO, ipprovdietx ir-raġunijiet għal tali rifjut f’konformità mal-Artikolu 61(5) tal-GDPR. Filwaqt li spċifikat li “ma jistgħux jikkonformaw mat-talba”, l-AS IE indikat f’kumment li kienet tat aktar dettalji dwar it-tweġiba tagħha taħt komunikazzjonijiet preċedenti li jinsabu fil-

---

<sup>451</sup> Diversi CSAs esprimew tħassib dwar:

(i) L-AS IE ma tikkondividix il-valutazzjoni legali tagħha stess (eż. l-AS FR fil-25 ta’ April 2023; l-AS DE ta’ Hamburg fl-4 ta’ Mejju 2023). Bi tweġiba, l-AS IE stiednet lis-CSAs “iż-żewġ iż-żebbu l-ġew id-determinati mill-EDPB” li “qaleb il-fehmiet oriġinarjament espressi mill-AS IE fl-abbozz ta’ deċiżjoni tagħha” (talba tal-AS IE għall-fehmiet tas-CSAs iċċirkolati permezz tal-IMI fis-26 ta’ April 2023);

(ii) Il-miżuri ssuġġeriti mill-kontrollur sabiex jikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-AS IE — b’mod partikolari dd-dipendenza fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u l-Artikolu 6 (1)(f) tal-GDPR għar-reklamar li jagħraf l-imġiba — li qajmu tħassib u kritika li għalihom diversi CSAs talbu azzjonijiet immedjati mill-AS IE (eż. il-fehmiet tal-AS DE Hamburg fl-4 ta’ Mejju 2023; il-fehmiet tal-AS NL fl-4 ta’ Mejju 2023; kumment tal-AS SE fl-4 ta’ Mejju 2023). Bi-istess mod, l-AS NO kienet ikkuntattjat preċedentement lill-AS IE permezz ta’ email fil-5 ta’ April biex tesprimi d-“dubji serji” tagħha dwar l-użu minn Meta tal-Artikolu 6(1)(f) fil-kuntest ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba, kif ukoll il-biża’ tagħha ta’ “riskju reali għad-drittijiet tas-suġġett tad-data”, u talbet lill-AS IE għall-valutazzjoni u l-intenzzonijiet tagħha għal azzjoni regolatorja. Fl-4 ta’ Mejju 2023, l-AS IE kienet indikat permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE li “ma kinu qed iħejju xi deċiżjoni ulterjuri f’din il-kwistjoni” u li kienu se jiddependu fuq il-valutazzjoni tal-konformità tagħhom, imwettqa b’mod konġunt mas-CSAs kollha, mal-Informazzjoni tal-AS IE dwar il-Proċedura (tweġiba lill-AS SE), datata l-4 ta’ Mejju 2023.

<sup>452</sup> It-Talba għal assistenza reċiproka tal-AS NO fluss iddedikat għall-IMI.

Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI tal-AS IE<sup>453</sup>. L-AS IE għamlet referenza għall-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 (ara l-paragrafu ta' hawn fuq13)<sup>454</sup>.

249. Skont l-AS IE, l-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 li għaliha rreferiet it-tweġiba tagħha tat-2 ta' Ġunju 2023 kienet “*diretta lejn is-suġġett tal-AS NO [Talba għal Assista Reċiproka]*” u kienet “*involuta b'mod ċar mas-sustanza tal-AS NO [Talba għal Assista Reċiproka] [...] direktament, u b'mod sħiħ*”<sup>455</sup>. Konsegwentement, l-AS IE tqis li ma rrifjutatx li tinvolfi ruħha mat-talba tal-AS NO għal assistenza reċiproka permezz tal-komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Ġunju 2023<sup>456</sup>.
250. Il-kontenut tal-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 huwa relatat mal-informazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-valutazzjoni tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE skont l-Artikolu 60(10) tal-GDPR<sup>457</sup>. Fil-fatt, kienet sempliċi konferma tal-aproċċi digħi ssuġġerit lis-CSAs kollha qabel it-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO<sup>458</sup>.
251. L-EDPB jinnota li l-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 jagħmel referenza għat-Talba għal Assista Reċiproka ta' AS NO, billi jgħid: “L-AS IE tantiċipa li se tkun f'pożizzjoni li tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE u li taqsam il-valutazzjoni tagħha mal-[AS NO] u mal-[AS NL] (li t-tnejn li huma ppreżentaw talbiet skont l-Artikolu 61 għal assistenza reċiproka) u mas-CSAs l-oħrajn kollha sal-aħħar ta' Ġunju 2023”.
252. Madankollu, l-EDPB iqis li:
- it-tieni talba fit-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO kienet talba għal “*skeda ta' żmien li tispeċifika kif [l-AS IE] se tiżgura b'mod espedjenti li [Meta IE] tikkonforma mal-Artikolu 6(1)*

<sup>453</sup> B'mod aktar speċifiku l-messaġġ mill-AS IE ddikjara: “Għeżejj Kollegi, Jekk jogħiġ kom araw it-tweġiba dettaljata mtella’ mill-[AS IE] taħt [il-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI] għal aktar informazzjoni. Tislijiet, l-AS IE”.

Tali rispons kien l-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 (ara l-paragrafu 13 hawn fuq). L-LSA rreferiet għal żewġ komunikazzjonijiet differenti maħruġa lis-CSAs kollha permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI.

<sup>454</sup> L-AS IE indikat li kienet “*irċeviet il-valutazzjonijiet kollha mis-CSAs*” u “*bagħtithom lil [Meta IE] sabiex tikkunsidra l-fehmiet espressi u tagħti dettalji* dwar kwalunkwe bidla li tipproponi li *timplimenta abbażi tal-valutazzjonijiet tas-CSA*”. Barra minn hekk, l-AS IE ddikjarat li se “*tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-rapporti ta' konformità ta' [Meta IE]*” “*ladarba l-AS IE tirċievi t-tweġiba ta' [Meta IE]*”. L-AS IE ddikjarat ukoll li “*se tkun f'pożizzjoni li tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-[Rapporti ta' Konformità] ta' [Meta IE] u li taqsam il-valutazzjoni tagħha mal-awtoritajiet superviżorji Norveġiżu u Netherlandiżi (li t-tnejn li huma ppreżentaw talbiet skont l-Artikolu 61 għal assistenza reċiproka) u mas-CSAs l-oħrajn kollha sal-aħħar ta' Ġunju 2023*”.

<sup>455</sup> Il-Fehmiet tal-AS IE dwar l-Ordni tal-AS NO, p. 2.

<sup>456</sup> Il-Fehmiet tal-AS IE dwar l-Ordni tal-AS NO, p. 2, li jirreferu għat-Tweġiba tal-AS IE għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO.

<sup>457</sup> L-LSA indikat li kienet “*irċeviet il-valutazzjonijiet kollha mis-CSAs*” u “*bagħtithom lil [Meta IE] sabiex tikkunsidra l-fehmiet espressi u tagħti dettalji* dwar kwalunkwe bidla li tipproponi li *timplimenta abbażi tal-valutazzjonijiet tas-CSA*”. Barra minn hekk, l-LSA ddikjarat li se “*tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tal-osservanza tar-[R]apporti ta' [K]onformita ta' Meta [IE]*” “*ladarba l-AS IE tirċievi t-tweġiba ta' Meta IE*”. L-LSA ddikjarat ukoll li “*se tkun f'pożizzjoni li tlesti l-valutazzjoni tagħha stess tar-rapporti ta' konformità ta' Meta u li taqsam il-valutazzjoni tagħha mal-awtoritajiet superviżorji Norveġiżu u Netherlandiżi (li t-tnejn li huma ppreżentaw talbiet skont l-Artikolu 61 għal assistenza reċiproka) u mas-CSAs l-oħrajn kollha sal-aħħar ta' Ġunju 2023*”.

<sup>458</sup> Informazzjoni tal-AS IE dwar il-Proċedura (tweġiba għal AS SE), datata l-4 ta' Mejju 2023 (qabel it-Talba għal Assista Reċiproka ta' AS NO). F'din il-komunikazzjoni, l-LSA indikat lis-CSAs kollha — permezz tal-Konsultazzjonijiet Informali tal-IMI — li l-“*AS IE mhux se tkun qed tħejji kwalunkwe deċiżjoni ulterjuri f'din il-kwistjoni*” u li dawn jiddependu fuq il-valutazzjoni tal-konformità tagħhom, imwettqa b'mod konġunt mas-CSAs kollha.

*tal-GDPR*". L-Aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 jipprovdi skeda ta' żmien tal-passi li jmiss fil-proċess previst mill-AS IE għall-valutazzjoni tar-Rapporti ta' Konformità ta' Meta IE (bl-aħħar pass ikun it-tlestija tal-valutazzjoni tal-AS IE stess u l-kondiżjoni tagħha mas-CSAs sa tmiem Ġunju 2023). Madankollu, ma hemm l-ebda dettall dwar kif l-AS IE qieset li t-tlestija tal-valutazzjoni tar-Rapporti ta' Konformità "*tiżgura b'mod espedjenti li [Meta IE] tikkonforma mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR*". Filwaqt li hemm konnessjoni impliċita (u, fi kwalunkwe każ, parżjali biss), kienet tkun meħtieġa motivazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

- I-ewwel talba fit-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO kienet talba għall-impożizzjoni ta' "projbizzjoni temporanja fuq l-ipproċessar minn Meta ta' *data personali* għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fuq Facebook u Instagram abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, f'konformità mal-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR". L-aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 ma jinkludi l-ebda r-raqunament dwar ir-rikoxximent jew il-kunsiderazzjoni tal-AS IE ta' din it-talba.

253. L-EDPB jinnota li filwaqt li l-AS Irlandiża spjegat wara l-iskadenza ta' xahar li t-tweġiba negattiva għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO kienet ir-riżultat ta' żball (kaxxa tat-test "immarkata b'mod żbaljat (u involontarju)")<sup>459</sup>, l-AS IE ma tiddikjarax li ppruvat temenda t-tweġiba tagħha — pereżempju biex tipprovdi r-raqunijiet għal kwalunkwe rifjut ta' konformità mat-talba — jew li fittxet assistenza biex tagħmel dan fi żmien l-iskadenza ta' xahar.
254. L-EDPB jieħu nota wkoll tal-fehma tal-AS IE kondiżja fis-27 ta' Settembru 2023 li l-parti tat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO relatata ma' projbizzjoni ma kinitx "*magħmulu b'mod validu b'referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61 tal-GDPR*" u li ma kinitx "*miftuħa għall-[AS NO] li titlob, permezz ta' talba għal assistenza reċiproka, li l-[AS IE] timponi projbizzjoni temporanja fuq l-Operazzjonijiet ta' Pproċessar*" inkwistjoni<sup>460</sup>.
255. Madankollu, l-Artikolu 61(4), l-ittra (b) tal-GDPR jipprevedi l-possibbiltà li l-AS li ssirilha t-talba tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal assistenza reċiproka f'sitwazzjoni fejn tqis li l-konformità magħha tikser il-GDPR jew il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru li għaliha tkun soġġetta l-AS li ssirilha t-talba. Madankollu, f'din iċ-ċirkostanza, kif digħi ġie enfasizzat fil-paragrafu 240, l-AS li ssirilha t-talba li tixtieq tinvoka din ir-raġuni għal rifjut jeħtieġ li timmotiva r-rispons tagħha skont l-Artikolu 61(5) tal-GDPR. L-aġġornament tal-AS IE għas-CSAs tal-31 ta' Mejju 2023 jew il-messaġġ fil-fluss tax-xogħol tat-Talba għal AR tat-2 ta' Ġunju 2023 ma jipprovdu l-ebda ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' indirizzar tat-talba skont l-eċċeżxonijiet limitati tal-Artikolu 61(4) tal-GDPR. Barra minn hekk, il-fehmiet kondiżi fis-27 ta' Settembru 2023 kienu ferm aktar tard mill-iskadenza ta' xahar. Għalhekk, l-EDPB iqis li, fi żmien xahar minn meta rċeviet it-talba, l-LSA ma pprovdietx ir-raqunijiet għar-rifjut li tikkonforma mat-talba skont l-Artikolu 61(5) tal-GDPR.
256. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB iqis li l-AS IE naqset milli tipprovdi tweġiba sostantiva għat-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO.

---

<sup>459</sup> Il-Komunikazzjoni tal-AS IE lis-CSAs kollha datata l-20 ta' Lulju 2023, p. 2.

<sup>460</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO bid-data tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3. F'dan ir-rigward, l-AS IE argumentat ukoll li d-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB "*irrifjutaw b'mod espliku li jimponu projbizzjoni temporanja*" (p. 3) u li "*It-tqiegħid fis-seħħ ta' projbizzjoni immedjata fuq l-ipproċessar li huwa iżolat u ddivorzjat minn kwalunkwe proċedura legali sottostanti inevitabilment jesponi lill-[AS IE] għal riskju legali sinifikanti u jwassal għal litigazzjoni*" (p. 4).

257. Meta jitqies il-fatt li l-Artikolu 61(8) tal-GDPR jipprevedi b'mod espliċitu li l-preżunzjoni ta' urġenza tapplika f'każ li l-[AS li ssirilha t-talba] ma tiprovdix l-informazzjoni fl-[Artikolu 61(5)] fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba, **I-EDPB għalhekk iqis li l-preżunzjoni stabbilita mill-Artikolu 61(8) tal-GDPR hija applikabbli f'dan il-każ speċifiku. Konsegwentement, I-EDPB isib li l-urġenza tista' tiġi preżunta abbażi tal-Artikolu 61(8) tal-GDPR, li jkompli jikkorrobora l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza**<sup>461</sup>.

#### 4.2.3 Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' urġenza

258. L-EDPB iqis li l-elementi analizzati hawn fuq jiġiustifikaw l-urġenza li l-EDPB jitlob lill-AS IE tordna miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR. L-EDPB iqis li l-ħtieġa urġenti li jiġu ordnati miżuri finali hija ċara fid-dawl tar-riskji li l-ksur jirrappreżenta għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data mingħajr l-adozzjoni ta' miżuri finali<sup>462</sup>. Barra minn hekk, l-EDPB iqis li tali urġenza tista' tiġi preżunta skont l-Artikolu 61(8) tal-GDPR<sup>463</sup>. **Għalhekk, I-EDPB iqis li hemm urġenza għalli-AS IE biex tordna miżuri finali f'dan il-każ.**

### 5 DWAR IL-MIŻURI FINALI XIERQA

259. Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq (ara t-taqsimiet 4.1 u 4.2), il-kundizzjonijiet relatati mal-eżistenza ta' ksur u mal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni f'dan il-każ huma ssodisfati. Għalhekk, l-EDPB jipproċedi bl-analiżi ta' liema miżuri finali, jekk ikun hemm, għandu jordna f'dan il-każ speċifiku. Talba minn AS skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR għandha l-għan li tindirizza sitwazzjoni fejn tali AS, wara l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR, "tqis li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri finali b'mod urġenti".

#### 5.1 Kontenut tal-miżuri finali

##### 5.1.1 Sommarju tal-pożizzjoni tal-AS NO

260. Fit-Talba tal-AS NO lill-EDPB, l-AS NO titlob li "l-miżuri finali, f'konformità mal-miżuri proviżorji [L-AS NO] imposti fin-Norveġja, jiġu adottati b'mod imminenti"<sup>464</sup>. Fl-Ordni tal-AS NO, l-AS NO pprojbixxiet għal 3 xhur lil Meta IE u lil Facebook Norway milli jipproċessaw data personali ta' suġġetti tad-data li jirrisjedu fin-Norveġja għal reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR mill-4 ta' Awwissu 2023 sat-3 ta' Novembru 2023<sup>465</sup>. L-AS NO tipprevedi li l-Ordni tal-AS NO titneħħha qabel dik id-data jekk jiġu implementati miżuri ta' rimedju sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti impenji adegwati u suffiċċenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR u mal-Artikolu 21 tal-GDPR<sup>466</sup>. F'każ li l-ordni ma tiġix irrispettata, l-AS NO tħabbar, fl-Ordni tal-AS NO nnifisha, li tista' tiddeċiedi li timponi multa koerċittiva sa NOK 1 000 000 kuljum ta' nuqqas ta' konformità fuq Meta IE u/jew Facebook Norway, individualment jew kollettivament<sup>467</sup>. Peress li Meta

<sup>461</sup> Ara wkoll id-Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti tal-EDPB 01/2021, il-paragrafu 181.

<sup>462</sup> Kif muri fit-taqSIMA 4.2.2.3 hawn fuq.

<sup>463</sup> Kif muri fit-taqSIMA 4.2.1.3 hawn fuq.

<sup>464</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>465</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 3.

<sup>466</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 3.

<sup>467</sup> L-Ordni tal-AS NO, p. 4.

IE u Facebook Norway ma kkonformawx mal-Ordni tal-AS NO, l-AS NO imponiet multa koerċittiva ta' kuljum, li bdiet takkumula fl-14 ta' Awwissu 2023<sup>468</sup>.

261. L-AS NO tindika wkoll li, fir-rigward tal-għan li l-miżuri finali għandhom ifixtu li jilħqu, "huwa meħtieġ li jiġi żgurat li 'd-data personali ma għandhiex tiġi pproċessata għar-Reklamar li Jagħraf l-Imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) [tal-GDPR] jew [l-Artikolu] 6(1)(f) tal-GDPR fil-kuntest tas-Servizzi'"<sup>469</sup>. L-AS NO titlob li kwalunkwe miżura finali għandha titlob "konformità rapida" mingħajr aktar dewmien<sup>470</sup>.
262. Fir-rigward tal-ambitu ġeografiku tal-miżuri finali mitluba, l-AS NO talbet li "l-miżuri għandhom jiġu applikati fiż-ŻEE kollha, sabiex tiġi evitata deroga mill-armonizzazzjoni u l-konsistenza li l-GDPR għandu l-għan li jiżgura"<sup>471</sup>.
263. L-AS NO tqis li Meta IE għandha "proċedura faċilment disponibbli biex ittemm dan l-ipproċessar malajr", peress li digħi implimentat mekkaniżmu ta' ogħżejjoni fiż-ŻEE fir-rigward tal-ipproċessar tagħha għal reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR. Fi kliem ieħor, l-AS NO targumenta li s-sospensjoni ta' din l-attivită ta' pproċessar tista' tinkiseb permezz tal-użu ta' proċess simili għal dak użat minn Meta IE fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' ogħżejjoni, u li xejn — minn perspettiva teknika — ma jipprevjeni lil Meta IE milli tissospendi l-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba fiż-ŻEE<sup>472</sup>.
264. Sabiex tappoġġja din it-talba, l-AS NO tindika li (1) il-miżuri finali għandhom jiġu adottati b'mod urġenti minħabba li l-ipproċessar ta' data personali jikser id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data fl-Istati kollha taż-ŻEE, (2) id-Deċiżjonijiet tal-AS IE huma applikabbli għall-utenti fl-Istati kollha taż-ŻEE, u (3) hemm kunsens fil-livell Ewropew bejn l-AS Irlandiża u s-CSAs li l-ipproċessar għadu illegali<sup>473</sup>.

### 5.1.2 Sommarju tal-pożizzjoni ta' Meta IE u ta' Facebook Norway

265. Meta IE tindika li fil-fehma tagħha "mhuwiex ċar liema miżuri finali l-[AS NO] qed tfitħex li titlob mingħand l-EDPB"<sup>474</sup>. Skont Meta IE, l-Ordni tal-AS NO "tinkludi tliet elementi ewlenin: (i) l-impożizzjoni ta' projbizzjoni temporanja [...]; (ii) l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi ta' kuljum [...]; u (iii) it-tnejħija ta' dik il-projbizzjoni soġġetta għar-riċevuta ta' impenji adegwati minn [Meta IE]"<sup>475</sup>. Meta IE tallega li mhuwiex ċar jekk l-AS NO għandhiex l-intenzjoni li ssegwi kull wieħed minn dawn l-elementi, jew oħrajn, bħala parti mit-talba tagħha<sup>476</sup>.
266. Meta IE tqis li t-Talba tal-AS NO lill-EDPB tikkostitwixxi parjalment "tentativ ta' litigazzjoni mill-ġdid tal-oġġeżżonijiet li l-[AS NO] diġà qajmet fl-Inkjesti NOYB fl-istadju tal-Artikolu 65 tal-GDPR u li digħi ġew irrifjutati mill-EDPB"<sup>477</sup>. Skont Meta IE, l-azzjonijiet tal-AS NO "jidhru li huma motivati minn nuqqas ta' sodisfazzjon (mhux ġustifikat) bit-trattament tal-[AS IE] tal-infurzar tad-Deċiżjonijiet NOYB". Il-

<sup>468</sup> Id-Deċiżjoni tal-AS NO li timponi multa koerċittiva fuq Meta IE u Facebook Norway tas-7 ta' Awwissu 2023, p. 3.

<sup>469</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>470</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>471</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>472</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12–13.

<sup>473</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>474</sup> Is-Sottomiżjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 13.

<sup>475</sup> Is-Sottomiżjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 13.

<sup>476</sup> Is-Sottomiżjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 13.

<sup>477</sup> Is-Sottomiżjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 3, 13. Ara wkoll is-Sottomiżjonijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 8.

kontrollur imbagħad jiddikjara li “*ma jistax jiġi ssanzjonat abbażi ta’ fatturi li huma barra mill-isfera ta’ influwenza tiegħu*”<sup>478</sup>.

267. Barra minn hekk, Meta IE pprovdiet argumenti fir-rigward tal-kontenut possibbli tal-miżuri finali li għandhom jiġu ordnati mill-EDPB, li jistabbilixx l-elementi għal kull miżura possibbli identifikata. Meta IE targumenta wkoll li, b'mod ġenerali, il-miżuri provvistorji adottati mill-AS li tagħmel it-talba biss jistgħu jiġu adottati bħala miżuri finali skont il-proċedura tal-Artikolu 66(2) tal-GDPR<sup>479</sup>. Fil-fehma ta’ Meta IE, mhuwiex ċar jekk I-EDPB huwiex kompetenti li jordna miżuri finali fuq bażi mifruxa maż-ŻEE kollha, jew jekk huwiex limitat biss għall-ordni ta’ miżuri fir-rigward tal-pajjiż tas-CSA li tagħmel it-talba, u mhuwiex ċar jekk I-EDPB huwiex kompetenti biex jadotta miżuri finali b'mod permanenti<sup>480</sup>. Dwar din il-kwistjoni, Meta IE għamlet referenza wkoll għall-fatt li I-EDPB innifsu talab lil-leġiżlatur tal-UE biex jiċċara dan<sup>481</sup>.

268. Fir-rigward ta’ ordni ta’ tħassir possibbli għal data digħi miġbura illegalment [REDACTED] filwaqt li I-AS NO ma talbitx b'mod espliċitu tali miżura finali, Meta IE ċċar il-fehma tagħha li tali talba tkun illegali u mhux meħtieġa<sup>482</sup>. B'mod aktar speċifiku, Meta IE targumenta li I-Ordni tal-AS NO ma ḥarġitx ordni ta’ tħassir bħala parti mill-Miżuri Proviżorji tagħha adottati skont I-Artikolu 66(1) tal-GDPR<sup>483</sup>. Barra minn hekk, Meta IE tenfasizza li d-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB irrifjutaw oġġezzjonijiet mill-AS NO li kellhom l-għan li iimponu ordni ta’ tħassir fuq [REDACTED]

<sup>484</sup> [REDACTED]

<sup>485</sup> [REDACTED]

<sup>486</sup> [REDACTED]

<sup>487</sup>. Fi kwalunkwe każ, Meta IE tinnota li d-data personali miġbura qabel għar-reklamar li jagħraf l-imġiba tiġi pproċessata wkoll għal finijiet oħra li mħumiex relatati mar-reklamar, bħas-sigurtà, il-frodi u s-sikurezza<sup>488</sup>. Meta IE tqis li “*kontrollur ma jistax jiġi mġiegħel iħassar data personali meta din tinġabar u tiġi pproċessata b'mod validu għal finijiet*

<sup>478</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 17.

<sup>479</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 13–14.

<sup>480</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 13, in-nota 44 f’qiegħ il-paġna.

<sup>481</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 13, in-nota 44 f’qiegħ il-paġna, li tirreferi għat-taqṣima 6.2 tal-Opinjoni Konġunta 01/2023 tal-EDPB–EDPS dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679, fil-paragrafi 113–116 u 121. F’din I-Opinjoni Konġunta, I-EDPB u I-EDPS ipprovdew il-fehmiet tagħihom dwar ir-regolament propost magħmul mill-Kummissjoni Ewropea li, skont I-EDPB u I-EDPS, jirrestrinġi bla bżonn l-applikazzjoni tal-proċedura ta’ urġenza skont I-Artikolu 66(2) tal-GDPR.

<sup>482</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14–15.

<sup>483</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14.

<sup>484</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14. Dan l-argument huwa relatati mal-oġġezzjonijiet magħmula mill-AS NO għall-abbozzi ta’ deċiżjonijiet tal-AS IE fil-każijiet Facebook u Instagram, li jitħolbu ordni biex titħassar data personali pproċessata skont I-Art. 6(1)(b) tal-GDPR, li I-EDPB qies li ma jilħaqx il-limitu tal-Art. 4(24) tal-GDPR (fid-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 483 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 450).

<sup>485</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14.

<sup>486</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14.

<sup>487</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14.

<sup>488</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 14–15.

*differenti skont bażijiet legali validi, anki f'każijiet fejn il-bażi ġuridika tiegħu għal sett wieħed distinta pproċessar sussegwentement titqies bħala invalida”<sup>489</sup>.*

269. Fir-rigward ta’ ordni ta’ sospensjoni jew projbizzjoni possibbli applikabbli għall-utenti kollha taż-ŻEE, Meta IE tqis li t-talba tal-AS NO għal skadenza qasira għall-implementazzjoni hija allegatament “*difettuża u mhux fattibbl*”<sup>490</sup>. Skont Meta IE, il-bini tal-infrastruttura ta’ appoġġ u l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni kienu jinvolvu “*mijiet ta’ eluf ta’ sigħat ta’ xogħol*” min-naħħa ta’ Meta IE minn timijiet multidixxiplinari inklużi l-ingħiniera tal-prodotti, tat-tagħlim awtomatiku u tal-infrastruttura, id-disnjaturi tal-esperjenza tal-utenti, l-operazzjonijiet, il-politika, il-kummerċjalizzazzjoni u legali għat-tfassil, il-bini u l-implementazzjoni tas-sistemi, tal-proċessi u tal-esperjenza tal-utent meħtieġa biex Meta IE tkun tista’ tissodisa r-rekwiżiti differenti tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>491</sup>. Fil-fehma ta’ Meta IE, id-dikjarazzjoni tal-AS NO li l-implementazzjoni ta’ proċess simili għall-mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni tista’ tifforma xi “*tip ta’ soluzzjoni ta’ konformità istantanja*” hija “*żbaljata*”<sup>492</sup>

<sup>93</sup>. Fi kliem ieħor, Meta IE targumenta li bidla fil-bażi għuridika għall-iproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba tagħha qabel sempliċiment ma tkunx fattibbli.

270. Meta IE tikkwota wkoll l-argumenti mressqa mill-AS IE f'dak ir-rigward: “*L-istabbiliment ta’ projbizzjoni immedjata fuq l-iproċessar li huwa iżolat u ddivorzjat minn kwalunkwe proċedura legali sottostanti (...), inevitabilment jesponi lill-[AS IE] għal riskju legali sinifikanti u jwassal għal litigazzjoni. Fil-kuntest ta’ tali litigazzjoni, l-[AS IE] tintalab tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li titbiegħed mill-kors ta’ azzjoni msejjes fuq id-[Deċiżjonijiet tal-AS IE] (mhux ikkontestati mill-EDPB u/jew mis-CSAs), favur proċedura sommarja alternattiva li tinvolvi l-impożizzjoni immedjata ta’ projbizzjoni fuq l-iproċessar*”<sup>494</sup>.
271. Fir-rigward tal-multi speċifikament, Meta IE targumenta li l-AS NO ma hijiex intitolata titlob multa bħala miżura finali<sup>495</sup>, peress li l-Ordni tal-AS NO ma kinitx tinkludi multi bħala miżura proviżorja skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR. B'mod aktar ġenerali, Meta IE tiddikjara wkoll li l-multi mhumiex forma xierqa ta’ miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR<sup>496</sup>, u li l-EDPB ma huwiex kompetenti biex jadotta tali deċiżjoni skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR<sup>497</sup>. Peress li l-proċedura tal-Artikolu 66(2) tal-GDPR tikkostitwixxi deroga għall-proċedura ta’ kooperazzjoni standard, Meta IE, li tenfasizza l-ħtieġa għal interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 66 tal-GDPR, hija tal-fehma li kwalunkwe miżura finali “*tista’ tkun biss dik li hija meħtieġa b’mod urġenti biex jintemm il-ksur*”<sup>498</sup>. Skont Meta IE, il-miżuri finali kollha li ma jilħqux dan l-objettiv iridu jiġu adottati fil-qafas tal-punt uniku ta’ servizz u tal-mekkaniżmu ta’ konsistenza<sup>499</sup>. Fl-aħħar nett, fil-fehma ta’ Meta IE, il-multi ma humiex xierqa biex tiġi żgurata l-

<sup>489</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>490</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>491</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>492</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>493</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tal-25 ta’ Awwissu 2023, p. 23–24.

<sup>494</sup> L-ilment dwar il-Merti ta’ Meta IE ppreżentat lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo, p. 26, b’referenza għall-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta’ Settembru 2023.

<sup>495</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 3.

<sup>496</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 16.

<sup>497</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 16.

<sup>498</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 16.

<sup>499</sup> Is-Sottomissionijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 16.

protezzjoni immedjata tas-suġġetti tad-data<sup>500</sup>. Meta IE targumenta wkoll li l-multi ma jkunux xierqa fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn diġà ġew imposti multi għoljin mill-AS IE fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE u fejn Meta IE [REDACTED] kienet involuta in bona fide mal-AS IE<sup>501</sup>.

[REDACTED]  
Skont Meta IE, it-Talba tal-AS NO l-ill-EDPB "diġà tiġġenera, u se tkompli tiġġenera ammont kbir ta' xogħol amministrattiv għall-EDPB, qħas-CSAs, qħal-LSA u qħal Meta [IE], [REDACTED]

[REDACTED]<sup>502</sup>. Meta IE tqis li, fid-dawl tal-fatt li deċiżjoni vinkolanti urġenti potenzjali tista' testendi lil hinn min-Norveġja, "kwalunkwe tentattiv biex jiġu pperpetwati d-dispożizzjonijiet tal-Ordni tal-[AS NO] permezz ta' tali deċiżjoni jservi biss biex jaggrava dan l-użu ħażin tal-proċedura ta' urġenza u l-ksur tad-drittijiet ta' [Meta IE]"<sup>503</sup>.

272. Facebook Norway tenfasizza li mhijiex, u qatt ma kienet, parti fl-inkjesti li wasslu għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>504</sup>. Hija tenfasizza wkoll li d-Deċiżjonijiet tal-AS IE huma indirizzati biss lil Meta IE, fil-kapaċità tagħha ta' kontrollur uniku tad-data għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fuq Facebook u Instagram. Facebook Norway tenfasizza li hija entità ġuridika separata u indipendenti li ma toffixx Facebook jew Instagram la fin-Norveġja u lanqas bnadi oħra, u ma hijiex il-kontrollur tad-data għall-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba kkonċernat<sup>505</sup>. Barra minn hekk, Facebook Norway ssostni li hija ma kellhiex tkun id-destinatarja tal-ordni tal-AS NO<sup>506</sup>.
273. Meta IE u Facebook Norway esprimew ukoll il-fehma li l-AS IE diġà eżerċitat setgħat korrettivi kontra Meta IE fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE, u li xorta waħda l-infurzar tal-ordnijiet korrettivi huwa kwistjoni għal-LSA u rregolat mil-liġi nazzjonali applikabbi<sup>507</sup>.

### 5.1.3 Analiżi tal-EDPB

274. Minbarra l-elementi minquxa fit-Talba tal-AS NO l-ill-EDPB, l-EDPB iqis l-elementi u l-argumenti mressqa mill-AS IE. L-AS IE tqis li t-Talba tal-AS NO l-ill-EDPB tfittex li tikseb deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-EDPB, "li l-effett nett tagħha jkun li ġġiegħel lill-[AS IE], bħala LSA, timponi projbizzjoni fiż-ŻEE kollha"<sup>508</sup>. Madankollu, skont l-AS IE, diġà qed tmexxi "proċedura ta' infurzar" li għaddejja, li permezz tagħha, flimkien mas-CSAs, qed tivalutu "sett definit ta' proposti, li permezz tagħhom [Meta IE] tiproponi li tinkiseb konformità" mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR u mad-Deċiżjonijiet tal-AS IE<sup>509</sup>. Dan il-proċess qed

<sup>500</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 16.

<sup>501</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-26 ta' Settembru 2023, p. 16.

<sup>502</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 9.

<sup>503</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 28.

<sup>504</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 13. Ara wkoll is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 4.

<sup>505</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 13. Is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 4; ara wkoll l-Ittra ta' Facebook Norway lill-Ministeru tal-Gvern Lokali u l-Iżvilupp Reġjonali tat-8 ta' Awwissu 2023, p. 2.

<sup>506</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-26 ta' Settembru 2023, p. 1. Ara wkoll is-Sottomissjonijiet ta' Facebook Norway tas-16 ta' Ottubru 2023, p. 4.

<sup>507</sup> Is-Sottomissjonijiet ta' Meta IE u Facebook Norway tad-19 ta' Ottubru 2023, p. 1–2.

<sup>508</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 3.

<sup>509</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 4.

iseħħi billi jiġu involuti s-CSAs f'konformità mal-qafas ta' kooperazzjoni u konsistenza tal-GDPR<sup>510</sup>. B'mod aktar spċificu, l-AS IE tenfasizza li “*bħalissa hija involuta fi proċess kooperativ sabiex tagħti effett lil dawn l-ordnijiet b'mod li jippermetti lis-CSAs kollha jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-azzjoni proposta ta' [Meta IE]*”<sup>511</sup>.

275. Skont l-AS IE, l-ebda miżura finali ordnata mill-EDPB ma tkun xierqa, peress li tiddevja r-riżorsi mill-proċess immexxi mill-AS IE skont il-qafas ta' kooperazzjoni u konsistenza tal-GDPR<sup>512</sup>. Barra minn hekk, skont l-AS IE, il-ġustifikazzjonijiet legali tal-AS NO li jissuġġerixxu azzjoni ta' infurzar immedjata mil-LSA huma “*msejsa f'argumenti ipotetiċi*”<sup>513</sup>.
276. F'dan ir-rigward, l-EDPB jirrikonoxxi li, mill-mument li l-AS IE kkondividiet mas-CSAs ir-Rapporti ta' Konformità fil-5 ta' April 2023, kien hemm proċess kontinwu li jikkonsisti fil-valutazzjoni tal-isforzi ta' konformità minn Meta IE rrappreżentati mill-bidla fit-3 ta' April 2023 għall-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR bħala bażi ġuridika għall-biċċa l-kbira tad-data personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba u aktar tard, mill-Proposta ta' Kunsens ta' Meta IE, u li dan il-proċess kien immexxi mill-AS IE fir-rwol tagħha bħala LSA f'kooperazzjoni mas-CSAs, li ġew mistiedna jissottomettu l-fehmiet tagħhom f'diversi okkażjonijiet.
277. Madankollu, fid-dawl tal-elementi deskritti hawn fuq, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur kontinwu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR — li l-EDPB digħi indika bħala “sitwazzjoni serja ħafna ta' nuqqas ta' konformità”<sup>514</sup>, u tad-dmir ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-AS, u l-eżistenza ta' htiegħa urġenti li tittieħed azzjoni minkejja l-proċess li għaddej immexxi mill-AS IE, kif motivat hawn fuq fit-Taqsima 4.2 ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti, l-EDPB iqis li, f'dan il-mument, hemm il-ħtieġa li jiġu ornatni miżuri finali peress li huma meħtieġa miżuri ta' infurzar ulterjuri.
278. Fir-rigward tal-**kontenut possibbli tal-miżuri finali spċifici**, l-EDPB iqis li jista' jordna miżuri finali għajr il-miżuri proviżorji adottati skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR jew għajr dawk imsemmija fit-talba magħmula skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR. Il-GDPR tabilħaqq ma jipprovdix tali limitazzjonijiet fuq il-miżuri finali, u l-EDPB, filwaqt li jqis it-talba magħmula skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR kif ukoll l-elementi l-oħra tal-fajl, huwa fdat biex jiżgura l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-GDPR meta jwettaq attivitajiet skont il-mekkaniżmu ta' konsistenza<sup>515</sup>. Għalhekk, l-EDPB huwa kompetenti skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR biex jordna l-miżuri finali li huma xierqa abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ.
279. **F'dan il-każ, l-EDPB iqis li huwa xieraq li jiġi analizzat jekk għandhiex tiġi imposta projbizzjoni fuq l-ipproċessar**, filwaqt li jitqies li t-Talba tal-AS NO lill-EDPB titlob li “l-miżuri finali, f'konformità mal-miżuri proviżorji imposti fin-Norveġja [mill-AS NO], jiġu adottati b'mod imminenti”<sup>516</sup>, u li l-Ordni tal-AS NO kienet tinkludi projbizzjoni mill-ipproċessar ta' data personali tas-suġġetti tad-data li jirrisjedu

<sup>510</sup> Il-Komunikazzjoni tal-AS IE lis-CSAs tal-20 ta' Lulju 2023, p. 1. Ara wkoll l-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 4–6.

<sup>511</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3

<sup>512</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 5.

<sup>513</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 4. [REDACTED]

<sup>514</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 282 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 284.

<sup>515</sup> L-Art. 63 tal-GDPR, l-Art. 65 tal-GDPR, l-Art. 70(1) tal-GDPR, l-Art. 70(1)(a) tal-GDPR, u l-Art. 70(1)(t) tal-GDPR.

<sup>516</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

fin-Norveġja għal reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.

280. Fir-rigward tal-impożizzjoni possibbli ta' projbizzjoni fuq l-ipproċessar, l-AS IE tqis li "t-talbiet tal-[AS NO] ma humiex waħda li tista' tiġi kkonsenjata legalment mill-[AS IE] bil-mod li issa huwa mitlub"<sup>517</sup>. Dan huwa, l-ewwel nett, minħabba li l-EDPB irrifjuta li jagħti struzzjonijiet lill-AS IE sabiex timponi projbizzjoni temporanja fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB<sup>518</sup>, u t-tieni minħabba li d-Deċiżjonijiet tal-AS IE "pprevedew miżuri ta' infurzar, jiġifieri, l-ordnijiet għall-konformità, li skonthom il-proposti ta' [Meta IE] għall-adozzjoni ta' bażi ġuridika alternattiva waħda jew aktar għall-Operazzjonijiet ta' Pproċessar jiġu vvalutati, u deċiżi, dwar il-merti rispettivi tagħhom"<sup>519</sup>. L-AS IE tikkonkludi li "l-EDPB irrikonoxxa, b'mod espliċitu, li jkun jeħtieġ li jiġi stabbilit proċess li fih il-Kontrollur jidentifika l-meżżi li bihom ippropona li tinkiseb konformità mal-obbligi tiegħu, u, barra minn hekk, li, filwaqt li jaġixxu flimkien fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza previst fil-Kapitolo VII tal-GDPR, l-[AS IE] u s-CSAs min-naħħa tagħhom ikunu meħtieġa jitteżjaw dawk il-proposti u jivvalutaw jekk humiex biżżejjed jew le sabiex tinkiseb konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) [tal-GDPR] u mad-Deċiżjonijiet tal-[AS IE]"<sup>520</sup>.
281. Skont l-AS IE, l-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-ipproċessar "li huwa iżolat u ddivorzjat minn kwalunkwe proċedura legali sottostanti inevitabilment tesponi lill-[AS IE] għal riskju legali sinifikanti u twassal għal litigazzjoni", fejn l-AS IE "tintalab tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li titbiegħed mill-kors ta' azzjoni msejjes fuq [id-Deċiżjonijiet tal-AS IE] (mhux ikkontestati mill-EDPB u/jew mis-CSAs), favur proċedura sommarja alternattiva li tinvolfi l-impożizzjoni immedjata ta' projbizzjoni fuq l-ipproċessar"<sup>521</sup>. F'dan ir-rigward, l-AS IE targumenta wkoll li "ma huwiex preċiż li jiġi ssuġġerit li l-[AS IE] tista' timponi projbizzjoni immedjata fuq l-ipproċessar, filwaqt li tkompli tagħmel progress fil-valutazzjoni tagħha tal-mudell ta' kunsens propost ta' [Meta IE], flimkien mal-kolleġi tas-CSA tagħha"<sup>522</sup>.
282. F'dan ir-rigward, l-EDPB jenfasizza li l-fatt li għażel li ma jagħtix struzzjonijiet lill-AS IE biex timponi projbizzjoni temporanja fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, meta jitqies f'dak iż-żmien li l-impożizzjoni ta' ordni biex l-ipproċessar isir konformi f'perjodu ta' żmien qasir tkun xierqa, fih innifsu ma jesklidix il-possibbiltà li tkun meħtieġa projbizzjoni llum. Bl-istess mod, il-fatt li d-Deċiżjonijiet tal-AS IE, adottati abbażi tad-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, ma jipprevedux projbizzjoni fuq l-ipproċessar ma jipprevjenix lill-EDPB milli jordna miżuri finali fil-forma ta' projbizzjoni fuq l-ipproċessar fil-kuntest ta' din il-proċedura urġenti, filwaqt li jitqiesu l-fatti li seħħew wara l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE. F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkuk ukoll li l-AS IE rrikonoxxiet fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE li "miżuri ta' infurzar setgħu [...] kienu meħtieġa f'dan l-istadju"<sup>523</sup>.
283. Fil-paragrafi li jmiss, l-EDPB se jivvaluta l-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità ta' projbizzjoni fuq l-ipproċessar. L-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR jipprovd iż-awtoritatjiet superviżorji bis-setgħha li jimponu limitazzjoni temporanja jew definittiva inkluża projbizzjoni fuq l-ipproċessar.

<sup>517</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3.

<sup>518</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3. Ara wkoll l-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 3–4 (fejn l-AS IE tiddikjara wkoll li l-EDPB ma tax struzzjonijiet lill-AS IE sabiex tadotta projbizzjoni awtomatika jew projbizzjoni li għandha tiġi imposta jekk Meta IE tonqos milli tikseb konformità f'data definita).

<sup>519</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 3.

<sup>520</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 4.

<sup>521</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 4.

<sup>522</sup> L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tas-27 ta' Settembru 2023, p. 4.

<sup>523</sup> Id-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, il-paragrafu 9.2.

284. Il-premessa 129 tal-GDPR tipprovdi elementi biex jiġi vvalutat jekk miżura speċifika hijiex xierqa. B'mod iktar speċifiku, għandu jiġi kkunsidrat li l-miżura magħżula ma toħloqx “spejjeż superfluwi” u “inkonvenjenzi eċċessivi” għall-persuni kkonċernati fid-dawl tal-ġhan imfittex. Meta tintgħażel il-miżura korrettiva xierqa, hemm bżonn li jiġi vvalutat jekk il-miżura magħżula hijiex meħtieġa biex jiġi infurzat il-GDPR u tinkiseb il-protezzjoni tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, li huwa l-objettiv segwit. L-osservanza tal-prinċipju ta’ proporzjonalità teħtieġ li jiġi żgurat li l-miżura magħżula ma toħloqx żvantaġġi sproporzjonati meta mqabbla mal-ġħan imfittex<sup>524</sup>.
285. Bħala l-ewwel element, l-EDPB jixtieq ifakkar ir-raġunament tiegħi fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB. F'deċiżjonijiet bħal dawn, kif indikat mill-AS IE u minn Meta IE, f'dak il-mument l-EDPB analizza jekk projbizzjoni kinitx tikkostitwixxi miżura korrettiva xierqa li għandha tiġi imposta fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE, minħabba l-preżenza ta’ xi oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li ressqu din it-talba<sup>525</sup>. Bosta mill-elementi li l-EDPB qies dak iż-żmien huma ta’ għajjnuna biex jiġu kkunsidrati f'din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti, ukoll.
286. **L-EDPB enfasizza fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB** li l-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li nstab fil-każ inkwistjoni kien jikkostitwixxi sitwazzjoni serja ħafna ta’ nuqqas ta’ konformità mal-GDPR, fir-rigward tal-ipproċessar ta’ ammonti estensivi ta’ *data*, li huwa essenzjali għall-mudell tan-negożju tal-kontrollur, u b'hekk jagħmel dannu lid-drittijiet u l-libertajiet ta’ miljuni ta’ suġġetti tad-data fiż-ŻEE; għalhekk, il-miżura korrettiva magħżula fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ għandu jkollha l-ġħan li ġġib l-ipproċessar f'konformità mal-GDPR u b'hekk timminimizza d-dannu potenzjali lis-suġġetti tad-data maħluq mill-ksur tal-GDPR<sup>526</sup>.
287. Għalhekk, skont id-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, meta jitqiesu n-natura u l-gravità tal-ksur tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, kif ukoll l-ġħadd ta’ suġġetti tad-data affettwati, kien partikolarmen **importanti li jiġu imposti miżuri korrettivi xierqa**, minbarra multa, sabiex jiġi żgurat li Meta IE tikkonforma ma’ din id-dispożizzjoni tal-GDPR<sup>527</sup>.

---

<sup>524</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 284 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 286.

<sup>525</sup> B'mod aktar speċifiku, fit-tilwima li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, ċerti oġġezzjonijiet talbu l-impożizzjoni ta’ projbizzjoni jew limitazzjoni fuq l-ipproċessar jew ordni biex wieħed jastjeni mill-attivitatiet ta’ pproċessar fin-nuqqas ta’ bażi ġuridika valida (b'mod partikolari, l-oġġezzjonijiet tal-AS AT, NL, DE u NO). L-EDPB analizza l-merti tal-oġġezzjonijiet tal-AS AT u NL (li nstabu li kienu rilevanti u motivati fil-paragrafu 266 tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022) u ma ħa l-ebda pożizzjoni dwar il-merti tal-oġġezzjonijiet l-oħra dwar din il-kwistjoni li nstabu li ma kinux rilevanti u motivati, jiġifieri l-oġġezzjonijiet tal-AS DE u NO (ara l-paragrafu 268 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022).

Fir-rigward, minflok, tat-tilwima li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, ċerti oġġezzjonijiet talbu l-impożizzjoni ta’ projbizzjoni jew limitazzjoni fuq l-ipproċessar jew ordni biex wieħed jastjeni mill-attivitatiet ta’ pproċessar fin-nuqqas ta’ bażi ġuridika valida (b'mod partikolari, l-oġġezzjonijiet tal-AS AT, NL, DE u NO). L-EDPB analizza l-merti tal-oġġezzjonijiet tal-AS AT u NL (li nstabu li kienu rilevanti u motivati fil-paragrafu 269 tad-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022) u ma ħa l-ebda pożizzjoni dwar il-merti tal-oġġezzjonijiet l-oħra dwar din il-kwistjoni li nstabu li ma kinux rilevanti u motivati, jiġifieri l-oġġezzjonijiet tal-AS Ġermaniżi u NO (ara l-paragrafu 271 tad-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022).

<sup>526</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 282 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 284.

<sup>527</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 279 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 281.

288. Huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li l-EDPB qies li **mhuwiex meħtieġ li tiġi stabbilita ħtieġa urġenti għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni temporanja** minħabba li xejn fil-GDPR ma jillimita l-applikazzjoni tal-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR għal ċirkostanzi eċċeżżjonali<sup>528</sup>.
289. Filwaqt li fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB, l-EDPB ħa nota tal-elementi mqajma mill-oġġezzjonijiet biex jiġi jidher i-impresa projbizzjoni temporanja, li tikkonsisti essenzjalment fil-ħtieġa li jitwaqqfu l-attivitajiet ta' pproċessar li qed jitwettqu bi ksur tal-GDPR sakemm tiġi żgurata l-konformità sabiex jiġi evitat aktar preġudizzju għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, huwa qies li l-objettiv li tiġi żgurata l-konformità u li jintemmin id-dannu lis-suġġetti tad-data jista' jiġi ssodisfat b'mod adegwat ukoll billi tiġi emendata l-ordni biex l-iproċessar isir konformi previst fl-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-AS IE biex jiġi rifless il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR minn Meta IE<sup>529</sup>. F'dan ir-rigward, l-EDPB innota li din il-miżura tkun tirrikjedi li Meta IE tistabbilixxi l-miżuri tekniċi u operazzjonali meħtieġa biex **tinkiseb il-konformità f'perjodu ta' żmien stabbilit**<sup>530</sup>. **Tali perjodu ta' żmien ġie stabbilit li neċċessarjament ikun "perjodu qasir ta' żmien"**<sup>531</sup>. Id-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB kienu jinkludu, eventwalment, struzzjonijiet l-IE sabiex fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE jiġu inklużi ordnijiet għal Meta IE sabiex l-iproċessar tagħha ta' data personali għall-fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba fil-kuntest tas-servizz ta' Facebook jinġieb f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-GDPR fi żmien 3 xhur<sup>532</sup>. F'dan ir-rigward, l-EDPB qies li din l-iskadenza għall-konformità hija meħtieġa u proporzjonata, meta jitqies li **l-perjodu interim għall-konformità "se jinvolvi privazzjoni kontinwa serja tad-drittijiet tagħhom"** u r-riżorsi finanzjarji, teknoloġiċi u umani sinifikanti disponibbli għal Meta IE<sup>533</sup>.
290. Il-fatt li **l-perjodu ta' 3 xhur skada diversi xhur** ilu huwa element importanti li għandu jiġi kkunsidrat, li jimmarrka differenza sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni li l-EDPB analizza fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB. L-EDPB digħi qies li l-perjodu interim ta' 3 xhur għall-konformità jinvolvi "tiċħid serju kontinwu" tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data: il-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-privazzjoni tintemmin hija għalhekk saħansitra aktar ċara issa li ż-żmien previst inizjalment għadda bi tliet darbiet.
291. B'konsegwenza ta' dan, ir-raġunament tal-EDPB fid-Deċiżjonijiet Vinkolanti tal-EDPB dwar jekk kienx meħtieġ li tiġi imposta projbizzjoni fid-Deċiżjonijiet tal-AS IE jipprovd **argumenti favur il-kunsiderazzjoni li l-impożizzjoni ta' projbizzjoni tkun xierqa, meħtieġa u proporzjonata llum, aktar milli kontra dan.**

---

<sup>528</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 283 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 285.

<sup>529</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 285 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 287. Biex wasal għal din il-konklużjoni, l-EDPB enfasizza li l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità tirrikjedi li jiġi żgurat li l-miżura magħżula ma toħloqx żvantaġġi sproporzjonati fir-rigward tal-għan segwit, u l-Premessa 129 tal-GDPR tipprevedi li għandha tingħata kunsiderazzjoni biex jiġi żgurat li l-miżura magħżula ma toħloqx "kostijiet superfluwi" u "inkonvenjenzi eċċessivi" għall-persuni kkonċernati fid-dawl tal-objettiv segwit. Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 284 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 286.

<sup>530</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 285 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 287.

<sup>531</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 286 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 288.

<sup>532</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 288 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 290.

<sup>533</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 286 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 288.

292. L-EDPB jieħu nota wkoll tal-argument tal-AS NO li Meta IE għandha “proċedura faċilment disponibbli biex ittemm dan l-ipproċessar malajr”, peress li digħi implimentat mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni fiż-ŻEE fir-rigward tal-ipproċessar tagħha għal reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, li jippermetti s-sospensjoni tal-ipproċessar<sup>534</sup>.
293. L-EDPB jinnota wkoll l-argument ta’ Meta IE li skadenza qasira għall-implimentazzjoni ma tkunx fattibbli<sup>535</sup>, meta titqies il-ħtieġa għal proċess kumpless għall-implimentazzjoni ta’ projbizzjoni li tinvolfi diversi timijiet u ħafna sigħat ta’ xogħol<sup>536</sup>. B’mod iktar speċifiku, Meta tikkontesta li tista’ tikkonforma ruħha “(i) permezz ta’ applikazzjoni ġenerali tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni] għall-utenti kollha fiż-ŻEE, u mbagħad ‘bħala pass li jmiss’ (ii) ‘l-espansjoni tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni] biex jinkludi kategoriji ta’ pproċessar ta’ *data* koperti mill-[Ordni tal-AS NO]”, peress li digħi l-AS NO tirrikonoxxi għall-pass (ii) li dan ‘ikun jeħtieġ tfassil mill-ġdid tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni]”<sup>537</sup>.
294. Skont l-EDPB, l-argument tal-AS NO dwar l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni huwa raġonevoli tal-anqas għal dak li jikkonċerna l-ipproċessar attwalment imwettaq abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR (jiġifieri l-maġġoranza tal-ipproċessar tad-*data* personali miġbura fuq il-prodotti ta’ Meta li attwalment jitwettaq għall-finijiet ta’ reklamar li jagħraf l-imġiba)<sup>538</sup>, meta titqies ukoll li Meta IE ma spjegatx għaliex għall-ipproċessar abbażi tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR ikun meħtieġ “tfassil mill-ġdid” tal-mekkaniżmu; barra minn hekk, Meta IE tikkonferma li “l-oġġezzjonijiet rilevanti kollha” huma onorati li jwasslu biex “l-utent [ikun] “eskuż” minn dan l-ipproċessar”<sup>539</sup>.

<sup>534</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12–13.

<sup>535</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>536</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15.

<sup>537</sup> Is-Sottomissjonijiet ta’ Meta IE tas-26 ta’ Settembru 2023, p. 15 (“l-argumenti ta’ Li Tinjora lil [Meta IE], l-[AS NO] tiddikjara li [Meta IE] tista’ tikkonforma (i) permezz ta’ applikazzjoni ġenerali tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni] għall-utenti kollha madwar iż-ŻEE, u mbagħad “bħala l-pass li jmiss” (ii) l-espansjoni tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni] sabiex jinkludi kategoriji ta’ pproċessar tad-*data* koperti mill-[Ordni tal-AS NO]. Kif firrikonoxxi huwa stess l-argument tal-[AS NO] fil-pass (ii), il-konformità mal-[Ordni tal-AS NO] (jew deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB ibbażata fuq [id-digriet tal-AS NO]) tkun teħtieġ tfassil mill-ġdid tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni]. Bħala tfakkira, il-bini tal-infrastruttura ta’ appoġġ u l-introduzzjoni tal-[mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni] kienu jinvolvu mijiet ta’ eluf ta’ sigħat ta’ xogħol minn timijiet multidixxiplinari inklużi l-ingħiniera tal-prodotti, tat-tagħlim awtomatiku u tal-infrastruttura, id-disinjaturi tal-esperjenza tal-utent, l-operazzjonijiet, il-politika, il-kummerċjalizzazzjoni u legali għat-tfassil, il-bini u l-implimentazzjoni tas-sistemi, tal-proċessi u tal-esperjenza tal-utent meħtieġa biex [Meta IE] tkun tista’ tissodisa r-rekwiżiti differenti tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR. L-affermazzjoni spekulattiva tal-[AS NO] li din tista’ tifforma xi tip ta’ soluzzjoni ta’ konformità immedjata hija fundamentalment żbaljata”).

<sup>538</sup> Ara r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar FB, il-paragrafi 3.1.3 u 5.8.2, u r-Rapport ta’ Konformità ta’ Meta IE dwar id-Deċiżjoni tal-AS IE dwar IG, il-paragrafi 3.1.3 u 5.8.2. Ara wkoll il-paragrafi 103–106 hawn fuq.

<sup>539</sup> L-ilment dwar il-Merti ta’ Meta IE ppreżentat lill-Qorti Distrettwali ta’ Oslo fis-16 ta’ Ottubru 2023, p. 14–15 (“mit-tnedja tal-Mekkaniżmu ta’ Oġġezzjoni, Meta [IE] onorat l-oġġezzjonijiet rilevanti kollha mingħajr kwalifika u mingħajr ma wettqet valutazzjoni tal-ibbilanċjar biex tiddejra jekk għandhiex raġunijiet leġittimi konvinċenti biex tegħleb l-oġġezzjoni tal-utent. Kulma jiġi vverifikat huwa li l-oġġezzjoni (i) hija relatata mal-ipproċessar tar-reklamar li jagħraf l-imġiba li Meta [IE] attwalment twettaq skont l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR, u (ii) tiġi sottomessa minn utent ġenwin ibbażat fl-UE/fiż-ŻEE (biex jiġi kkonfermat li Meta [IE] hija l-kontrollur u li jaapplika l-GDPR). Hekk kif it-tim tal-operazzjonijiet ta’ Meta [IE] jkun ikkonferma (i) u (ii) abbażi tal-informazzjoni limitata li l-utent jintalab jipprovd, l-utent jiġi ‘opted-out’ minn dan l-ipproċessar”).

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-konklużjoni tal-AS IE fid-Dokument ta’ Pożizzjoni Finali tal-AS IE fejn il-konformità mal-GDPR tal-mekkaniżmu ta’ oġġezzjoni stabbilit minn Meta IE ma ntwerietx (il-paragrafi 7.60–7.66).

295. Barra minn hekk, filwaqt li ġertament l-impożizzjoni ta' projbizzjoni tikkawża żvantaġġi sinifikanti għall-kontrollur<sup>540</sup>, I-EDPB iqis li tali żvantaġġi mhumieks f'dan il-mument, per se, sproporzjonati meta mqabbla mad-dannu kkawżat lis-suġġetti tad-data mill-ipproċessar illegali u min-nuqqas ta' konformità kontinwu. F'dan ir-rigward, barra minn hekk, I-EDPB jinnota li l-kontrollur ingħata l-opportunità li jieħu rimedji mingħajr ma jiffaċċja dawn l-iżvantaġġi. Kif ġie enfasizzat hawn fuq<sup>541</sup>, għaddew diversi xħur mill-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE u mill-iskadenza għall-ordnijiet biex l-ipproċessar isir konformi li jinsabu fihom. F'dan l-istadju, il-kontrollur wettaq sforzi biex jikkonforma mal-GDPR iżda għadha ma n-tlaħqitx il-konformità, kif indikat fid-Dokument ta' Pożizzjoni Finali tal-AS IE, u għad ma hemm l-ebda indikazzjoni ċara li l-konformità se tintlaħha dalwaqt<sup>542</sup>. L-impożizzjoni ta' ordni sabiex l-ipproċessar isir konformi fi żmien qasir ma rnexxilhiex tilħaq l-għan imfitteq minnha, li jikkonsisti fl-“iżgurar tal-konformità u t-tmiem tad-dannu lis-suġġetti tad-data”<sup>543</sup>.
296. Fid-dawl tal-elementi ta' hawn fuq, I-EDPB iqis li huwa **xieraq, meħtieġ u proporzjonat li jordna miżuri finali li jikkonsistu fi projbizzjoni fuq l-ipproċessar**, li għandhom jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR.
297. L-EDPB iqis li, f'dan il-każ partikolari, ikun proporzjonat li jiġi pprovdut **perjodu ta' implementazzjoni biex Meta IE tkun tista' timplementah**.
298. L-EDPB jaqbad l-okkażjoni biex jispeċċifika li l-Ordn tal-AS NO nħarġet ukoll fl-14 ta' Lulju 2023 iżda ppreveda li din kienet se ssir applikabbi biss mill-4 ta' Awwissu 2023<sup>544</sup>.
299. Fl-istess ħin, il-perjodu ta' implementazzjoni għandu jkun qasir, fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni kif deskritta b'mod estensiv fit-taqsimiet ta' hawn fuq ta' din id-deċiżjoni vinkolanti urgħenti u b'mod partikolari tal-ħtieġa urgħenti li jintemm l-ipproċessar illegali li qed isir għad-detriment tas-suġġetti tad-data.
300. Skont I-EDPB, fid-dawl tal-elementi fil-fajl, l-implementazzjoni ta' projbizzjoni f'perjodu qasir ta' żmien għandha tkun teknikament u prattikament fattibbi għal Meta IE. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta jitqies li Meta IE digħi tipprevedi l-implementazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kunsens [REDACTED] Barra minn hekk, Meta IE kienet konxja mill-ħtieġa li jintemm l-ipproċessar illegali min-notifika tad-Deċiżjonijiet tal-AS IE adottati f'Diċembru 2022.
301. Għalhekk, I-EDPB iqis li, f'dan il-każ partikolari, **huwa proporzjonat li l-projbizzjoni fuq l-ipproċessar tkun effettiva ġimġha wara n-notifika tal-miżuri finali lill-kontrollur**.
302. Barra minn hekk, I-EDPB jiċċara li l-projbizzjoni għandha tirreferi għall-ipproċessar ta' **data personali minn Meta IE miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi**

<sup>540</sup> Fl-ittra ta' Meta IE lill-AS NO tal-14 ta' Awwissu 2023, Meta IE telenka l-isfidi li possibbilment jirriżultaw mill-“waqfien” tal-ipproċessar ta' *data personali* tal-utenti Norveġiżi għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, li jinvolvu l-ħtieġa li jsiru bidliet fil-kodiċi ta' Meta IE u fl-infrastruttura relatata, li jiġu informati l-utenti, li r-reklamaturi jingħataw avviż minn qabel xieraq, u li tistenna lill-utenti jaġġornaw l-apps tagħhom. Meta IE tenfasizza wkoll id-dannu possibbi li jirriżulta minn sospensjoni tar-reklamar li jagħraf l-imġiba fin-Norveġja, marbut ma' dħul mitluf, dannu għar-Reputazzjoni, u telf ta' dħul futur (p. 8–10).

<sup>541</sup> Ara l-paragrafu 290 hawn fuq. Ara wkoll is-Sottomissionijiet ta' Meta Ireland tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 23–24; Ittra ta' Meta Ireland lill-AS NO tal-14 ta' Awwissu 2023, p. 8–9.

<sup>542</sup> Ara wkoll is-Sottomissionijiet ta' Meta IE tal-25 ta' Awwissu 2023, p. 23–24; Ittra ta' Meta IE lill-AS NO tal-14 ta' Awwissu 2023, p. 8–9..

<sup>543</sup> Id-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, il-paragrafu 285 u d-Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, il-paragrafu 287.

<sup>544</sup> L-Ordn tal-AS NO, p. 3–4.

**tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.** L-attivitajiet ta' pproċessar li għalihom tirreferi l-projbizzjoni huma: (i) l-ipproċessar ta' *data* personali, inkluża *data* dwar il-post u *data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar, miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, wara li jkun ġie stabbilit f'dan ir-rigward il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR; (ii) l-ipproċessar ta' *data* personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, wara li jkun ġie aċċertat f'dan ir-rigward il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR<sup>545</sup>.

303. L-EDPB iqis li, b'mod ġenerali, **l-ambitu ġeografiku** tal-miżuri finali ordnati skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR għandu jkun usa' mit-territorju tal-AS li tagħmel it-talba. Filwaqt li huwa previst mill-Artikolu 66(1) tal-GDPR li l-miżuri provviżorji urgħenti adottati mill-AS li tagħmel it-talba jaapplikaw biss għat-territorju ta' dik l-AS, l-intervent tal-EDPB għandu l-għan li jiżgura applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, fid-dawl tal-Artikoli 63 u 70 tal-GDPR. Il-miżuri finali għandu għalhekk ikollhom ambitu ġeografiku usa' biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data kollha affettwati; dan il-kamp ta' applikazzjoni jista', skont il-kwistjoni, ikopri diversi Stati Membri<sup>546</sup>. L-AS NO talbet li l-miżuri finali, jekk ikun hemm, "għandhom jiġu applikati fiż-ŻEE kollha, sabiex tiġi evitata deroga mill-armonizzazzjoni u l-konsistenza li l-GDPR għandu l-għan li jiżgura"<sup>547</sup>. Peress li f'dan il-każ l-ipproċessar illegali jseħħi u jaffettwa d-drittijiet u l-libertà tas-suġġetti tad-data fiż-ŻEE kollha, l-EDPB jaqbel li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali xieraq huwa li l-miżuri finali jkunu applikabbli fiż-ŻEE kollha, u jaqbel mal-AS NO dwar il-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni fil-protezzjoni mogħtija lis-suġġetti tad-data. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri finali għat-territorju Norveġiż tħallha qiegħi minn is-saqi minn is-saqi fit-territorju tagħha stess skont l-Artikolu 66(1) tal-GDPR u titlob deċiżjoni vinkolanti urgħenti tal-EDPB skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR li twassal għall-ħtieġa li jiġu adottati miżuri finali limitati għat-territorju tagħhom stess. Sitwazzjoni bħal din tista' tirriżulta wkoll f'taħħita ta' miżuri finali u frammentazzjoni f'pajjiżi fejn l-AS ma aġixxiet<sup>548</sup>.
304. L-EDPB iqis li d-destinatarju tal-miżuri finali li jikkonsistu fi projbizzjoni fuq l-ipproċessar għandu jkun Meta IE, li għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-konformità mad-deċiżjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar fil-kuntest tal-istabbilimenti kollha tagħha fiż-ŻEE. F'konformità ma' dan, u peress li Facebook Norway kienet soġġetta għall-Ordni tal-AS NO flimkien ma' Meta IE u meta jitqiesu s-sottomissionijiet tagħha, Facebook Norway — li hija l-istabbiliment Norveġiż ta' Meta IE — għandha tiġi infurmata dwar l-eżitu u tirċievi kopja tal-miżuri finali u tad-deċiżjoni vinkolanti urgħenti tal-EDPB.

#### 5.1.4 Konklużjoni

305. Fid-dawl tal-elementi kollha ta' hawn fuq, l-EDPB iqis li huwa meħtieġ li jiġu ordnati miżuri finali, li jikkonsistu fi projbizzjoni fuq l-ipproċessar skont l-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR.
306. Din il-projbizzjoni fuq l-ipproċessar għandha tiġi indirizzata lil Meta IE, u ssir effettiva ġimġha wara n-notifika tal-miżuri finali lilhom.

---

<sup>545</sup> Analiżi aktar bir-reqqa tista' tinstab hawn fuq fil-paragrafi 97–99, 103–104, 147–148 u 152–153.

<sup>546</sup> L-Opinjoni Konġunta 01/2023 tal-EDPB–EDPS dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679, il-paragrafu 114.

<sup>547</sup> It-Talba tal-AS NO lill-EDPB, p. 12.

<sup>548</sup> L-Opinjoni Konġunta 01/2023 tal-EDPB–EDPS dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679, il-paragrafu 115.

307. L-EDPB iqis li l-projbizzjoni għandha tirreferi għall-ipproċessar ta' *data personali* ta' Meta IE għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u tal-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR fiż-ŻEE kollha, kif deskrirt hawn fuq fil-paragrafi 303–304.

## 5.2 Adozzjoni tal-miżuri finali u notifikasi lill-kontrollur

308. Il-GDPR ma jispeċifikax il-passi proċedurali li għandhom jittieħdu wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-EDPB skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-iskadenza ta' ġimħażżej għall-adozzjoni hija spēcifikata “b’deroga mill-[...] l-Artikolu 65(2) [tal-GDPR]” (l-Artikolu 66(4) tal-GDPR). Konsegwentement, l-EDPB iqis li, minbarra l-Artikolu 65(2) tal-GDPR, il-proċedura stabbilita mill-Artikolu 65(5) tal-GDPR u l-Artikolu 65(6) tal-GDPR tirrappreżenta punt ta' referenza.
309. Id-Deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB għandha tiġi indirizzata lil-LSA u lis-CSAs kollha u tkun vinkolanti fuqhom<sup>549</sup>. Il-President tal-Bord għandu jinnotifikasi, mingħajr dewmien żejjed, id-deċiżjoni vinkolanti urġenti lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, u jinforma lill-Kummissjoni Ewropea b'dan<sup>550</sup>.
310. Filwaqt li jitqies li l-miżuri finali sejkollhom ikunu applikabbli fiż-ŻEE kollha (kif previst fit-taqsimiet 5.1.3 u 5.1.4 ta' hawn fuq), l-EDPB iqis li l-AS IE, fir-rwl tagħha ta' LSA, sejkollha tadotta deċiżjoni nazzjonali li timponi l-miżuri li l-EDPB qies neċċesarji sabiex jordna bħala miżuri finali skont l-Artikolu 66(2) tal-GDPR<sup>551</sup>. Dan kien digħi previst mill-AS IE nnifisha<sup>552</sup>.
311. Filwaqt li l-proċedura stabbilita mill-Artikolu 65(5) tal-GDPR u l-Artikolu 65(6) tal-GDPR tirrappreżenta punt ta' referenza, kif imsemmi hawn fuq, l-EDPB iqis li l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 65(6) biex l-AS tadotta d-deċiżjoni nazzjonali tagħha (xahar fil-proċedimenti tal-Artikolu 65) jista' jkollha bżonn titqassar, fuq bażi ta' każ b'każ, fil-proċedimenti tal-Artikolu 66. L-urġenza tal-proċedura hija enfasizzata bit-tqassir tal-iskadenza għall-Bord biex jadotta d-deċiżjoni jew l-opinjoni vinkolanti urġenti tiegħi skont l-Artikolu 66(4) tal-GDPR. Għalhekk ikun kontrointuwittiv, u kontra r-rieda tal-leġiżlatur, li wieħed jimmäġina li l-iskadenza għall-AS biex tadotta d-deċiżjoni nazzjonali tagħha għandha tibqa' l-istess fil-proċedimenti tal-Artikolu 66. Filwaqt li l-EDPB jirrikonoxxi l-ħtieġa għal żmien li jippermetti lill-AS tabbozza deċiżjoni nazzjonali u possibbilmment tisma' lill-kumpanija, f'dan il-każ partikolari huwa meħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu d-data tal-iskadenza tal-Miżuri Proviżorji (it-3 ta' Novembru 2023) kif ukoll is-sitwazzjoni mtawla ta' nuqqas ta' konformità li twassal għall-urġenza tas-sitwazzjoni kif deskritta hawn fuq.
312. F'dan il-każ, l-EDPB iqis li d-deċiżjoni nazzjonali għandha tiġi adottata mill-AS IE mingħajr dewmien żejjed u **mhux aktar tard minn ġimħażżej wara li l-EDPB ikun innotifikasi d-deċiżjoni vinkolanti urġenti tiegħi lill-AS IE u lis-CSAs kollha**. L-EDPB jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-adozzjoni tad-deċiżjoni nazzjonali qabel l-iskadenza tal-Miżuri Proviżorji fit-3 ta' Novembru 2023 tkun mixtieqa peress li

<sup>549</sup> L-Art. 65 (2) tal-GDPR. Skont l-Art. 66(4) tal-GDPR, din id-dispożizzjoni hija derogata fir-rigward tal-iskadenza għall-adozzjoni; għalhekk, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 65(2) tal-GDPR tapplika bis-s-ṣhiħ.

<sup>550</sup> Ara l-Art. 65 (5) tal-GDPR. Meta jitqies il-fatt li l-AS NO kienet l-AS li għamlet it-talba skont l-Artikolu 66(2), l-EDPB jinforma wkoll lill-Awtoritāt ta' Sorveljanza tal-EFTA, fid-dawl tal-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, l-ittra m tad-Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018.

<sup>551</sup> Ara l-Art. 65 (6) tal-GDPR.

<sup>552</sup> L-AS IE tqis li t-Talba tal-AS NO lill-EDPB tfitħex li tikseb deċiżjoni vinkolanti urġenti mill-EDPB, “li l-effett nett tagħha jkun li ġġiegħel lill-[AS IE], bħala LSA, timponi projbizzjoni madwar iż-ŻEE (...). (F'dak ir-rigward, huwa ovvjaġament il-każ li ma jkunx possibbli għall-EDPB li jeżerċita setgħat korrettivi direttament kontra kwalunkwe kontrollur jew proċessur)”. L-Ittra tal-AS IE lill-AS NO tat-13 ta' Ottubru 2023, p. 3.

tippermetti li tiġi evitata lakuna fis-sitwazzjoni legali għal dak li jikkonċerna t-territorju Norveġiż. Barra minn hekk, I-AS IE se jkollha t-innotifika d-deċiżjoni nazzjonali lil Meta IE, u tehmeż id-deċiżjoni vinkolanti urġenti<sup>553</sup>.

313. L-EDPB jitlob ukoll lill-AS NO tinforma lil Facebook Norway dwar l-eżitu ta' dawn il-proċedimenti, billi tikkondivid i kopja tad-deċiżjoni nazzjonali tal-AS IE u tad-deċiżjoni vinkolanti urġenti, wara n-notifika mill-AS IE tad-deċiżjoni nazzjonali tagħha lil Meta IE.

## 6 DEĊIŻJONI VINKOLANTI URĠENTI

314. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u f'konformità mal-kompli tal-EDPB skont l-Artikolu 70(1)(t) tal-GDPR li joħroġ deċiżjonijiet vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66 tal-GDPR, il-Bord joħroġ id-deċiżjoni vinkolanti li ġejja f'konformità mal-Artikolu 66(2) tal-GDPR.
315. Fir-rigward tal-eżistenza ta' ksur, abbażi tal-evidenza pprovduta, l-EDPB jikkonkludi li hemm ksur kontinwu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data* personali, inkluża *data* dwar il-post u *data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar, miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba.
316. L-EDPB jikkonkludi wkoll li hemm ksur kontinwu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR għall-ipproċessar ta' *data* personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba.
317. Barra minn hekk, l-EDPB jikkonkludi li Meta IE bħalissa qed tikser id-dmir tagħha li tikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji.
318. Dwar l-eżistenza ta' urġenza, l-EDPB iqis li l-ħtieġa urġenti li jiġu ordnati miżuri finali hija ċara fid-dawl tar-riskji li l-ksur jirrappreżenta għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data mingħajr l-adozzjoni ta' miżuri finali<sup>554</sup>. Minħabba tali riskji, l-EDPB isib ukoll li hemm bżonn ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza biex jiġu ordnati miżuri finali minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni<sup>555</sup>.
319. L-EDPB iqis ukoll li l-AS IE, billi ma pprovdiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61(5) tal-GDPR fi żmien l-iskadenza ta' xahar, naqset milli tindirizza t-Talba għal Assista Reċiproka tal-AS NO u li għalhekk il-preżunzjoni ta' urġenza stabbilita mill-Artikolu 61(8) tal-GDPR hija applikabbi f'dan il-każ speċifiku, li jkompli jikkorrobora l-ħtieġa ta' deroga mill-mekkaniżmi regolari ta' kooperazzjoni u konsistenza<sup>556</sup>.
320. Meta titqies l-eżistenza tal-ksur kontinwu msemmi hawn fuq tal-GDPR u l-eżistenza ta' ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni minkejja l-proċess li għaddej immexxi mill-AS IE, l-EDPB iqis li, f'dan il-mument, huma meħtieġa aktar miżuri ta' infurzar.
321. Għalhekk, fid-dawl tal-analiżi mwettqa hawn fuq<sup>557</sup>, l-EDPB iqis li huwa xieraq, proporzjonat u neċċesarju li jiġu ordnati miżuri finali, li jikkonsistu fi projbizzjoni fuq l-ipproċessar skont l-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR.

<sup>553</sup> Kif deskrirt fl-Art. 65 (6) tal-GDPR u fil-paragrafu 308 hawn fuq.

<sup>554</sup> Ara t-Taqsima 4.2.1.3 hawn fuq.

<sup>555</sup> Ara l-paragrafu 220 hawn fuq.

<sup>556</sup> Ara t-Taqsima 4.2.2.3 hawn fuq, inkluż il-paragrafu 257.

<sup>557</sup> Ara t-Taqsimiet 5.1.3 u 5.1.4 hawn fuq.

- 322. Din il-projbizzjoni fuq l-iproċessar għandha tiġi indirizzata lil Meta IE, u ssir effettiva ġimgħa wara n-notifika tal-miżuri finali lilhom.
- 323. L-EDPB iqis li l-projbizzjoni għandha tirreferi għall-iproċessar minn Meta IE ta' *datapersonali* miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR u l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR fiż-ŻEE kollha. L-attivitajiet ta' pproċessar li għalihom tirreferi l-projbizzjoni huma: (i) l-iproċessar ta' *data* personali, inkluża *data* dwar il-post u *data* dwar l-interazzjoni mar-reklamar, miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal finijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, wara li jkun ġie stabbilit f'dan ir-rigward il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR; (ii) l-iproċessar ta' *data* personali miġbura fuq il-prodotti ta' Meta għal skopijiet ta' reklamar li jagħraf l-imġiba, wara li jkun ġie aċċertat f'dan ir-rigward il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jirriżulta minn dipendenza mhux xierqa fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.
- 324. L-EDPB jagħti struzzjonijiet lill-AS IE sabiex tadotta deċiżjoni nazzjonali li jkun fiha l-miżuri finali ordnati mill-EDPB mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn ġimġhtejn wara li l-EDPB ikun innotifika d-deċiżjoni vinkolanti urġenti tiegħu lill-AS IE u lis-CSAs kollha. L-AS IE għandha tinnotifika d-deċiżjoni nazzjonali, billi tehmeż id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB, ma' Meta IE mingħajr dewmien żejjed.
- 325. L-EDPB jagħti struzzjonijiet lill-AS NO biex tinforma lil Facebook Norway dwar l-eżitu ta' dawn il-proċedimenti.

## 7 KUMMENTI TAL-GħELUQ

- 326. Din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti hija indirizzata lill-AS IE, lill-AS NO u lis-CSAs l-oħra kollha.
- 327. L-EDPB iqis li d-deċiżjoni attwali tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż mal-istess partijiet.
- 328. L-AS IE għandha tadotta d-deċiżjoni nazzjonali tagħha mhux aktar tard minn ġimġhtejn wara n-notifika tad-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB.
- 329. L-AS IE għandha tinnotifika d-deċiżjoni nazzjonali tagħha u din id-deċiżjoni vinkolanti urġenti lil Meta IE mingħajr dewmien żejjed. L-AS IE għandha tinforma lill-EDPB bid-data meta d-deċiżjoni nazzjonali tiġi nnotifikata lill-kontrollur.
- 330. L-AS NO għandha tinforma lil Facebook Norway dwar l-eżitu ta' dawn il-proċedimenti mingħajr dewmien żejjed wara n-notifika tad-deċiżjoni nazzjonali lil Meta IE.
- 331. L-AS IE se tikkomunika d-deċiżjoni finali tagħha lill-EDPB. Skont l-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR, id-deċiżjoni finali tal-AS IE kkomunikata lill-EDPB tiġi inkluża fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Anu Talus)